>> f'paġna 4

Ħalbiet tax-xita

▲ 21°C
▼ 16°C



## Il-KE: Malta bl-akbar tkabbar ekonomiku fl-UE fl-2022

L-investiment barrani fis-settur tan-niċċa ekonomika diġitali jibqa' jiddomina.

>> f'paġna 47



## Mangia jisħaq li għandna ninsew id-disfatta kontra l-Kroazja

Illum Malta tilgħab kontra l-Islovakkja fl-aħħar logħba mit-Tazza tad-Dinja 2022.




Il-Ministru Aaron Farrugia: Nemmen li għandna bażi biex naħdmu u nimxu lejn COP ieħor is-sena d-dieħla li se jsir fl-Eġittu.


# it-TORĊA

No. 5064
Il-Ħadd 14 ta' Novembru 2021 | €1.50
talk.mt
Aqra l-gazzetta diġitali
Subscribe.mt


>> p 15 - "Irridu nkunu ambizzjużi filwaqt li nkomplu nwettqu l-bidla" p 30 - Aktar ġustizzja għall-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol




# IT-TFAL "BLA POST LI JSEJĦU DAR"

### ... "ansjetà għolja" u "telf ta' abbiltà"

"Li nkun mhedda jew imsawwta issa drajtha. Jiġi, ikun xorob u jinfexx fina. Jaqbad kwistjoni ma' kull ħaġa ta' xejn. Jibda jkisser u jsabbat. Li jikwetani mhux għax jinfexx fija imma għax anke t-tfal jeħlu ma rasu. Ninkwieta narahom imwerwrin. Ġieli inqaflu f'kamarthom, xi ħaġa li issa ma jistgħux jagħmlu għax sgassa l-bibien. Uliedi qed, ibatu wisq. Narahom jaħsbu. Ħosbiena. Qishom aptit ta' xejn.

>> f'paġna 38




VICTOR VELLA
vvella@unionprint.com.mt


## Malta fost l-aktar li naqsu l-emissjonijiet tas-CO2

Il-ġurnal influwenti The Economist din il-ġimgħa għamel analiżi fuq kif żviluppaw l-emissjonijiet tal-karbonju fl-aħħar snin. Dan wara li rapport riċenti maħruġ mill-aġenzija ta' riċerka Globan Carbon Project, innota kif fl-aħħar għaxar snin fl-aħħar jidher li l-emissjonijiet tal-karbonju bdew jilħqu ċertu stabilità. Dan minħabba li f'pajjiżi żviluppati bħal l-Amerika u dawk tal-Unjoni Ewropea rnexxielhom ibaxxu l-emissjonijiet biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għaż-żieda li għamlu pajjiżi li għadhom jiżviluppaw.

L-Economist innota kif 76 pajjiż irnexxielhom inaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju ras għal ras b'aktar minn 5% fl-aħħar deċenju. Imma f'ħafna każi dan kien minħabba li kien hemm tnaqqis fir-ritmu ekonomiku f'dawn il-pajjiżi. Kien biss f'24 pajjiż fejn żdiedet l-attività ekonomika ras għal ras u fl-istess ħin naqsu l-emissjonijiet tal-karbonju ras għal ras.

>> f'paġna 5




# PROĠETT TA' RIĊERKA GĦAL AKTAR SIKUREZZA FL-IVJAĠĠAR BL-AJRU








L-ivjaġġar bl-ajru jibqa' wieħed mill-aktar sistemi ta' vjaġġar sikuri, imma meta jiġri inċident, ħafna drabi r-riżultat ikun wieħed katastrofiku, partikolarment minħabba d-daqs tal-ajruplan u l-għoli li jivjaġġa fih. Meta tneħħi problemi mekkaniċi u eventwalitajiet imprevedibbli bħat-temp, għasafar jew sabotaġġ, wieħed mill-kawżi l-aktar komuni ta' inċidenti tal-ajru huwa l-iżball uman.

Hemm studji li juru li mat-tmenin fil-mija tal-inċidenti tal-ajru huma relatati ma' żball uman, bl-aktar komuni jkun nuqqas ta' kontroll ta' persuni li jaħdmu f'dan il-kamp.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-bdoti jieħdu għadd ta' deċiżjonijiet importanti u jwettqu għadd kbir ta' azzjonijiet kumplessi waqt li joperaw l-inġenji tal-ajru. Il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru, jimmonitorjaw u jirregolaw l-aspetti kollha tal-ajruplani fl-arja u fir-runway. Xogħolhom hu li jidderieġu t-traffiku tal-ajru u jżommu l-ajruplani f'distanza sigura minn xulxin. Nuqqas ta' gwida adegwata lill-piloti jew nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-kontrolluri jista' jkollhom konsegwenzi diżastrużi. Il-manutenzjoni tal-ajruplan hija kruċjali għax jekk il-partijiet tal-ajruplan jaħdmu ħażin jistgħu jikkawżaw kundizzjonijiet perikolużi għat-titjir.

## It-Teknoloġija fil-qasam tal-avjazzjoni

Hu hawn fejn tidħol it-teknoloġija u l-innovazzjoni. Permezz tat-teknoloġija, qiegħda dejjem tonqos iktar il-probabbilta' tal-iżball uman. M'għandniex xi ngħidu, dawn l-avvanzi jagħmlu x-xogħol iktar faċli u effiċjenti wkoll. It-teknoloġija rrivoluzzjonat l-industrija tal-avjazzjoni, u mkien aktar qawwi milli fil-qasam tas-sikurezza. Permezz tal-iżvilupp fit-teknoloġija pereżempju, ir-rata ta' ħsarat fil-magni tal-ajruplani waqt it-titjira, naqsu minn każ wieħed f'5,000 siegħa fl-1970, għal kas wieħed biss f'kull 100,000 siegħa fl-ajru fl-2015.

## Proġett ta' riċerka Malti

Forsi ftit li xejn nafu li propju ġewwa l-Università' ta' Malta, riċerkaturi Maltin ħolqu teknoloġija innovattiva li tuża l-intelliġenza artifiċjali biex tiġbor u tanalizza dejta dwar it-titjiriet b'mod li tista' żżid l-effiċjenza u s-sikurezza tal-ajruplani u tnaqqas ukoll l-impatt tat-titjira fuq l-ambjent.

Tkellimna dwar dan il-proġett ta' riċerka mal-Ministru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Dr Owen Bonnici. Dr Bonnici qalilna li bl-għajnuna ta' €200,000 f'fondi mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknologija (MCST), kollaborazzjoni mmexxija mill-Istitut għat-Teknoloġiji Ajruspazjali u d-Dipartiment tal-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u tal-Kompjuter fl-Università ta' Malta, u l-imsieħba industrijali QuAero rat l-iżvilupp ta' apparat li permezz tiegħu jiġu adottati tekniki awtomatiċi moderni biex tiġi analizzata d-dejta tat-titjiriet.

Huwa spjega li l-Monitoraġġ tad-Data tat-Titjir (FDM) jifforma parti integrali mis-sistemi tas-sikurezza fl-operazzjonijiet tat-titjir. L-użu tradizzjonali tal-FDM juża limitu sikur tal-parametri u jiskopri n-nuqqasijiet fl-ajruplan jew fl-inġenji tiegħu. Dan imbagħad iwassal għal aktar analiżi u investigazzjoni.

Huwa qal li madankollu, filwaqt li l-FDM tiġġenera ammonti kbar ta' dejta u tipprovdi għadd kbir ta' informazzjoni li tista' tintuża biex ittejjeb l-operat tal-linji tal-ajru, is-sikurezza u l-effiċjenza, l-approċċ statistiku attwali mhuwiex adegwat




biżżejjed. "Għalhekk, dan il-proġett jadotta tekniki ta' dejta kbira biex janalizza b'mod komputazzjoni għal għarfien u jiżvela mudelli u xejriet fid-dejta tat-titjir," spjega Dr Bonnici.

"L-aqwa software li jeżisti bħalissa għal-monitoraġġ tad-dejta tat-titjir," qal Dr Bonnici, "huwa bbażat fuq avvenimenti singoli. Meta avveniment jaqbeż il-limitu massimu aċċettabbli, dan jiġi mmarkat, u b'hekk tiskatta investigazzjoni mill-uffiċċju tas-sikurezza biex jidentifika l-fatturi li setgħu kkawżaw problema. Minn hemm, jittieħdu l-passi neċessarji mill-linja tal-ajru f'dan ir-rigward."

## Sistema innovattiva għall-monitoraġġ tad-dejta tat-titjir

Il-Ministru Bonnici speċifika li din is-sistema tradizzjonali jekk wieħed irid isejħilha hekk kellha rwol importanti biex tidentifika u tevalwa kwistjonijiet ta' sikurezza iżda hija wisq impenjattiva u tiffoka dejjem fuq ajruplan wieħed.

"L-innovazzjoni SMART-FDM (Smart Flight Data Monitoring) indirizzat dawn l-isfidi billi applikat sistema ta' monitoraġġ ta' dejta permezz ta' intelliġenza artifiċjali għall-mument x'ħin l-ajruplan jasal għall-inżul. Tajjeb li ngħidu li 50% tal-inċidenti tal-ajru fatali jsiru f'dan il-mument kruċjali," kompla l-Ministru.

Il-Ministru Bonnici spjegalna li, "Tipikament, id-dejta tal-ajruplani tiġi rreġistrata matul it-titjira u mbagħad tintuża offline biex tiġi analizzata l-prestazzjoni tal-ajruplan." SmartFDM pero tippermetti li titqabbel id-dejta minn flotta kbira ta' ajruplani, tistabbilixxi anomaliji potenzjali fid-dejta u tittraċċaha mal-parametri tat-titjira. Din id-dejta mbagħad," kompla Dr Bonnici, "tkun tista' tintuża biex ittejjeb l-analiżi ta' wara l-monitoraġġ, iżżid l-effiċjenza tal-operat, ittejjeb is-sikurezza, u tirriżulta f'redditi kummerċjali akbar u tnaqqis fl-impatt tal-operat fuq l-ambjent."

Il-Ministru Bonnici qalilna li din ir-riċerka innovattiva li tmexxiet minn Dr Robert Camilleri wasslet għar-reġistrazzjoni ta' applikazzjoni għal privattiva. Huwa faħħar ix-xogħol siewi li sar mir-riċerkaturi u rringrazzja lill-MCST talli tappoġġja proġetti bħal dawn u tkompli dejjem issaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni f'Malta.

"Din ir-riċerka," qalilna l-Ministru Bonnici, "għandha l-għan li twessa' l-użu tat-tagħlim awtomatiku u l-intelliġenza artifiċjali fl-industrija tal-avjazzjoni u wriet biċ-ċar li dan joffri benefiċċji fil-kapaċità li jinqabdu anomaliji fl-ajruplani, jiġu investigati l-oriġini tagħhom, u b'hekk tittejjeb is-sikurezza u jittejbu l-aspetti operattivi tal-linji tal-ajru. It-tim issa jinsab fil-proċess li jiżviluppa għodda kummerċjali."

## Inkomplu nsaħħu s-settur tar-riċerka f'pajjiżna

"Il-formazzjoni ta' konsorzji bejn is-settur pubbliku u dak privat hija kruċjali għall-konkretizzazzjoni ta' proġetti ta' riċerka li jwasslu għal soluzzjonijiet innovattivi, li fl-aħħar mill-aħħar se jirriżultaw fi tkabbir ekonomiku għal pajjiżna u f'ġid għall-poplu tiegħu," qal il-Ministru. "Meta riċerkaturi akkademiċi u esperti fil-manifattura industrijali jaqsmu bejniethom l-għarfien u l-ħiliet f'kollaborazzjoni sħiħa, tista' sseħħ innovazzjoni reali."

Il-Ministru kompla billi qal, "Sa ftit taż-żmien ilu konna naħsbu li din it-tip ta' riċerka ssir biss f'pajjiżi ħafna ikbar minn Malta, u forsi konna nistennew il-barranin joħorġu bis-soluzzjonijiet ġodda fil-qasam tal-avjazzjoni u l-ajrunawtika. Dan m'għadux il-kas. Ir-riċerkaturi Maltin għaddejjin b'ħafna xogħol siewi fis-skiet u bla daqq tat-trombi, u qed iħabbtuha sew ma' riċerkaturi barranin, u jagħmlu isem għal pajjiżna."

"Din ir-riċerka," qalilna l-Ministru Bonnici, "għandha l-għan li twessa' l-użu tat-tagħlim awtomatiku u l-intelliġenza artifiċjali fl-industrija tal-avjazzjoni u wriet biċ-ċar li dan joffri benefiċċji fil-kapaċità li jinqabdu anomaliji fl-ajruplani, jiġu investigati l-oriġini tagħhom, u b'hekk tittejjeb is-sikurezza u jittejbu l-aspetti operattivi tal-linji tal-ajru. It-tim issa jinsab fil-proċess li jiżviluppa għodda kummerċjali."

"Meta naraw dan it-tip ta' riżultati minn proġetti ta' riċerkaturi Maltin, ma jistax jonqos li nħossuna kburin bix-xogħol u bir-riżultati miksuba minnhom. Għalhekk il-Gvern jibqa' kommess lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u jibqa' mpenjat li jkompli dejjem iżid l-investiment f'dan is-settur tant kruċjali għall-futur soċjali u ekonomiku ta' pajjiżna," temm jgħid il-Ministru Bonnici.



# Il-Kummissjoni Ewropea: Malta bl-akbar tkabbir ekonomiku fl-UE fl-2022

## L-investiment barrani fis-settur tan-niċċa ekonomika diġitali jibqa' jiddomina

Il-Kummissjoni Ewropea tgħid li Malta se jkollha l-akbar tkabbir ekonomiku fl-2022, qalb il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Aħbar li wriet biċ-ċar is-saħħa u r-reżiljenza tal-ekonomija Maltija. Staqsejna għall-kummenti tal-Ministru għall-Ekonomika u l-Industrija Silvio Schembri li qalilna li, "bħala Ministru għall-Ekonomija b'sodisfazzjon nilqa' l-aħbar, li l-politika ekonomika tagħna qed tagħti riżultati effettivi. Skont it-tbassir tal-ħarifa tal-Kummissjoni tal-UE, is-sena d-dieħla, l-ekonomija Maltija, se jkollha l-akbar tkabbir fost il-membri kollha tal-Unjoni Ewropea".

Iżda mhux biss. Malta din il-ġimgħa ġiet ukoll l-ewwel fejn jidħlu is-servizzi governattivi online. Dwar dan Schembri qalilna li, "l-istrateġija diġitali tagħna tkompli tagħti r-riżultati. Il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma lill-Malta l-ewwel fl-Ewropa. Prosit lill-MITA tax-xogħol kif wkoll liċ-ċivil immexxi mis-Sur Mario Cutajar.

Mistoqsija ewlenija hija kif dan il-pajjiż qed jirnexxielu jikseb dawn il-kisbiet. Dlonk hawnhekk Schembri qalilna li waħda mill-ingredjenti li qed taqta l-frott hija li Malta baqgħet attraenti għall-investiment barrani u lokali fosthom fil-qasam tan-niċċa ekonomika diġitali. Il-Ministru Schembri jgħid li dan mhux qed iseħħ b'kumbinazzjoni. Iżda wara ħidma li bdiet lura iżjed minn tliet snin ilu, tnediet l-istrateġija nazzjonali għat-tkabbir lokali tal-industriji tal-video-games, virtual reality u l-esports. Fil-fatt, din il-ġimgħa stess tħabbru tliet riżultati sbieħ għal pajjiżna f'dan il-qasam li se jkomplu joħolqu iżjed karrieri għaż-żgħażagħ tagħna f'din id-dinja.

Il-Kumpanija Draw & Code li joperaw fis-settur tal-immersive teknoloġiċi għadhom kemm ħabbru li se jiftħu ċ-ċentru tagħhom f'Malta. Schembri qalilna li tliet snin ilu huwa ltaqa' mal-Kap Eżekuttiv John Keefe bħala parti mill-konsultazzjoni fuq l-istrateġija li l-Gvern kien nieda fuq is-settur tal-videogames, VR u esports. Illum b'din l-aħbar qed jintwera biċ-ċar il-frott tal-ħidma.

Basecamp: Investiment ta' €1.7 miljun f'faċilita' moderna biex isservi ta' għajnuna lill-istart-ups u kumpaniji stabbiliti fil-gaming jimirħu. Flimkien mal-Prim Ministru Robert Abela, il-Ministru Schembri żaru Basecamp fiż-Żejtun li beda jakkomoda studios fil-gaming. Hawn iltaqgħu ma' stejjer ta' suċċess, anke fuq livell internazzjonali, minn tant persuni b'ħiliet għolja. "Qed niftħu l-orizzonti beraħ f'karrieri ta' kwalità fil-video gaming u l-esports. Dan is-settur se jara 2,500, ħaddiem f'għaxar snin," qal Schembri.



Il-ħidma ma tieqafx biss f'Malta. Fl-aħħar jiem il-Ministru għall-Ekonomija żar Brussell u l-Portugall. Staqsejnih x'ħareġ. "L-ekonomiji tagħna huma dipendenti fuq is-swieq internazzjonali għall-prodotti u s-servizzi, u l-investiment huwa importanti ħafna kemm għat-tkabbir u għall-impjiegi," qal Schembri. Għalhekk, waqt il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-UE dwar il-Kummerċ fi Brussell, il-Ministru appella biex l-UE tissalvagwardja r-reputazzjoni tagħha bħala sieħba kredibbli fil-kummerċ internazzjonali. Qal li Malta tappoġġja t-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali fost il-164 pajjiż membru tal-World Trade Organisation u r-rabtiet kummerċjali mtejba bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Rigward il-Portugall qalilna li fuq stedina tal-Gvern Portugiż, hu attenda t-tnedija tal-European Start-up Nation Alliance (ESNA) f'Lisbona, waqt il-WebSummit.

Malta, flimkien ma' 25 stat membru ieħor tal-UE, flimkien mal-Iżlanda, qablu li jistabbilixxu alleanza li tfittex li trawwem ambjent favorevoli li jħeġġeġ lil start-ups u l-intraprendituri jikbru fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett huwa fakkar kif Black Friday daqt reġa magħna. Semma' kif fimkien mal-Malta Chamber of SMEs, il-Ministeru nieda l-edizzjoni ta' Black Friday għal din is-sena li se taħbat nhar is-26 ta' Novembru fejn mal-200 negozju se jkunu parteċipi bl-offerti tagħhom. Għalhekk appella lin-negozji biex minn issa jibdew bl-offerti tagħhom kif ukoll lill-konsumatur biex jagħżel li jixtri lokalment.






# OLYMPICS



L-AVUKAT JOE BRINCAT

Naf x'qed taħsbu. Li se nsemmi li xi Grieg. Mhux preċiż, għax se nsemmi lil Griegi fl-aqwa tagħhom. Kienu nies ta' kultura kbira u dehen kbir, u dak li jaraw għajnejhom jagħmluh idejhom. Mhemmx għalfejn tmorru l-Greċja, għax biżżejjed li tmur sa Sqallija u tibda tara belt wara oħra li għadha tissebbaħ bil-fdalijiet tal-Griegi. Ibda minn Gela, Agrigento, Siracusa, Katanja wkoll, u l-Giardini Naxos, kollha u aktar minnhom marbutin mal-Griegi fi Sqallija, li kienet magħrufa bħala l-Grecja l-Kbira.

Imma kienu wkoll nies li fehmu mill-bidu kemm hemm ġid għall-bniedem mill-isport. Waslu li ħolqu l-logħob tal-Olimpjadi, li fihom storja tagħhom.

Il-Greċja f'dawk iż-żminijiet kienet magħmula minn ħafna bliet, kull waħda bl-awtonomija tagħha. Dawn il-bliet kien jissejħu Polis, u minn hemm ġejja l-kelma politika… kif u min se jmexxi l-Polis.

U x'tippretendi li kienu jagħmlu l-Griegi? Mal-logħob atleti kienu jdaħħlu l-politika, il-piki bejn belt u oħra.

U jien l-istess se nagħmel bħalhom. Naqleb fuq il-politika.

Il-Ħadd li għadda ħarġu żewġ surveys politiċi. Rari li ġrat f'Malta, it-tnejn bassru li jekk issir elezzjoni għada, il-Partit Laburista jgħaddi lill-Partit Nazzjonalista b'46,000 vot. Numru qawwi ħafna meta tqabblu mal-1,500 maġġoranza ta' nofs siġġu slugat li bih n-Nazzjonalisti rebħu l-elezzjoni taħt Gonzi.

Issa ħalliha x'naħseb jien fuq is-surveys, imma għalija daqsxejn rari li żewġ surveys, aktar minn persentaġġi, igibu l-għadd ta' voti u jiġi ndaqs.

Il-Partit Laburista ma kellux għalfejn idoqq trumbetti għax rasu baxxuta u baqa' u jibqa' għaddej. Qatt ma jagħti l-impressjoni li kollox huwa mirbuħ u l-elezzjoni ssir biex issir, għax nafu minn qabel ir-riżultat. Kieku jagħmel hekk ikun qed jitkessaħ u jkun prużuntuż. U jġib reazzjoni li ma tkunx favur tiegħu. Jekk tmorru tkellmu lill-kandidati tal-Partit Laburista jgħidulek kull wieħed minnhom li "hu mhux se jitla' u hemm bżonn li jaħdem..." U dan minkejja li hemm surveys li jagħtu riżultat hekk tajbin għall-Partit Laburista. Jekk xejn meta tiżdied il-maġġoranza, aktar hemm ċans li l-Partit Laburista jżid is-siġġijiet.

Lanqas qabdu ferħ ta' ġenn fuq meta ġejja l-elezzjoni.

Insomma f'dawn l-Olympics tal-politika Maltija hemm eċċitament qawwi u pika qawwija.

Min-naħa l-oħra, il-Partit Nazzjonalista ferħan li għamel progress. Il-kap qisu rebaħ il-long jump wara l-isforzi li għamel. Kont se ninsa ngħidilkom li l-long jump kienu daħħluha l-Griegi fl-imgħoddi. Saħansitra qal li l-Prim Ministru biddel id-data tal-elezzjoni wara li semgħu jitkellem fuq kull ħaġa barra l-Budget, fil-Parlament. Lewa driegħu wara dahru u b'idu miftuħa beda jtaptap u jgħid lilu nnifsu "kemm kont bravu".

Meta ħarġu r-riżultati tas-surveys, l-ebda kompetizzjoni ma rebaħ, lanqas l-iċken waħda. Jekk jipprova jinsa kollox u r-riżultati diżastrużi fl-istess surveys, mhu se jsib l-ebda faraġ jekk jgħidu li żied bl-apprezzament tiegħu mal-poplu.

Għadu lanqas biss lura mill-figura li jġib il-partit tiegħu stess. Jekk xejn din fiha tifsira. Tfisser li dawk li jħaddnu lill-Partit Nazzjonalista mhux kollha jgħożżu lill-kap li għandhom illum, bħala l-kap ideali tagħhom. Ifisser li jixtiequ lil ħaddieħor floku. Fi ftit kliem qishom qed jgħidu: "aħna nivvutaw mal-blue, imma jekk tistaqsini fuq il-leader dik kwistjoni oħra". Is-sens komun jgħidli li jekk il-kap iġib inqas mill-partit tiegħu, ifisser li m'għandux il-partit warajh.

Għalhekk mhemmx x'wieħed jiċċelebra min-naħa tal-Partit Nazzjonalista u għal Bernard jidher li hemm l-istess trattament li ngħata lil ħaddieħor. Ġieli naqra xi kummenti u jkun hemm min isemmi lil Adrian Delia. Ikunu qed jinsew. Therese Comodini Cachia hija wkoll vittma tal-istess sistema, li nużak u narmik. Lil Adrian Delia qaċċtuh minħabba s-surveys, għax ippretendew riżultati aħjar. Ma nafx kif beħsiebhom jinżlu għall-Olimpjadi. Joe Saliba m'għamel l-ebda survey u diġà qalilhom kif jaħsibha.

## Mill-2012 'l hawn Malta għamlet passi kbar

>> ikompli minn paġna 1

L-analiżi tal-Economist turi li Malta kienet fost dawn il-ftit pajjiżi li qed jirnexxielhom jibqgħu jikbru b'rata tajba ekonomikament filwaqt li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju. Dan huwa l-mudell tal-prosperità ġdida li permezz tagħha d-dinja tagħmel transizzjoni ġusta għal soċjeta bla karbonju.




Statistika internazzjonali tindika kif mill-2012 'l hawn Malta għamlet passi kbar f'dan l-aspett. L-emissjonijiet naqsu minn 6.5 tunnelati ta' karbonju kull persuna fl-2012 għal 3.6 tunnelata fl-2020. Biex wieħed jieħu ideja ta' kemm din hija qalba fenomenali, biżejjed wieħed jinnota li fl-Ewropa dan il-livell ta' emissjonijiet ras għal ras l-aħħar li nkiseb kien fis-snin 30 tas-seklu li għadda. Fil-każ ta' pajjiżna erġajna ġibna l-livell tal-emissjonijiet fil-livell li l-aħħar kellu pajjiżna fl-1985, minkejja li llum għandna l-livell ta' ġid nazzjonali ras għal ras huwa seba' darbiet akbar. Madwar l-Ewropa kien hemm tnaqqis mill-2012 'l hawn, imma dawn naqsu sal-livell li kellha Malta fl-2012, u allura għadhom kważi d-doppju tal-emissjonijiet ras għal ras li għandu pajjiżna.

Taħt amministrazzjoniijet Nazzjonalisti l-emissjonijiet tal-karbonju ras għal ras kellhom xejra waħda – 'il fuq. Minn 4.2 tunnelata fl-1986 għal 6.2 tunnelata fl-1991, għal 6.5 tunnelata fl-1995, għal 6.7 fl-2007. Kien isir ħafna diskors fuq l-ambjent imma fir-realtà mhux talli ma kien isir xejn, talli l-ammont ta' emissjonijiet kien jiżdied sena wara sena. Dan minkejja li r-rata ta' tkabbir ekonomiku f'dawn il-leġiżlaturi kienu ferm u ferm anqas minn dawk fl-aħħar żewġ leġiżlaturi.

Dan kien ifisser li l-poplu kien qed jingħata opportunitajiet ekonomiċi limitati u bi prezz ambjentali għoli. B'kuntrast taħt Gvernijiet Laburisti l-ekonomija kibret b'rata kważi tliet darbiet akbar filwaqt li l-emissjonijiet ras għal ras naqsu kważi binnofs.






# Imnedija l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu

Nhar il-Ħamis li għadda, 11 ta' Novembru, tnediet l-ewwel Strateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu. Strateġija maqsuma f'seba' kapitoli b'kull wieħed minnhom maqsum f'riassunt tal-kummenti li l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu rċieva waqt il-konsultazzjonijiet li għamel mal-partijiet interessati kif ukoll numru ta' punti ta' azzjoni. Bit-tnedija ta' din l-istrateġija qegħda titwettaq wegħda oħra mill-Programm Elettorali tal-Partit Laburista għall-Elezzjoni Ġenerali li kienet saret f'Ġunju 2017.

Fis-sena 2018 kien twaqqaf il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu li taħt it-tmexxija taċ-Chairperson tiegħu Dr Alistair de Gaetano imbarka fuq proċess komprensiv ta' konsultazzjoni ma' partijiet interessati minn oqsma differenti. Barra minn hekk f'April li għadda, ix-xahar dedikat lill-Awtiżmu, saret konsultazzjoni pubblika wara li kien tfassal id-dokument ta' konsultazzjoni. B'riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet sar l-irfinar tad-dokument biex tfasslet l-istrateġija finali li tirrifletti r-realtà tas-sitwazzjoni.

'It-Torċa' kienet preżenti għat-tnedija ta' din l-istrateġija u fi tmiem l-avveniment dan il-ġurnal tkellem mal-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli li taħt il-kappa tad-dekasteru tagħha taqa' din l-istrateġija. Il-Ministru Farrugia Portelli qalet lil dan il-ġurnal li din l-istrateġija "hija unika anke meta mqabbla ma' ta' pajjiżi oħrajn għax tkopri lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa tal-awtiżmu mitwelid sal-mewt. Ma tħarisx biss prinċiparjament lejn l-aspett mediku, bħal per eżempju dik Spanjola. Ma tħarisx biss lejn l-adulti, bħal dik Ingliża u ta' Wales, jew lejn it-tfal biss. Kuntrarjament għall-istrateġija tagħna, ħafna pajjiżi bilkemm imissuh il-fenomenu tal-awtiżmu u l-anzjanità minkejja li dan huwa realtà koperta anke mir-riċerka."






Il-Ministru Farrugia Portelli żiedet tgħid lil dan il-ġurnal li l-istrateġija tagħna ma tħarisx biss, jew prinċiparjament, lejn l-aspett mediku tal-awtiżmu imma tħares lejn il-persuna u lejn il-bżonnijiet tagħha bħala membru tas-soċjetà bl-istess drittijiet daqs ħaddieħor. Strateġija li tara kif dawn id-drittijiet jistgħu jiġu rispettati kemm fejn jidħlu bżonnijiet mediċi kif ukoll fir-rigward ta' kull bżonn ieħor li jkollha l-persuna sabiex tkun tista' tipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà. Interessanti ħafna huwa l-fatt li fil-perjodu ta' erba' ġimgħat dedikati għall-konsultazzjoni pubblika kien hemm 186 kumment li ġew mingħand partijiet interessati varji, bħal professjonisti u akkademiċi, entitajiet varji fi ħdan il-Gvern u dawk regolatorji, membri tal-pubbliku, imma fuq kollox mingħand persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu nfushom u qrabathom."

> **"L-istrateġija tagħna ma tħarisx biss, jew prinċiparjament, lejn l-aspett mediku tal-awtiżmu imma tħares lejn il-persuna u lejn il-bżonnijiet tagħha bħala membru tas-soċjetà bl-istess drittijiet daqs ħaddieħor. Strateġija li tara kif dawn id-drittijiet jistgħu jiġu rispettati kemm fejn jidħlu bżonnijiet mediċi kif ukoll fir-rigward ta' kull bżonn ieħor li jkollha l-persuna sabiex tkun tista' tipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà."**

L-istrateġija hija maqsuma f'seba' kapitoli li jittrattaw:

- It-tema ta' X'inhu Tassew l-Awtiżmu, minħabba l-kunċetti żbaljati li għadhom jeżistu
- Id-Dijanjosi Bikrija u l-Interventi għall-Awtiżmu
- L-Edukazzjoni
- L-impjieg
- L-Attiviżmu, l-Awtopromozzjoni tad-Drittijiet Individwali (self-advocacy) minn persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu nfushom u s-Sensibilizzazzjoni
- L-Awtiżmu u l-Adulti
- Il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu u l-passi li jmiss f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu jirrappreżenta firxa wiesgħa ta' esperti u attivisti, bir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jinkludu persuni fil-firxa wiesgħa ta' awtiżmu nfushom. Iċ-Chairperson tal-Kunsill, Dr Alistair de Gaetano, huwa wkoll persuna fil-firxa wiesgħa ta' awtiżmu.

L-Istrateġija Maltija tfaħħret minn esperti rinomati bħalma huwa l-Professur Richard Mills, in-National Autistic Society tar-Renju Unit, l-eqdem NGO fil-qasam tal-awtiżmu fid-dinja, u l-Koalizzjoni Irlandiża tad-DPOs (għaqdiet ta' persuni b'diżabilità) li f'pajjiżhom qegħdin jistinkaw diex ikollhom strateġija mfassla bl-istess metodoloġija li intużat f'Malta.

Iż-żewġ federazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej fil-qasam tal-awtiżmu, European Council of Autistic People (EUCAP) u Autism-Europe faħħru d-dokument ta' konsultazzjoni għall-karattru innovativ u ħolistiku tiegħu u għall-mod li bih iqiegħed il-persuna fiċ-ċentru.

# Importanti li jkompli jsir investiment fiż-żgħażagħ

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli ddeskriviet liż-żgħażagħ bħala mhux biss parti mil-lum imma wkoll ħolqa mal-bieraħ u m'għada u huwa għalhekk li huwa importanti li bħala pajjiż inkomplu ninvestu fiż-żgħażagħ għax huma l-ġejjieni tal-pajjiż. Daqstant ieħor huwa importanti li ż-żgħażagħ jitrawmu fuq sisien sodi biex ikun garantit li l-ġenerazzjonijiet futuri jibqgħu javvanzaw f'sistema demokratika b'saħħitha.




Il-Ministru Farrugia Portrelli għamlet dawn l-osservazzjonijiet ftit tal-jiem ilu meta kienet qegħda tippresjedi ċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet tal-kontest Student Councils Democracy Awards. Kontest li jikkonsisti minn implimentazzjoni ta' pjani ta' azzjoni matul is-sena akkademika mill-iskejjel u istituzzjonijiet parteċipanti. Fl-edizzjoni ta' din is-sena ta' dan il-kontest ipparteċipaw 16-il skola sekondarja u istituzzjonijiet post-sekondarji bil-parteċipazzjoni ta' madwar 200 żagħżugħ u żagħżugħa. Ħames Kunsilli tal-Istudenti rebħu l-Premju tad-Deheb, ħamsa rebħu l-Premju tal-Fidda u sitta oħra rebħu l-Premju tal-Bronż tat-tieni edizzjoni tal-iStudent Councils Democracy Awards.

Il-ħames Kunsilli tal-Istudenti rebbieħa tal-Premju tad-Deheb huma l-Kulleġġ Santa Giovanna Antide, Skola Sekondarja Immakulata Kunċizzjoni; Skola Santa Monika; Skola Medja San Ġorġ Preca, Blata l-Bajda; Skola Medja Kulleġġ Santu Ignazju, Tal-Ħandaq u s-Sixth Form tal-Kulleġġ San Alwiġi. Il-ħames Kunsilli li rebħu l-Premju tal-Fidda huma s-Seminarju Minuri Qalb ta' Ġesu, Rabat, Għawdex; Kulleġġ St Edward's; is-Sixth Form tal-Kulleġġ De La Salle; il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija – MCAST; u l-Youth.Inc - Aġenzija Żgħażagħ. Is-sitt rebbieħa tal-Premju tal-Bronż huma s-Seminarju Minuri tal-Arċisqof, Rabat; l-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof tar-Rabat, Għawdex; l-Iskola San Anton, fl-Imġarr; il-Malta Visual and Performing Arts School Ħamrun; l-Iskola Medja tal-Kulleġġ San nikola u s-Sixth Form Sir M.A. Refalo.

L-iStudent Councils Democracy Awards ġiet deskritta mill-Ministru Farrugia Portelli bħala li "qed tgħin liż-żgħażagħ tagħna biex jiksbu aktar ħiliet personali u soċjali, li jgħinuhom biex ikunu aktar responsabbli u biex jitgħallmu jkunu kapaċi jieħdu d-deċiżjonijiet. Huwa importanti li jsiru programmi bħal dawk li jenfasizzaw fuq il-valuri tad-demokrazija, ċittadinanza attiva, parteċipazzjoni fis-soċjetà, djalogu, tmexxija u ugwaljanza."

F'kummenti ma' dan il-ġurnal fi tmiem iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet il-Ministru Farrugia Portelli qalet li meta fis-sena 2018 "tajna l-vot liż-żgħażagħ ta' 16-il sena konna qegħdin insaħħu l-pożizzjoni tagħna li nagħtu aċċess aktar wiesa' liż-żgħażagħ biex jipparteċipaw fil-proċess demokratiku ta' pajjiżna. Fl-istess waqt ridna li jkun hemm programmi edukattivi fl-iskejjel biex jippreparaw liż-żgħażagħ bl-aħjar mod ħalli jkunu jistgħu jużaw dawn id-drittijiet il-ġodda bl-aktar mod responsabbli. Il-Kunsilli tal-Istudenti huma opportunità tajba biex l-istudenti jidħlu fi proċessi demokratiċi f'komunitajiet iżgħar fl-iskejjel ħalli flimkien mal-għalliema u dawk li jagħtuhom id-direzzjoni jkunu jistgħu jikbru f'kuntest aktar demokratiku u parteċipattiv. Huwa għalhekk li bħala Gvern qegħdin inkomplu ninvestu fiż-żgħażagħ għax nemmnu fihom u fil-potenzjal tagħhom. Mhux talli se ninċentivaw liż-żgħażagħ b'miżuri li jgħinuhom jgħixu ħajja ta' kwalità aħjar, iżda se nkomplu mmorru 'l hinn u nappoġġjaw programmi bħal dawn li jgħinuhom jikbru u jimirħu aktar fil-ħiliet tagħhom."



**"Huwa għalhekk li bħala Gvern qegħdin inkomplu ninvestu fiż-żgħażagħ għax nemmnu fihom u fil-potenzjal tagħhom. Mhux talli se ninċentivaw liż-żgħażagħ b'miżuri li jgħinuhom jgħixu ħajja ta' kwalità aħjar, iżda se nkomplu mmorru 'l hinn u nappoġġjaw programmi bħal dawn li jgħinuhom jikbru u jimirħu aktar fil-ħiliet tagħhom."**

# "ILBIERAĦ DĦAKNA... ILLUM SE NIBKU"

## SORU TAL-KLAWSURA TĦALLI L-KUNVENT WARA 24 SENA MINĦABBA KUNDIZZJONI TA' SAĦĦA



CARMEN CACHIA
carmen.cachia@unionprint.com.mt



Is-sejħa biex persuna tiddedika ħajjitha lil Alla bħala soru hija waħda speċjali u li tfajla fl-età tenera ta' 21-il sena tasal li tħalli lill-familja u kollox warajha biex tidħol fil-Klawsura hija verament virtù ta' min jammiraha. Is-sorijiet fil-kunventi jsiru familja waħda magħquda u meta xi waħda minnhom tiġi nieqsa jew titlaq, tinħass dieqa ta' telfa. Hekk ġara fil-każ uniku ta' Sharlon Bonnici li wara 24 sena Klawsura kellha toħroġ mill-kanċell tal-kunvent u tħalli lis-sorijiet li tant kienet tħobb warajha. F'intervista ma' IT-TORĊA hija tirrakkonta din il-firda kiefra minħabba kundizzjoni ta' saħħa li poġġietha daharha mal-ħajt għax kellha tagħżel bejn il-professjoni solenni u saħħitha.

"Ilbieraħ dħakna... illum se nibku" kien il-kliem li bih is-sorijiet ingħataw l-aħbar mhux mistennija mill-Madre Superjura li Sharlon il-ġurnata ta' wara kienet se tħalli l-kunvent biex tmur tgħix barra l-konfini tal-bini reliġjuż. "Kelli ġlieda kbira għaddejja ġo fija u ppruvajt minn kollox sa anke mort xahar irtir iżda meta erġajt mort fil-kunvent saħħti reġgħet marret lura. Kien xokk kbir għas-sorijiet u anke għal xi membri tal-familja għax kont żammejt ġo fijja u ma wrejt b'xejn sakemm il-Madre qaltilhom. Ikunu drawk u konna qisna familja imma indunaw li xi ħadd minnhom qiegħed ibati," bdiet tispjega l-eks soru.

### Is-sejħa ġiet waqt quddies fil-kunvent stess

Sharlon, li rċeviet is-sejħa mill-Mulej proprju waqt quddies maz-zijja tagħha fl-1996 fl-istess kunvent, kienet tfajla mistħija ħafna u magħluqa fiha nnfisha. Meta dan seħħ il-ġenituri tagħha kienu msiefrin u fil-verità hija kienet sabitha pjuttost diffiċli tgħidilhom li trid tmur soru tal-Klawsura.

> Meta ħadt il-professjoni solenni kelli ġurnata fil-kċina u dan sakemm maż-żmien ħadt dan ir-rwol kollu f'idejja minħabba li s-soru l-oħra mardet

"Kont fis-sodda u għajjat għal darba darbtejn lil ommi. Ma stajtx insib il-kliem u bdejt nirtogħod. Ma flaħtx ngħidilha u nfqajt nibki tant li ħasbuni li kont ma niflaħx jew li ġrali xi ħaġa. Domt sena u tmien xhur sakemm fl-aħħar bdejt in-novizzjat u dan minħabba li misssieri riedni nistenna ħalli nkun ċerta li din hija t-triq li ridt nieħu," irrakkontat din il-mara.

Mistoqsija jekk f'dik l-età kinitx konsapevoli li għall-bqija ta' ħajjitha bħala soru tal-Klawsura kienet se tkun magħluqa, Sharlon bla tlaqliq qalet li hija kienet ferħana b'din l-għażla. "Anki meta mort, xtaqt li nidħol mill-ewwel u mhux nistenna dak it-tul ta' żmien. Jien ma kontx tfajla li noħroġ ħafna bħal żgħażagħ oħra u allura l-ġoventù ma ħallejthiex warajja," kompliet Sharlon.

Hija daħlet bi ħġarha fil-kunvent u hawn sabet sostenn, kif ukoll għajnuna b'imħabba mis-sorijiet kollha li dak iż-żmien kienu jammontaw għal 32 waħda. Din it-tfajla kwieta sabet anke għajnuna biex toħroġ minnha nnfisha u dan billi bdiet tieħu ħsieb reċti u żfin fost l-oħrajn.

"Tant kont magħluqa fijja nnifsi li jekk xi ħadd kien ikellimni kont nibża' ħafna. Għall-bidu kont innaddaf u ngħin għal xi siegħa, sagħtejn fil-kċina. Meta ħadt il-professjoni solenni kelli ġurnata fil-kċina u dan sakemm maż-żmien ħadt dan ir-rwol kollu f'idejja minħabba li s-soru l-oħra mardet," spjegat Sharlon.

### Kundizzjoni ta' saħħa aggravata mill-għeluq...

Maż-żmien is-sorijiet bdew jonqsu, uħud minħabba l-anzjanità u oħrajn minħabba li għal xi raġuni jitilqu. Hija qalet li, "daħlu xi disgħa warajja. Għalkemm f'kull komunità jew familja kulħadd ikollu xi nuqqasijiet, konna kuntenti ħafna u l-ħajja fil-kunvent kienet togħġobni. Ħaġa li ma ninsa qatt, però, kienet il-frasi li kien qalli qassis, 'mhux għax dieħla hemm, kollox se jkun ward u żgħar' u fil-fatt dan esperjenzajtu meta ġejt dahri mal-ħajt u kelli nitlaq".

Hija qalet li għall-bidu ħasset ftit in-nuqqas tal-familja tagħha u dan żdied l-aktar wara l-mewt ta' nannietha u ommha. Din tal-aħħar ħalliet din id-dinja sena biss wara li Sharlon ħadet il-professjoni. "Meta kienu jiġu jkellmuni fil-kunvent u wara ma baqgħux, kont inħoss in-nuqqas tagħhom imma l-bqija, il-ħajja ta' soru kienet dak li ridt," ikkonfermat Sharlon.

Għaliha, però, inqalbet il-paġna meta sentejn ilu bdiet tbati minn kundizzjoni ta' saħħa li sfumatilha fix-xejn ix-xewqa li tibqa' soru tal-Klawsura. Il-mara biddmugħ f'għajnejha qalet li, "feġġħet din il-kundizzjoni u bdiet tikkawżali ħafna stress. Qisni ma flaħtx nibqa' hemm ġew għax bdejt inħossni fga-

ta. Ma xtaqtx li dan iseħħ u ġġielidt ħafna biex negħlibha. Tlabt jien u talbu ħafna għalija imma rajt li l-Mulej donnu jrid xi ħaġa oħra minni. Ma kinitx deċiżjoni faċli għalija li ninża u nitlaq mill-Klawsura".

L-ewwel ma' ħadet parir kien mingħand persuna minn organizzazzjoni non-governattiva (NGO) fejn qaltilha li, 'hemmhekk il-post mhux qiegħed jgħinek' u aktar tard it-tobba kkonfermaw li l-għeluq beda jħalli effetti negattivi fuq saħħet Sharlon. Hija qalet li f'dan il-perjodu diffiċli sabet sostenn importanti mill-Madre, kif ukoll mid-direttur spiritwali tagħha. Kien imbagħad fit-8 ta' Ottubru li għadda li b'kuraġġ ħalliet l-erba' ħitan tal-kunvent biex tara jekk barra l-kundizzjoni tagħha tkunx inqas severa fuqha.

## F'inqas minn xahar l-uġigħ waqaf

"Meta ħriġt mill-kunvent kont kalma ħafna u ntlaqt f'idejn il-Mulej. Ħassejtni komda u milqugħa mis-soċjetà. Qisni ħadt il-ħajja mill-ġdid u stajt nerġa' nieħu nnifs wara d-diffikultajiet kbar ta' saħħa li kelli. Qabel kont inkun miġugħa ħafna u ta' kuljum mentri f'inqas minn xahar l-uġigħ waqaf. F'qasir żmien ġibt saħti lura u t-tobba stess huma skantati b'dan il-kambjament daqshekk malajr," qalet bi tbissima Sharlon.

Din l-eks soru qaltilna li l-għeluq tant kien rikibha li f'waqtiet u ta' spiss kien ikollha bżonn toħroġ 'il barra. Minkejja li kien hemm għażla għal Sharlon li taqleb għal soru esterna minflok dejjem fil-kunvent, għaliha din ma kinitx soluzzjoni minħabba li xorta waħda ħasset li l-orarju se jissikkaha.

"Inħossni qisni għasfur maħruġ mill-gaġġa imma d-devozzjoni lejn Alla kienet, qiegħda u dejjem se tibqa' hemm. Għandi sena żmien naħsibha jekk nirritornax soru jew le. Sadanittant irrid niġi fuq saqajja u nara kif se nibqa' b'saħħti," kompliet Sharlon.

## Trid tibda kollox mill-ġdid... "Il-bidu huwa dejjem iebes"

Din il-mara kellha tibda ħajja kompletament ġdida b'xejn f'idejha jew taħt rasha, f'età li hija pjuttost diffiċli biex tirranka mill-bidu. Preżentement hija qiegħda tgħix waħidha imma dan il-fatt ma jdejjaqhiex. Bħalissa għandha problemi ta' mobbiltà minħabba li qatt ma tgħallmet issuq, xewqa li fil-futur kemm jista' jkun viċin, tixtieq taqtagħha billi titgħallem u tieħu l-liċenzja tas-sewqan.

Minħabba li qatt ma ħadmet bi qligħ ta' flus bħala soru, issa li ħarġet qiegħda fuq l-għajnuna soċjali ħalli jkollha biex tgħix. Sadanittant hija baqgħet tagħmel il-presepji għall-kunvent u l-Madre qiegħda tgħinha ħafna fil-mixja l-ġdida li għandha din l-eks soru.





Sharlon, konsapevoli tas-sitwazzjoni unika tagħha, stqarret li, "għax trid tibda kollox mill-ġdid... Il-bidu huwa dejjem iebes imma ninsab ferħana u fiduċjuża. Qiegħda nsib ħafna għajnuna mill-awtoritajiet u rrid nibqa' pożittiva". Qaltilna wkoll li l-post fejn toqgħod bħalissa ngħatalha għal perjodu ta' sitt xhur u li għandha bżonn ta' saqaf fuq rasha bħalma għandu bżonn bħal kulħadd. Għaldaqstant hija applikat għall-akkomodazzjoni soċjali.

Filwaqt li l-applikazzjoni tagħha qiegħda tingħata attenzjoni xierqa minħabba li dan huwa każ uniku f'Malta, l-eks Klawsura qiegħda tittamma ż-żmien biex issib postha fis-soċjetà tagħna ma jkunx wieħed twil wisq. Dan bil-għan li malajr kemm jista' jkun tara jekk il-ħajja barra mill-kunvent hiex it-triq futura għaliha.

## "Nistaqsi lill-bniedem - quo vadis?"

"Il-ħajja fil-kunvent u s-soċjetà huma differenti ferm. Il-ħajja hawn hija mgħaġġla ħafna u l-bniedem sar qisu m'għandu ħin ta' xejn... Jiġini f'moħħi t-terminu 'quo vadis' u nistaqsi jekk illum il-ġurnata l-bniedem għadux ifittex lil Alla jew inkella jekk huwiex jieħu l-ħajja f'idejh u lil Alla telqu," kompliet Sharlon.

Hija qalet li Malta nbidlet għax żdied ħafna l-bini u l-istil ta' ħajja tan-nies mhuwiex bħal ta' dahri. Huwa fatt u mhux ta' sorpriża li għaliha dawn iż-żewġ ambjenti huma dinjiet totalment differenti minn xulxin. Id-dinja li ħalliet warajha ta' xebba mhiex dik li ħarġet fiha bħala mara. "It-teknoloġija avvanzat ħafna u l-bniedem qisu ma jgħix mingħajrha... Kważi, kważi, lanqas jiffunzjona," innotat Sharlon.

It-triq tal-futur għadha mhiex ċara għal din l-eks soru. Għalissa għad m'għandha ebda pjanijiet konkreti għall-futur iżda m'hija teskludi xejn fejn żiedet tgħid li, "għal din is-sena se nikkonċentra li niġi fuq saqajja u mbagħad naraw x'se jiġri. Jien inħalli f'idejn il-Mulej". Sharlon taf li l-ħajja trid tkompli u li għandha sfida kbira mhux ħażin quddiemha. Hija tisħaq li trid tkun pożittiva u fl-istess ħin kuraġġjuża ħalli bla biżgħa tgħix id-destin tagħha.

Filwaqt li qalet li jekk ma tirritornax bħala soru tal-Klawsura, hija se tibqa' dejjem f'kuntatt mal-kunvent, Sharlon riedet tgħaddi messaġġ lil dawk it-tfajliet kollha li tiġihom is-sejħa għall-professjoni solenni ta' soru - "Tibżgħux u ddawwrux wiċċkom għax it-talb tas-sorijiet huwa l-għeruq li ma jidhrux tas-soċjetà. Mingħajrhom is-siġra m'hija xejn. It-talb huwa l-ilma ġiri għad-dinja". Hija indirizzat ukoll lill-bqija tas-soċjetà fejn talbet biex nieqfu u nirriflettu, kif ukoll biex ma nabbandunax lil Alla għax "huwa l-qawwa u t-tarka tagħna u mingħajru ma jsir xejn". Fi tmiem l-intervista Sharlon Bonnici rringrazzjat lill-Arċisqof ta' Malta, Charles Jude Scicluna, tal-għajnuna kollha tiegħu f'dawn il-mumenti.




Turn on the **Power for Change**

**L-impatt tal-bniedem huwa il-kawża prinċipali għat-Tibdil fil-Klima. Ara li l-għażliet tiegħek ikunu sostenibbli għal dinja aħjar!**

# Negozjati diffiċli ħafna fi Glasgow bi ftehim finali sodisfaċenti u pragmatiku

## – il-Ministru Aaron Farrugia



Il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar Aaron Farrugia reġa' rritorna Glasgow aktar kmieni din il-ġimgħa biex ikompli n-negozjati f'isem pajjiżna fil-COP26 – il-konferenza internazzjonali mtella' mill-Ġnus Magħquda li qed tiddiskuti t-tibdil fil-klima. Jakkumpanjaw lill-Ministru kien hemm ukoll tim tekniku ta' esperti li qed jgħinu f'dawn in-negozjati, fosthom l-Ambaxxatriċi Maltija għat-Tibdil fil-Klima l-Prof. Simone Borg.

Fl-ewwel kummenti tiegħu lit-TORĊA, Farrugia qal li dawn kienu negozjati diffiċli ħafna fejn l-UE kienet fost l-aktar ambizzjuża. "Xtaqna li nnegozjajna u finalment ksibna ftehim aktar ambizzjuż iżda meta jkollok 190 pajjiż jinnegozja, trid tagħraf tkun pragmatiku u tilħaq kunsens," qal Farrugia.

"Nemmen li għandna bażi biex naħdmu u nimxu lejn COP ieħor is-sena d-dieħla li se jsir fl-Eġittu. Irridu niftakru li dan hu l-aħħar ċans biex nevitaw riperkussjonijiet kbar fuq il-pjaneta. Ifisser li nistgħu nevitaw li dawk ittfal li qed jitwieldu bħalissa u li fl-2050 ikollhom 30 sena, nagħtuhom pjaneta sostenibbli u mhux ikollhom jiġġieldu għal post fejn jgħixu, għall-ikel u għall-ilma."

Il-Ministru Farrugia flimkien mat-tim tekniku tiegħu kellhom jien impenjattivi fejn spjegaw u nnegozzjaw il-pożizzjoni ta' Malta fuq kif se nkunu qed nikkumbattu u nadattaw għar-realtà tat-tibdil fil-klima.

It-tibdil fil-klima huwa qasam li jħasseb lil ħafna nies u huwa theddida li rridu niffaċċjaw kollha bħala umanità. Dan huwa dak li ġie ddikjarat fl-1988 unanimament fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. U dan huwa dak li qed jiġi affermat mill-ġdid mill-Kapijiet tal-Istati fil-COP26 fi Glasgow.

Għal Malta u l-futur ta' niesha, din l-isfida hija kruċjali. L-isfida tat-tibdil fil-klima tolqotna b'mod maġġuri minħabba li pajjiżna huwa stat żgħir u li għandu riżorsi limitati ħafna. Hu proprju għalhekk li l-Gvern preżenti qed jimpenja ruħu li jindirizza din l-isfida b'mod konkret. Sfortunatament, it-tibdil fil-klima mhux fenomenu li jista' jitwaqqaf mal-konfini Maltin, iżda jeħtieġ impenn serju mill-pajjiżi ġirien tagħna ukoll biex dawn il-miri jintlaħqu. Malta kienet u se tkompli tkun leader f'dan is-settur.

L-aktar rapport reċenti tal-IPCC juri li t-tisħin globali ta' 1.5°C u 2°C se jkun inqabeż matul is-Seklu 21 sakemm ma jkunx hemm tnaqqis kbir fis-CO2 u gassijiet serra oħra fl-għaxar snin li ġejjin. Dan ir-rapport iddikjara wkoll li l-firxa tat-tisħin futur jiddependi fuq emissjonijiet futuri. Il-limitazzjoni tattisħin globali għal 1.5°C (salaħħar tas-seklu, b'qabża temporanja ta' temperatura ta' mhux aktar minn 0.1°C) hija possibbli biss jekk il-mexxejja dinjin u l-pajjiżi rispettivi tagħhom jiksbu b'mod urġenti tnaqqis qawwi fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi żmien qasir u tikseb emissjonijiet netti ta' CO2 żero sa madwar l-2050.

F'dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm ħidma intensiva għaddejja fi Glasgow biex naqblu globalment fuq ambizzjoni iktar konkreta favur it-tibdil fil-klima, speċjalment mill-pajjiżi l-kbar li għadhom ma għamlux dan il-pass. Malta nsistiet ukoll biex nilħqu malajr l-mira stabilita ta' 100 biljun. Bħala parti mill-UE, Malta diġà għamlet dan il-pass fejn żidna l-ambizzjoni kollettiva għal tnaqqis ta' 55% sa 2030, aktar minn dak qed jiġi stabbilt fi Glasgow li huwa tnaqqis bin-nofs. L-UE hija wkoll diġà kontributur sinifikanti għall-iffinanzjar tal-klima. Diskussjonijiet għadhom għaddejjin ukoll fuq il-ħtieġa ta' adattazzjoni għat-tibdil fil-klima. Għal Malta dan huwa punt kruċjali, hekk kif bħala gżira hija vulnerabbli għat tibdil fil-klima għalkemm ma tikkontribwixxix b'mod sinifikanti għaliha peress li hija l-inqas waħda li tniġġes fl-UE pro capita. Huwa importanti li tingħalaq l-assistenza neċessarja biex il-gżejjer u pajjiżi żgħar jkun kapaċi jadattaw b'mod effettiv.

Farrugia qal li għalkemm din l-isfida ma nistgħux niġġilduha waħedna, pajjiżna qed jieħu din l-isfida bis-serjetà hekk kif aktar kmieni din is-sena ġiet ippublikata l-Low Carbon Development Strategy. Din l-istrateġija identifikat seba' setturi li jridu jiġu indirizzati biex niġġieldu t-tibdil fil-klima b'mod effettiv. Dawn huma transport, enerġija, bini, industrija, skart, agrikoltura u l-ilma. Fost il-miżuri proposti hemm l-introduzzjoni ta' karozzi iktar nodfa, flotta li tilħaq is-6,000 sal-2030, aktar użu ta' transport tal-massa sostenibbli bħat-trasport pubbliku u fast ferry u anke pedelecs u e-bikes. L-istrateġija qed tħares ukoll lejn użu aktar effiċjenti tal-enerġija fil-bini permezz ta' installazjoni ta' pannelli, solar water heaters u heat pumps kemm f'bini domestiku kif ukoll fil-bini kummerċjali.

Farrugia qal li t-tibdil fil-klima huwa ta' detriment qawwi għal pajjiżna għaliex mhux biss jolqot is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent Malti, imma ukoll l-ekonomija u t-turiżmu ta' pajjiżna. Pajjiżna għandu miri internazzjonali x'jirrispetta f'dan is-settur. Pajjiżna fuq livell Ewropew għandu bżonn li jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju tiegħu b'19%. Bħalissa pajiżna jinsab ukoll f'negozjati fuq livell ta' kapijiet ta' stati biex dik il-mira tkompli tikber biex minn 40% tnaqqis immoru lejn 55% tnaqqis b'mod kollettiv. Dan ifisser li Malta trid tkun aktar ambizzjuża milli kienet f'dawn l-aħħar snin.

Il-viżjoni ekonomika tal-Prim Ministru kienet waħda ċara ukoll. Il-Prim Ministru semma' ħames pilastri għall-politika ta' dan il-Gvern u bilħames wieħed li jkun l-ambjent u l-mixja lejn ekonomija b'żero karbonju. Għandna miri għall-2030, għall-2040 u anki għall-2050 li pajjiżna jrid jilħaq.

Farrugia għalaq jgħid "il-jumejn li ġejjin se jkunu kruċjali biex jintlaħaq il-ftehim mistenni minn ħafna. Qed inkunu kawti u pożittivi. Flimkien – għalina, u wliedna".



# IL-FALLIMENT TAL-COP26...

## ... it-tama fil-protesti favur ġustizzja ekoloġika

L-istennija kbira li kien hemm għall-konferenza dwar il-bidla fil-klima li saret fi Glasgow kienet kbira. L-istennija kienet kbira għax fl-aħħar xhur madwar id-dinja ġew esperjenzati temperaturi rekord. Agħar minn hekk diversi żoni fosthom anke fl-Ewropa esperjenzaw temp estrem, b'ħafna esperti jippuntaw is-swaba lejn il-bidla fil-klima għal dak li seħħ.

Dawk li stennew miżuri drastiċi f'din il-konferenza, tista' tgħid li ħarġu diżappuntati għall-aħħar. Il-miżuri drastiċi u immedjati intiżi biex it-tisħin tad-dinja ma jaqbiżx il-1.5 grad ma waslux. Fost ir-raġunijiet għaliex dawn ma waslux, hu minħabba l-kampanji qawwija ta' 'lobbying' li saru minn kumpaniji li għandhom interessi fil-fjuwils. Kampanji qawwija ta' lobbying li wasslu biex dgħajfu serjament il-proposti biex jitneħħew gradwalment is-sussidji għall-faħam, iż-żejt u l-gass.

M'hemm ebda dubju li dak li seħħ fil-COP26 hu ftit wisq. Mhux biss hu ftit imma sar tard wisq ukoll. Fuq kollox imbagħad hemm realtà oħra, dik li l-politiċi li kienu fuq quddiem fin-negozjati f'din il-konferenza dwar il-bidla fil-klima ma jistgħux jiġu fdati.

Jekk nieħdu l-Brażil naraw li dan il-pajjiż iffira biex itemm id-deforestazzjoni tal-Amazon sas-sena 2030. Iżda x'inhi r-realtà? Ir-realtà hi li l-Brażil taħt il-President Bolsonaro rajna d-deforestazzjoni żżid u mhux tonqos.

Jekk nieħdu pajjiż bħall-Indoneżja naraw li dawn għandhom pjani biex jirdoppjaw il-produzzjoni taż-żejt tal-palm fis-snin li ġejjin, sakemm imbagħad jieqfu fis-sena 2030. Il-mistoqsija hi ċara. X'se jifdal mill-foresti f'dawn il-pajjiżi u oħrajn, jekk quddiemhom għandhom disa' snin ta' aktar qerda fil-foresti, qabel dan jieqaf fis-sena 2030. X'se jifdal millf-foresti f'dawn il-pajjiżi? Fuq kollox ma rajna ebda miri konkreti ta' meta u kif il-pajjiżi se jiġu 'zero net emissions'.

Hemm pajjiżi li minħabba l-iżvilupp tagħhom għandhom responsabbilità kbira għal emissjonijiet u tniġġiż. Huma pajjiżi li ma naqsux li permezz tal-kolonji jisfruttaw pajjiżi oħra f'kontinenti oħra. Fost dawn hemm l-Istti Uniti, ir-Renju Unit u pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Lil hin minn dan is-summit li ma wassal għal imkien, kien hemm dak li nistgħu insejħulu summit ieħor. Dan kien fit-toroq ta' Glasgow. Dimostrazzjonijiet tal-massa. Laqgħat ta' unjins, attivisti u NGO's. Ingħaqdu flimkien ma' ħaddiema li strajkjaw. Rajna l-għaqda bejn attivisti ambjentali u l-movimenti tal-ħaddiema għal ġustizzja ekoloġika u soċjali. Dawn il-movimenti wrew li dinja oħra hi possibbli. Urew li hemm alternattiva. Urew li din l-alternattiva tista' tkun suċċess.

## It-tnedija tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu



JULIA FARRUGIA PORTELLI
Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja

Wara konsultazzjoni pubblika li saret f'April, proprju fix-xahar tal-Awtiżmu, Malta qiegħda tniedi l-ewwel Strateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu. Dan ap-parti li joħroġ mill-Artikolu 11 tal-Att dwar l-Empowerment tal-Persuni Fuq il-Firxa Wiesgħa ta' Awtiżmu, li kien ukoll imwiegħed fil-Manifest Elettorali tal-Gvern.

Wara li waqqafna l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu fl-2018, it-tnedija u t-tħaddim ta' din l-Istrateġija twassalna biex inkunu żammejna l-impenn tagħna f'dan il-qasam. Għamilna Konsultazzjoni Pubblika ma' stakeholders varji, bħal professjonisti u akkademiċi, entitajiet varji fi ħdan il-Gvern u dawk regolatorji, membri tal-pubbliku inġenerali imma wkoll persuni bl-awtiżmu u l-qraba tagħhom.

Ħdimna fi proċess komprensiv ta' konsultazzjoni ma' stakeholders differenti, biex tfassal id-dokument ta' konsultazzjoni, u mbagħad ġie rfinat, biex wasalna għal Strateġija finali li tirrifletti r-realtà. F'dan ir-rigward, il-Kunsill organizza għadd ta' attivitajiet ma' stakeholders differenti li nkludew laqgħat għal min iforni s-servizzi fis-settur tal-awtiżmu, laqgħat mal-iskejjel u attivitajiet fuq il-kampus tal-Università. Organizzajna laqgħat miftuħa ta' diskussjoni u sessjonijiet oħra għal persuni fil-firxa wiesgħa ta' awtiżmu fil-forma ta' one-on-one. Inkludejna wkoll laqgħat mal-professjonisti u ma' dawk li jaħdmu fis-settur.

Din hi Strateġija unika, anke meta mqabbla ma' ta' pajjiżi oħra. L-istrateġija tagħna ma tħarisx biss lejn l-aspett mediku, bħall-Istrateġija ta' Spanja, jew inkella lejn l-adulti biss bħal fil-każ tal-Ingilterra u Wales, imma tuża 'cradle to grave approach' li allura tkopri lill-persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu, mit-twelid, sa ma jixjieħu. Anke l-fenomenu tal-awtiżmu u l-anzjanità hu kopert permezz ta' din l-istrateġija. Fenomenu li f'ħafna pajjiżi bilkemm jiġi diskuss. Ridna li niffaċċjaw ir-realtà u fassalna strateġija li tħares lejn il-persuna, u lejn il-bżonnijiet tagħha, bħala membru tas-soċjetà bl-istess drittijiet daqs ħaddieħor. Enfasizzajna li dawn id-drittijiet sew jekk huma bżonnijiet mediċi u anke bżonnijiet oħra għandhom jiġu rispettati. Dan iwassalna biex kull persuna tkun tista' tipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà. Dan jorbot ukoll mal-kunċett prinċipali tal-empowerment, li Malta użat meta adottat l-Att tal-2016.

L-Istrateġija hi maqsuma f'seba' Kapitli, li jittrattaw: It-tema ta' x'inhu tassew l-awtiżmu; id-dijanjożi bikrija u l-interventi għall-awtiżmu; l-edukazzjoni; l-Impjieg; l-attiviżmu; self-advocacy minn persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu nfushom; u sensibilizzazzjoni; l-awtiżmu u l-adulti; u l-kunsill konsultattiv dwar l-awtiżmu; u l-passi li jmiss f'dan ir-rigward.

Il-mod kif ħdimna ġab kliem ta' tifħir minn esperti rinomati barranin bħall-Professur Richard Mills, in-National Autistic Society tar-Renju Unit, li hi l-eqdem NGO fil-qasam tal-awtiżmu fid-dinja, u l-Koalizzjoni Irlandiża tad-DPOs li f'pajjiżhom qed jistinkaw biex ikollhom Strateġija mfassla bl-istess metodoloġija li użajna Malta.

Wara l-approvazzjoni tal-Kabinett, il-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja nieda Konsultazzjoni Pubblika, fejn il-materjali ġew ippreżentati b'mod aċċessibbli. Dan id-dokument ta' konsultazzjoni tal-Istrateġija ġie mfaħħar ukoll miż-żewġ federazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej fil-qasam tal-awtiżmu, European Council of Autistic People (EUCAP) u Autism-Europe, għall-karattru innovattiv u ħolistiku tiegħu, u għall-mod li bih iqiegħed lill-persuna fiċ-ċentru.

Permezz ta' din il-Konsultazzjoni, il-kontenut tal-Istrateġija ġie mtejjeb, billi t-test issa jiffoka aktar fuq il-prinċipju tal-Ekwità, fil-waqt li ddaħħal aktar dettall fir-rigward ta' oqsma bħad-Disinn Universali, il-komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva (AAC), l-aspett intersettorjali u aktar enfasi fuq il-ġeneru, bil-parteċipazzjoni speċifika wkoll ta' entitajiet bħall-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNZ). Saħħaħna l-qasam tal-impjieg u l-passi meħtieġa biex dan il-qasam ikun aktar aċċessibbli u inklussiv. Ridna li persuna jkollha leħen u li persuna tinstema' tassew. Din l-istrateġija tagħti l-appoġġ meħtieġa lil persuni fuq il-firxa wiesgħa ta' awtiżmu biex jkunu jistgħu jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità.

Ninsab sodisfatta ħafna bix-xogħol li sar s'issa u nħares 'il quddiem biex naraw il-frott ta' din il-ħidma ħolistika. Illum il-ġurnata kburija li f'Malta qed tinbidel il-mentalità u sirna aktar konxji mid-diżabilità u b'solidarjetà flimkien qegħdin nikkoperaw biex dawn il-persuni jkollhom ħajja iktar indipendenti u inklussiva mingħajr ebda distinzjoni.

Dan hu r-rwol ewlieni tiegħi bħala Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja. Għad fadal ħafna iktar xi jsir imma bil-mod kif mexjin nemmen bis-sħiħ li nistgħu naslu f'qasir żmien biex noffru ħajja aħjar lil dawn in-nies li jiffaċċjaw diffikultajiet matul ħajjithom. Id-diżabilità hi realtà u tmiss lil kulħadd. Irridu nkunu dejjem sensittivi imma fl-istess waqt determinati u impenjati li niffaċilitaw il-ħajja tan-nies direttament involuti u l-qraba tagħhom.

Il-Ħadd it-tajjeb.

"Il-Kumitat Tekniku Nazzjonali dwar Parental Alienation ġie mwaqqaf fuq inizjattiva ta' żewġ Ministeri, dak għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal kif ukoll dak tal-Ġustizzja u l-Governanza. L-għan ta' dan il-Kumitat huwa li jiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jasal għal tfassil ta' strateġija nazzjonali kif ukoll biex tiġi mnedija kampanja ta' informazzjoni fuq bażi Nazzjonali. Dan kollu għandu jwassal għal proposti leġiżlattivi u oħrajn relatati ma' servizzi fil-qasam. Dan ix-xogħol huwa wieħed ta' kontinwazzjoni ma' dak li diġà sar fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal. F'Lulju 2020 daħħalna fis-seħħ il-liġi dwar il-protezzjoni tal-minuri, li tittratta dwar tfal li jinsabu f'kura alternattiva. Din id-darba qegħdin nitkellmu fuq tibdil legiżlattiv li se jolqot it-tfal ta' Malta kollha, fosthom il-ġenituri u anke n-nanniet"

# – DR ANDY ELLUL, CHAIRPERSON TAL-KUMITAT TEKNIKU NAZZJONALI DWAR PARENTAL ALIENATION




Ritratt: Omar Camilleri DOI

Ilbieraħ waqt konferenza tal-aħbarijiet, Dr Andy Ellul ta rendikont dwar il-ħidma ta' dan il-Kumitat Tekniku, li ġie mwaqqaf f'Jannar ta' din is-sena. Dr Ellul spjega li dan il-kumitat beda billi ngħata taħriġ speċjalizzat fuq livell ta' post graduate mill-Kulleġġ Tel Hai ġewwa Iżrael. Wara ġew ikkummissjonati żewġ studji, wieħed kwalitattiv u ieħor kwantitattiv.

Waqt din il-konferenza stampa Dr Ellul spjega r-riżultati li ħarġu mill-istudju kwantitattiv, li jindikaw biċ-ċar li dan il-fenominu ta' Parental Alienation huwa wieħed reali f'pajjiżna u li hemm bżonn kemm ta' tagħrif ġenerali kif ukoll ta' strateġija nazzjonali.

L-Avukat Ellul spjega li dan il-Kumitat huwa kommess li jipproponi tibdil leġiżlattiv u proposti oħra dwar arkitettura ta' servizzi, bl-għan aħħari jkun li l-ebda tifel jew tifla f'pajjiżna ma jbatu minħabba aġir abbużiv ta' ħaddieħor.

Dr Ellul spjega ma' t-TORĊA li huwa se jkun qiegħed jassigura mhux biss li l-minuri jkunu protetti minn dan il-fenominu, imma anke l-ġenituri u saħansitra n-nanniet. Ellul itenni li n-nanniet jagħtu ħajjithom għan-neputijiet, u allura ma jixraqilhomx li jkunu vittmi ta' dan il-fenomenu u jispiċċaw ma jarawx lin-neputijiet tagħhom. Din il-konferenza ġiet indirizzata wkoll mill-Ministru Michael Falzon u l-Ministru Edward Zammit Lewis.

# INSAĦĦU L-FAMILJA

**MICHAEL FALZON**
Il-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal


Ritratt: Jason Borg (DOI)

> **Bħala amministrazzjoni kommessi li nibqgħu viċin il-familji, u ngħinu bl-aqwa mod, riżorsi u sapport possibbli**

Il-familja hija l-post naturali li kull persuna titwieled fiha, biss kull familja hija differenti. Irridu nibdew qabelxejn billi nirrikonoxxu li t-terminu ta' familja qed jinbidel, qed jevolvi b'passi iktar mgħaġġla, u m'hemm xejn li jiddefinixxi l-kompożizzjoni ta' kull familja. L-introduzzjoni ta' aktar drittijiet ċivili waslu wkoll għal aktar tipi differenti ta' familji. Il-familji kollha iżda għandhom id-dritt li jgawdu u jmexxu 'l quddiem valuri pożittivi, fost l-ulied, kemm dawk bijoloġiċi kif ukoll tfal oħrajn li jiġu fostered u adottati.

L-għan aħħari imma għandu dejjem ikun dak li nagħtu opportunitajiet ugwali lil kulħadd, u nemmen li f'dan is-settur wettaqna ħafna u ninsabu minn ta' quddiem. Xorta waħda iżda r-realtajiet soċjali, li b'mod konstanti dejjem jinbidlu, iħallu pressjoni fuq kull tip ta' familja. Hawnhekk irridu nuru li permezz ta' direzzjoni u għajnuna, kull familja tista' terġa' tikseb il-kuntentizza tagħha. F'każijiet fejn ma jkunx hemm soluzzjoni, għajr li jitteħdu direzzjonijiet differenti, għandna nassiguraw li l-partijiet ikollhom d-drittijiet tagħhom imħarsa.

Il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, kontinwament jinvesti f'politika li tħares lejn it-tisħiħ tal-familja. Anke jekk wieħed iħares lejn l-aħħar baġit, jara miżuri li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jsaħħu l-finanzjament tal-familji, fi klima ta' bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-familja. Nosservaw ukoll kif miżuri bħat-twessigħ fit-'threshold' tal-In Work Benefit', tisħiħ fiċ-'Children's Allowance', estensjoni fil-ħinijiet taċ-'Childcare' b'xejn, u inqas taxxi fuq xogħol part-time, huma lkoll intiżi sabiex jagħtu ħajja ta' kwalità aħjar lill-familji.

## KAMPANJA TROBBIJA POŻITTIVA

Fuq nota oħra, iżda relatata ma' dan, dan il-Ministeru jieħu ħsieb li jkun hawn għarfien biżżejjed ta' x'jagħmel u x'inhuwa s-suċċess wara l-familji. Fl-aħħar xhur rajna diversi kampanji mifruxa mal-pajjiż, bħal dik ta' Trobbija Pożittiva, li l-għan ewlieni tagħha huwa li mmexxu pożittivi fost l-ulied tagħna. Kampanja li inizjalment bdiet sabiex tagħti aktar gwida lill-ġenituri ta' kif jistgħu iqattgħu aktar ħin m'uliedhom, jisimgħjhom filwaqt li jagħtu aktar attenzjoni għall-ħtiġijiet tagħhom.

Fhimna aħjar illi x-xewqa tal-ġenituri hija li jaraw 'l uliedhom jimxu 'l quddiem, kemm fuq livell akkademiku u anke dak soċjali. L-isfida ewlenija tal-ġenituri tibqa' dik li tikkonċerna l-bżonn li jitkellmu aktar dwar suggetti sensittivi, li jqattgħu aktar ħin ta' kwalità, u li jkun hemm aktar għarfien dwar trobbija pożittiva.

Kien għalhekk li frixna din il-kampanja, sabiex nifhmu aħjar x'inhuma l-isfidi tal-ġenituri meta jkollhom tfal li daħlu fil-perjodu tal-adoloxxenza. Aktar minn 62.6% tal-ġenituri jħossuhom li għandhom relazzjoni tajba ma' wliedhom, filwaqt li aktar minn nofs il-parteċipanti jaqblu mal-partner tagħhom dwar it-trobbija ta' wliedhom (55.5%). Waħda mill-ikbar sfidi hija dik ta' ribelljoni u ta' użu eċċessiv tal-mezzi soċjali kemm mill-adoloxxenti kif ukoll mill-ġenituri. Dan jirriżulta f'inqas ħin ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ partijiet.

## 'PARENTAL ALIENATION'

Realtà li teżisti wkoll hija sitwazzjoni fejn it-tifel jew tifla jkunu qegħdin jgħixu ma' ġenitur minnhom, wara li jkun seħħ każ ta' separazzjoni. Jeżistu hawn każijiet fejn ġenitur minnhom jipprova jbiegħed kontinwament lit-tfal, bil-għan li joħloq klima skomda mal-ġenitur l-ieħor.

Propju din il-ġimgħa, ippublikajna studju sabiex nifhmu aħjar x'qed iwassal għal din ir-realta' f'pajjiżna u kemm din hija mifruxa. Mir-riżultati, ma jidhirx li hi xi ħaġa komuni, iżda kwart ta' dawk li wieġbu għall-istudju qalu li jafu b'każ ta' dan it-tip. 8% qalu li jafu b'xi ħadd fil-familja li għaddej min din is-sitwazzjoni. Dawn l-istudji qed isiru biex jagħtuna stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni f'pajjiżna, ħalli mbagħad inkunu f'pożizzjoni li nfasslu politika li tilqa' għal dawn l-isfidi. L-għan aħħari tagħna huwa li nagħtu l-aqwa ħajja lit-tfal, bi mħabba sinċiera u li tmur lil hinn minn sfidi li ma jwasslu għal imkien.

Bħala amministrazzjoni kommessi li nibqgħu viċin il-familji, u ngħinu bl-aqwa mod, riżorsi u sapport possibbli. L-isfidi huma parti intrinsika mill-ħajja ta' kulħadd. Irridu nkomplu nibdlu l-isfidi f'opportunitajiet li minnhom igawdi kulħadd. Huwa importanti li nuru solidarjetà ma' min għaddej minn sitwazzjonijet diffiċli fil-familja tagħhom. Huma dawn il-valuri u t-twemmin tagħna fil-ġustizzja soċjali li għandhom ikomplu jiddistingwuna minn soċjetajiet oħra!

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

# "Irridu nkunu ambizzjużi filwaqt li nkomplu nwettqu l-bidla"

## - l-MPE Cyrus Engerer mill-Konferenza COP26 fi Glasgow, l-Iskozja

"Kburin li bħala Unjoni Ewropea aħna l-iktar grupp ta' pajjiżi ambizzjużi biex niġġieldu t-tibdil fil-klima. Għandna l-Green Deal, il-liġi dwar il-klima u issa l-Fit for 55. Issa wasal iż-żmien biex inwettqu l-bidla meħtieġa," saħaq il-Membru Parlamentari Ewropew Cyrus Engerer fi Glasgow, fejn attenda l-laqgħa COP26 f'isem il-Parlament Ewropew.







Il-COP hija konferenza mtellgħa kull sena minn Nazzjonijiet Maqgħuda li ġġib flimkien lill-mexxejja kollha ta' madwar id-dinja f'diskussjonijiet u negozjati dwar il-miżuri ambjentali li d-dinja għandha bżonn tieħu bħala parti mill-ġlieda essenzjali kontra t-tibdil fil-klima. Il-COP ta' din is-sena, kienet meqjusa bħala s-suċċessur tal-COP21 li saret f'Pariġi lura fl-2015, fejn il-mexxejja globali kkommettew li jillimitaw l-għoli fit-temperaturi globali għall-massimu ta' żewg gradi celsius fuq il-livelli preindustrijali.

"Irridu naraw li fiż-żmien li ġej, mhux biss inkomplu fil-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima, imma li anka nibdew nieħdu l-miżuri biex nadattaw għad-differenzi li qegħdin naraw fil-klima tagħna madwar id-dinja kollha," tenna Engerer, hekk kif fakkar fit-temp estrem li ħakem lid-dinja matul dan is-sajf - mis-sħana tremenda u nirien fil-Mediterran u fl-Amerka ta' fuq, għal xita u għargħar bla preċedent fil-Punent tal-Ewropa u ċ-Ċina.

Engerer kellu numru ta' laqgħat fil-COP26, fosthom mad-Deputat Prim Ministru Russu Alexei Overchuk, Membri tal-Kungress Amerikan mill-Partit Demokratiku u diversi Ministri tal-Ambejnt minn madwar id-dinja, inkluż dawk viċin tal-Ewropa bħat-Turkija, kif ukoll oħrajn minn bnadi oħra tad-dinja bħal dawk tal-Bangladesh, India, Brazil, Ċina, l-Afrika t'Isfel, ir-Reppublika tal-Korea u l-Maldivi fost l-oħrajn.

"Laqgħa li laqtitni ħafna kienet dik mal-Ministru għall-Ambjent mill-Maldivi, Abinath Shauna, fejn kelli l-opportunità nitkellem u nisma' dwar l-impatt li t-tibdil fil-klima qiegħed diġà jkollu fuq dan il-pajjiż li, bħal Malta mdawwar u jiddependi mill-baħar," qal Engerer, filwaqt li fakkar li l-livelli tal-ibħra u l-oċeani kulma jmorru qegħdin ikomplu jiżdiedu u jisħnu u dan qiegħed ikollu effett fuq l-għajxien tal-biodiversità u għaldaqstant tan-nies, li saħansitra qegħdin ikollhom jiċċaqalqu minn fejn jgħixu għal żoni oħra tal-pajjiż.

Matul il-laqgħat Engerer fakkar li Malta, b'Prim Ministru Robert Abela kommess għall-Ambjent irdduppjat l-ammont ta' flus għall-fond li jgħin lil dawn il-pajjiżi jiġġieldu d-dannu u t-telf li qed ikollhom minħabba t-tibdil fil-klima u l-impenn li għandu pajjiżna biex jilħaq in-newtralità tal-klima sal-2050.

cyrus.engerer@ep.europa.eu
www.socialistsanddemocrats.eu
S&D

# LEJL TA' MĦABBA MA' SAN LEOPOLDU... X'FARAĠ U AKKUMPANJAMENT FL-IMPENN!



PATRI MARIO ATTARD OFM CAP

Għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu l-quddiesa tant mistennija issa kienet intemmet. X'ħin tajt daqqa t'għajn lejn l-arloġġ għedt lili nnifsi: Tajjeb! Għandi issa tlett sigħat sbieħ sbieħ għall-irqad! Buli x-xogħol!

Hekk kieku ħsibt jien, il-Patri! Imma l-Boss tal-Patri kien iddeċieda ferm differenti. Kont sejjer lejn kamarti, fis-sular ta' fuq, meta għaddejt minn quddiem il-kamra fejn fiha kien qatta' l-aħħar jiem ta' ħajtu San Leopoldu. Xi ħadd ġie x'jgħidli: U int? Ġejt minn Malta apposta biex iżżur dan il-post qaddis? Għax ma tqattax naqra ħin hawn? U, dak il-leħen ħelu ħelu, li daħal fil-mudullun ta' dak kollu li jien, aqta' kif ikkonvinċieni. Kif inħallet ir-rieda tiegħi quddiemu bħalma jdub is-silġ fix-xemx t'Awwissu!

Dħalt u xegħelt il-kamret San Leopoldu. Fuq il-bieb ta' barra kien hemm miktub dan il-kliem bl-ilsien Taljan: San Leopoldo Mandić passò gli ultimi mesi della sua vita in questa cella. Qui la mattina del 30 luglio 1942, invocando la Madonna, spirò. Fi kliem ieħor, San Leopoldu Mandić qatta' l-aħħar xhur ta' ħajtu f'din iċ-ċella. Hawnhekk, fl-għodwa tat-30 ta' Lulju 1942, waqt li kien qed isejjaħ lil Madonna, miet.

Għal dan il-kliem ħassejt tkexkixa ma' ġismi kollu. L-ewwel nett, il-mewt. Jew kif kien isejħilha Missierna San Franġisk, oħtna l-mewt tal-ġisem. Fuq il-mewt San Franġisk għandu dan il-ħsieb tassew sabiħ u li fissru fl-Għanja tal-Ħlejjaq: Tkun imfaħħar, Mulejja, f'oħtna l-mewt tal-ġisem, li minnha l-ebda ħaj ma jista' jaħrab. Ħażin għal min imut fid-dnub il-mejjet. Hienja dawk li l-mewt issibhom jagħmlu r-rieda mqaddsa tiegħek, għax il-mewt l-oħra ma tagħmlilhom l-ebda ħsara.

Dan il-kliem ħuti tefgħani f'meditazzjoni kbira u profonda. Tkun imfaħħar, Mulejja, f'oħtna l-mewt tal-ġisem. X'inhu? Infaħħrek Mulej għall-mewt? Kif jista' ikun li l-mewt tkun oħti? Il-mewt tifridni minn dawk li inħobb? Stenna naqra... Fuq liema mewt ħej qed nitħaddtu hawn? San Franġisk mhux is-sempliċott u l-baħnan li jaħsbu li hu. Lil San Franġisk inħobb insejjaħlu Doctor Subtilis, jiġifieri d-Duttur Sottili. Kien fin mhux biss fl-ispirtu tiegħu imma fl-intelliġenza tiegħu ukoll. Qed ikellimna fuq il-mewt tal-ġisem. Mela, fuq il-mewt totali?! Le! Fuq il-mewġ tal-ġisem! U, kif jgħidilna tant tajjeb San Pawl: Dan il-ġisem tad-dnub (Rum 6:6). Kos hux! Sewwa mela kien qalilna l-mibki Patri Ġorġ Aquilina OFM li San Franġisk kien ġenju!

U din il-mewt tal-ġisem minnha l-ebda ħaj ma jista' jaħrab! Il-mewt mhux ħa nixtrieha bil-flus. Għax, għandi kemm għandi, xorta warajja irrid inħalliehom warajja. Minn din il-mewt ma nistax naħrab le! Xi darba se tmiss lili wkoll! U, ma' din il-mewt, San Franġisk qed jorbot mewt oħra: dik tar-ruħ. Li tiġi mid-dnub il-mejjet. Kemm hu ikrah id-dnub hux! Hu u jikteb jew jiddetta dan il-kliem, li ma jmut qatt, San Franġisk żgur li ġieħ f'moħħu l-kliem qawwi li nsibu fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann meta jgħidilna: Hemm dnubiet li jwasslu għall-mewt (1 Ġw 5:16). U liema mewt ħbieb jekk mhux dik tar-ruħ fl-infern għal dejjem?! U mhux għalhekk li Franġisku għanna: Ħażin għal min imut fid-dnub il-mejjet?

Imma, minkejja d-dnubijiet u d-dgħjufijiet tagħna, jien u int m'aħniex le maħluqa biex ngħaddu minn din il-mewt tant mistkerrħa u tal-biża' u nibqgħu taħtha imma aħna għall-ħajja ta' dejjem. Li, madankollu, tinkiseb meta ngħixu l-kliem li nitolbu fit-talba tant sabiħa tal-Missierna: Ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art (Mt 6:10). Fit-tifsira tiegħu ta' dan il-vers San Franġisk jikteb hekk:

Ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art: Biex inħobbuk b'qalbna kollha billi naħsbu dejjem fik; b'ruħna kollha billi dejjem nixtiquk; b'moħħna kollu, billi ndawru fehmietna lejk, u billi nfittxu f'kollox il-glorja tiegħek; b'saħħitna kollha, billi nħaddmu l-qawwiet u s-setgħat kollha ta' ruħna u ta' ġisimna f'xejn aktar ħlief fil-qadi ta' mħabbtek. Biex inħobbu lil qrabatna bħalna nfusna billi b'ħilitna kollha niġbduhom ilkoll lejn imħabbtek. Billi nifirħu bil-ġid ta' l-oħrajn daqslikieku tagħna, billi nsofru ma' l-oħrajn fit-tiġrib u billi ma nweġġgħu lil ħadd.

Dan il-kliem tad-deheb tassew tefagħni f'baħar li ma jispiċċa qatt ta' riflessjoni. Kemm qed inħobbok Mulej b'qalbi kollha? Kemm qed naħseb fik? Jew qed naħseb fik biss meta jinqalagħuli l-problemi biex toħroġni minnhom u imbagħad addijo kollox? Kemm qed nixtieqek, int li int il-Ħallieq u l-Feddej, 'il fuq minn dak li ħlaqt u fdejt? Kemm qed indawwar fehmti lejk u mhux inżommha imrambla fil-karti tat-tajjar ta' moħħi sakemm tinfetta ruħha u tikkankrali? Qed infittex il-glorja tiegħek jew tiegħi Mulej f'dak li qed nagħmel? Kemm qed inħaddem il-ħiliet li tajtni f'ruħi u f'ġismi biex naqdik? Jew qed inħaddimhom għax jagħmluni aktar popolari man-nies? Kemm qed niġbed lill-proxxmu tiegħi lejk Mulej? Fil-verità, lill-proxxmu lejk jew lejja qed niġbdu? Qed nieħu gost bil-ġid tal-oħrajn jew inkella qed inrabbi kull lanżita daqshiex għas-suċċess tal-oħrajn għax nippretendi li dak is-suċċess kellu jkun għalija? Qed inbati ma' l-oħrajn fit-tiġrib jew inkella meta dawn jiġġarrbu naħseb għal rasi u nħallihom jegħrqu waħedhom? Qed ikun ta' fejqan għall-oħrajn jew qed nimliehom kollha ġrieħi bil-mod ta' kif inkellimhom u inġib ruħi magħhom?

Taf li jekk ngħix dan il-kliem il-mewt tal-ġisem, li xi darba żgur li ġejja fuqi, żgur li mhux ħa tagħmilli ħsara? U mhux għalhekk San Leopoldu ġarrab is-siegħa ta' mewtu bil-ferħ u b'serenità kbira għax ħabbek Mulej b'qalbu kollha? Dejjem ħaseb fik? Xtaq lilek biss? U dawwar fehmtu lejk, u lejk biss? Fittex il-glorja tiegħek tant li inħeba għal erba' u tletin sena f'kamra daqs naqra jilqa' lin-nies li kienu imorru jqerru għandu? U San Leopoldu, Mulej, mhux b'saħħtu kollha ta' ġismu u ruħu, ħabbek? Ma kienx jorqod għajr ftit sigħat mallejl u l-bqija talb u xogħol bla heda ħalli jaqdik mill-koxxa, kif, wara kollox, jistħoqqlok u jixraqlek?

U dan il-Kapuċċin qsajjar u fqajjar mhux fi qrabatu l-penitenti bħalu ħabbek Mulej? Bil-ħlewwa ta' kliemu u għemilu, imżejjen b'dik il-prudenza ta' Missier ħanin, mhux lejn imħabbtek ġibidhom lil dawn in-nies? U għax kien jifraħ bil-ġid li jarahom maqgħuda fil-ħbiberija miegħek, Missier, ma kienx jaqdihom bil-ferħ? Mhux dan kien il-ferħ tiegħu, li jarahom jgħixu ferħana fil-paċi miegħek Missier, mal-oħrajn u, fuq kollox, magħhom infushom? Ma kienx ibati magħhom fit-tiġrib? Ma kienx ixxerred id-dmugħ fit-talb tiegħu bla heda għalihom? Ma kienx iqatta' iljieli twal ma jorqodx, wara jiem sħaħ ta' xogħol iebes, basta jarahom jinħeslu mit-tiġrib tad-dnub? Mill-esperjenza ta' ħajtu, wara li l-Kappillan tar-raħal tiegħu, fi tfulitu, kien ħatfu ħatfa nobis u tista' tgħid għal xejn, ma kienx waħħalha f'rasu li la jikber isir saċerdot biex juri ħafna ħniena mal-penitenti? Mhux dan l-idejal għex sal-anqas qattra ta' ħajtu?

X'akkumanjament u x'faraġ ħassejt meta dawn il-mistoqsijiet-akklamazzjonijiet iżżerżqu f'qalbi fil-kamra ta' San Leopoldu! Kemm issa ħassejtni aktar żgur li, fl-impenn tiegħi, la ninżel Malta mhux ħa jkun waħdi, sulu, u fl-arja imma akkumpanjat mill-ħabib kbir tiegħi u ħija San Leopoldu! Li għalih il-Kelma t'Alla, fil-ktieb ta' Bin Sirak, tgħidli: Kenn sod il-ħabib ta' min jafda fih, u min isib wieħed ikun sab teżor. Ma tibdlu ma' xejn ħabib tafdah, u m'għandekx kejl biex tkun taf xi jsarraf. Duwa tal-ħajja ħabib tafdah, u jsibu minn jibża' mill-Mulej. Min jibża' mill-Mulej imexxi tajjeb il-ħbiberija tiegħu, u kif ikun hu, ikun ħabibu (Sir 6:14-17).

X'duwa, x'faraġ u x'akkumpanjament int għalija, għażiż ħija u ħabibi ta' qalbi, Leopoldu!



# IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

## ATIF: PRESIDENT TAL-KOMUNITÀ AHMADIYYA IŻLAMIKA



MARY GAUCI
President Happy Parenting - Malta





Happy Parenting tikkollabora ma' diversi għaqdiet fosthom mal-Komunità Ahmadiyya Iżlamika.

Saru diversi laqgħat u skambji ta' ideat. Fil-fatt, jien personalment attendejt għal attività ħelwa fejn kienu mistednin rappreżentanti minn Għaqdiet u reliġjonijiet diversi bit-tema Imħabba għal kulħadd fejn kienet tinħass qawwija l-ħtieġa li nfittxu dak li jgħaqqadna biex naħdmu flimkien.

Min-naħa tiegħu, Atif, flimkien ma' wħud minn sħabu, żaru Dar Christine fir-Rabat Għawdex. Dar Christine hi waħda mill-kumplessi li se jintużaw għal residenza terapewtika f'każijiet ta' Parental Alienation.

Atif iltaqa' wkoll mal-Interns tal-istess Happy Parenting – Malta (For Happier Children) fil-binja tal-Kunsill Lokali tal-Gżira. Wara li nnota l-ħtieġa tagħhom li biex jaħdmu aħjar għandhom bżonn laptop, Atif offra donazzjoni ta' 2 laptops lill-NGO biex ikunu jistgħu jintużaw mill-Interns.

Il-preżentazzjoni se ssir il-Ħadd filgħaxija waqt waħda mil-laqgħat tal-Parental Alienation Support Group fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard.

Il-Komunità Ahmadiyya Iżlamika tħaddan il-prinċipji tal-paċi, tat-tolleranza, tal-imħabba u tar-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Hi tikkundanna bil-qawwi l-vjolenza u t-terroriżmu ta' kull għamla jew raġuni. Kull Aħmadi li jgħix fi kwalunkwe pajjiż fid-dinja, hu ċittadin leali tassew ta' dak il-pajjiż, u jħobbu ġenwinament.

### SERVIZZ GĦALL-UMANITÀ

L-Iżlam jagħti servizz lejn l-umanità. Per eżempju, il-komunità waqqfet skejjel miftuħa għal kulħadd f'ħafna pajjiżi, tgħin fil-bżonnijiet mediċi u edukattivi, mhux biss għall-membri tagħha iżda wkoll għall-komunitajiet fejn joqogħdu huma. Il-Komunità fetħet ukoll ħafna kliniċi tal-mediċina u sptarijiet li joffru għajnuna medika b'xejn. Fl-Afrika dawn l-għajnuniet servew lin-nies tal-lokal għal għexieren ta' snin.

Il-Komunità Ahmadiyya nehdiet numru kbir ta' proġetti soċjali biex jgħinu fl-iżvilupp ta' pajjiżi fl-Affrika u fl-Asja, u jgħinu l-vittmi tal-gwerer u diżastri naturali fl-Indja, fil-Haiti, fil-Ġappun, fit-Turkija, fil-Bosnija, fil-Kosovo, fis-Sri Lanka, fl-Indonesja, fil-Kaxmir, fil-Bangladexx u fil-Pakistan.

F'dawn l-aħħar snin, il-Komunità Ahmadiyya f'Malta pparteċipat f'ħafna attivitajiet ta' karità, fosthom l-Istrina u l-Ġirja mal-President għallKarità, offriet għotjiet ta' flus jew hampers lill- Malta Community Chest Fund, li-Dar tal-Providenza, lil The Malta Hospice, lin-National Foster Care Association u lil St. Vincent de Paul Residence'. Il-Komunità għamlet ukoll ħafna xogħol ta' karità fil-kamp tar-fefuġjati.

Aktar tagħrif dwar il-Komunità Ahmadiyya Iżlamika jista' jinstab fuq is-sit elettroniku: www.ahmadiyya.mt , www.ahmadiyyamalta.org .



IL-PAPA TWAJJEB (1)

# PAPA ĠWANNI XXIII – 140 SENA MINN TWELIDU



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com



Kien it-22 ta' Ottubru 1962. Il-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, John Fitzgerald Kennedy kellem lin-Nazzjon permezz tat-televiżjoni. L-aħbar li ta kienet waħda tal-biża': vapuri Sovjetiċi kienu fi triqthom lejn Kuba biex jarmaw b'missili atomiċi l-installazzjonijiet li kien hemm fuq dik il-gżira tal-Karibew, ftit għexieren ta' kilometri 'l bogħod mill-kosta Amerikana. F'erbgħin sekonda missila sparata minn Kuba setgħet tilħaq it-territorju Amerikan.

B'din it-theddida nukleari Kennedy ordna l-imblokk navali ta' Kuba u talab li jitneħħew il-missili; inkella kien ikun imġiegħel jattakka l-gżira u hekk jipprovoka r-reazzjoni tas-Sovjetiċi b'periklu li tfaqqa' gwerra nukleari. Il-poplu Amerikan qabdu ferħ ta' ġenn. L-Amerikani bdew iħaffru xelters anti-atomiċi fil-ġonna tad-djar waqt li t-televiżjoni kienet qiegħda twissi li jekk tinstema' s-sirena ridt tintefa' malart u titgħatta b'kutra jew liżar biex tevita r-radjazzjoni ta' splużjoni atomika.

Kienu ġranet ta' tensjoni tremenda. L-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika qatgħu l-kanali kollha ta' komunikazzjoni bejniethom. Gwerra kbira oħra kienet imdendla b'xagħra. L-unika tama għad-dinja kien raġel xiħ Taljan ta' tmenin sena. Hekk Kennedy talab lill-Papa Ġwanni XXIII biex juża l-forza morali u spiritwali tiegħu u jservi ta' pont mal-Unjoni Sovjetika. Il-President Amerikan kien jemmen li appell mill-Papa seta' jiżblokka s-sitwazzjoni.

Ġwanni XXIII ma qagħadx lura. Ħass ir-responsabbiltà li jaġixxi. Irrekordja messaġġ qasir għar-radju li l-ewwel bagħtu lill-ambaxxaturi tal-Istati Uniti u l-Unjoni Sovjetika, u mbagħad ixxandar fuq Radio Vaticana fil-25 ta' Ottubru f'nofsinhar. Jitkellem bil-Franċiż, il-lingwa tad-diplomazija, il-Papa għamel appell imqanqal għall-ġid suprem tal-paċi u miss il-kuxjenzi ta' miljuni ta' nies, kien x'kien it-twemmin tagħhom.

Il-messaġġ infirex mad-dinja kollha u l-għada l-ġurnali internazzjonali rrappurtawh ukoll, anke l-ġurnal Pravda, l-organu tal-Partit Komunista Sovjetiku. Jumejn wara, l-Unjoni Sovjetika aċċettat il-kundizzjonijiet tal-Istati Uniti u reġgħu bdew it-taħdidiet li wasslu għal soluzzjoni paċifika. Ir-rivista Times iddikjarat lil Ġwanni XXIII "Man of the Year" għax "huwa ta lid-dinja kollha dak li la setgħu jagħtuha d-diplomazija u lanqas ix-xjenza: is-sens tal-unità tal-familja umana".

Fi ftit snin, Papa Ġwanni XXIII sar wieħed mill-akbar Papiet tal-Knisja Kattolika u fost l-aktar wieħed magħrufin mad-dinja kollha, anki għax kien l-ewwel Papa fl-era tat-televiżjoni. Magħruf bħala l-Papa buono, il-"Papa twajjeb", Angelo Roncalli kien elett Papa nhar it-28 ta' Ottobru 1958, u inqas minn sena wara ta bidu għal tiġdid kbir fil-Knisja Kattolika bil-Konċilju Vatikan II.

## Familja tal-Bdiewa

Bin Giovanni Battista u Marianna mwielda Mazzola, Angelo Roncalli twieled nhar il-25 ta' Novembru 1881 f'familja kbira ta' bdiewa foqra f'Sotto il Monte, qrib Bergamo, fl-Italja ta' fuq. Kien ir-raba' wild minn tlettax-il aħwa. Għammduh dakinhar stess li twieled fil-Knisja ta' Santa Maria. Kien marbut l-iktar ma' ommu li għallmitu l-ewwel poeżija, dwar il-Madonna. Dwar missieru kiteb fid-djarju tiegħu: "Missieri bidwi li kuljum iħaffer u jagħżaq... u jien niswa ħafna inqas minnu, għax hu għalinqas sempliċi u tajjeb, filwaqt li jien mimli ħażen."

Kienu jgħixu fil-faqar imma kif qal il-Papa iżjed tard: "Konna foqra ħafna, imma kulħadd hekk kien, u allura lanqas konna nafu li kien jonqosna xi ħaġa." Ma kienx ikun hemm sorpriżi fl-ikel! Dejjem polenta, u fil-Milied daqsxejn inbid u kejk magħmul id-dar. U jekk kien jiġi jħabbat xi tallab filgħaxija kienu jagħtuh post mal-mejda u jaqsmu miegħu l-ftit li kellhom.

Angelo baqa' jiftakar l-għelieqi, imxarrbin fi żmien iż-żrigħ u xotti fi żmien il-ħsad. Snin wara, meta sar Papa, qal bl-umoriżmu ħelu tiegħu: "Hemm tliet modi kif teqred lilek innifsek – bin-nisa, bil-logħob u bix-xogħol tal-għalqa. Missieri għażel l-iktar mod monotonu."

Il-familja tiegħu kienet reliġjuża ħafna u kienu jitolbu flimkien kuljum. Il-qanpiena tal-kunvent ta' Boccanello, xi mil 'il bogħod, kienet l-arloġġ tagħhom. Kienet timmarkalhom x'ħin iqumu, x'ħin jitolbu, u x'ħin jieklu. Kull ġurnata kienet tibda bil-quddiesa u tintemm bir-rużarju. Bħal ħafna tfal żgħar oħra l-gost tiegħu kien li joqgħod fit-tieqa jara n-nies għaddejjin. Għalih bniedem wieħed biss kien differenti min-nies kollha li kienu jgħaddu minn hemm: il-kappillan bil-libsa s-sewda.

Angelo kien tifel ferrieħi u kienet l-għaxqa tiegħu meta

missieru, normalment mistħi, kien jerfgħu fuq spallejh biex ikun jista' jara l-purċissjoni f'raħal tal-qrib. Fakkar f'dan, meta, bħala Papa ġarrewh l-ewwel darba fil-Bażilika ta' San Pietru fuq is-sedia gestatoria. "Qegħdin jerġgħu jġorruni... Iktar minn sebgħin sena ilu ġarrni missieri fuq Ponte San Pietro... Is-sigriet tal-ħajja huwa li tħalli lilek innifsek tinġarr minn Alla u hekk iġġorru lill-oħrajn."

Kull filgħaxija, Angelo kien joqgħod mal-familja kollha bilqiegħda mal-mejda twila tal-ikel u jisma' affaxxinat liz-ziju Zaverio, parrinuh fil-magħmudija, jaqra jgħajjat mill-Bibbja jew mill-ġurnali Kattoliċi ta' Bergamo. Dan ir-raġel komuni, li kważi tgħallem waħdu, ħa lit-tifel f'idejh u inkulka fih stil ta' ħajja Nisranija li kien imur lil hinn mir-ritwal u d-devozzjonali, u daħħal fih interess u kurżità fid-dinja vasta ta' hemm barra.



## Moħħu tajjeb

B'differenza minn ħutu, Angelino kien iħobb iktar il-kotba mill-imgħażqa. Meta kellu sitt snin daħħluh fl-iskola ta' Sotto il Monte mmexxija mill-Kappillan Don Francesco, skola b'kamra waħda bi tliet bankijiet, bank għal kull sena. Kellu moħħu tajjeb u kien jieħu pjaċir jitgħallem affarijiet ġodda. Wara li lesta l-ewwel tliet snin tal-primarja, il-kappillan qal lil missieru biex imur bih Carvico, parroċċa fil-qrib fejn il-kappillan t'hemm Don Pietro Bolis kien magħruf bħala għalliem mill-aqwa tal-Latin.

"Dat-tifel m'huwiex iblah," kien qallu missieru, "jekk jaqa' lura ċaqċaqhielu!" Don Bolis ma kellux bżonn min iħeġġu. It-tiġbid tal-widnejn u d-daqqiet fl-għekiesi kienu s-sigriet tas-suċċess pedagoġiku tiegħu, u Angelo tgħallem il-Commentarii de Bello Gallico ta' Ġulju Ċesri "bir-rata ta' paġna għal kull daqqa"!

Meta Angelino wera x-xewqa li jsir qassis, iz-ziju Zaverio offra li jħallaslu biex jistudja s-Seminarju Minuri ta' Bergamo, fejn daħal meta kellu tnax-il sena. Angelino lesta l-istudji tiegħu f'qasir żmien, tant li fis-seminarju kien l-iżgħar wieħed tal-klassi. Il-mira tiegħu filħajja kienet li jsir qassis qaddis. Ta' dsatax-il sena kien lesta mill-korsijiet, imma skont il-liġijiet ekkleżjastiċi ma setax ikun ordnat saċerdot qabel jagħlaq 24 sena, u għalhekk intbagħat Ruma biex jiggradwa fit-Teoloġija fis-Seminario dell'Apollinare ta' Roma.

## Segretarju ta' Isqof "Progressiv"

Nhar l-10 ta' Awwissu 1904, huwa kien ordnat qassis fil-Knisja ta' Santa Maria in Monte Santo, fi Piazza del Popolo f'Ruma, u l-għada qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Nhar il-15 t'Awwissu, festa ta' Santa Marija, qaddes l-ewwel darba fl-istess knisja fejn kien tgħammed, f'Sotto il Monte.

L-isqof il-ġdid ta' Bergamo, Giacomo Radini-Tedeschi mill-ewwel għażlu bħala s-Segretarju personali tiegħu. F'din il-kariga, Roncalli wera dedikazzjoni, diskrezjoni u effiċjenza. Min-naħa tiegħu Radini-Tedeschi baqa' dejjem mudell għal Angelo Roncalli. Minkejja li Radini-Tedeschi kien ġej minn familja nobbli u ta' karattru riservat u ta' ftit kliem, kien dejjem Isqof sensittiv u ġeneruż. Kien impenjat fil-problemi soċjali ta' żmienu.

Fil-ħarifa tal-1909, dan l-isqof appoġġja strajk f'Ranica, fejn il-ħaddiema ta' fabbrika li kienu f'union Kattolika kienu qed jitolbu għal tnaqqis fis-sigħat ta' xogħol, li kienu ħdax-il siegħa xogħol għal sitt ijiem fil-ġimgħa. Tant daħal fiha li xi uħud fil-Knisja bdew jakkużawh b'moderniżmu u progressiżmu, it-tnejn ikkundannati mill-Knisja. Roncalli baqa' jassisti lil Radini-Tedeschi sakemm dan miet b'kanċer fl-1914, fl-età ta' 57 sena.

Fl-istess żmien Roncalli kien qed jgħallem ukoll l-Istorja tal-Knisja u l-Patroloġija fis-Seminarju. Darba tfaċċa quddiemu bla ħsieb l-arkivju tal-karti ta' San Karlu Borromeo, l-arċisqof Milaniż li kien attiv fil-Konċilju ta' Trentu. Il-proġett li jeditja dan l-arkivju ħa lil Roncalli kważi l-bqija ta' ħajtu: l-aħħar volum deher fl-1957. Permezz ta' dawn il-karti, Roncalli fehem kemm il-Konċilju ta' Trentu ma kienx "polemika anti-Protestanta" imma "konċilju riformatorju." Kienet lezzjoni li kellu juża ħafna snin wara.

## Kappillan Militari

Kif faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, lil Roncalli bagħtuh fl-isptar ta' Bergamo bħala surġent. Ftit wara sar kappillan militari fejn ra l-knejjes jinbidlu fi sptarijiet mimlijin feruti. Kienet esperjenza li mmarkatu profondament.

Filwaqt li baqa' dejjem jemmen li "l-gwerra hija u tibqa' l-ikbar ħażen," huwa esperjenza s-sens tal-preżenza t'Alla maġenb il-persuni li kien jaqdi.

Ftit wara l-Gwerra, fl-1920, Roncalli tkellem fuq ix-xogħol tiegħu mas-suldati f'agunija: "Kien jiġrili ħafna—ippermettuli din il-memorja personali—li kont naqa' fuq irkupptejja u nibki bħal tifel, waħdi f'kamarti, fil-ħasra li kont inħoss għall-imwiet sempliċi u qaddisa ta' tant ulied imsejkna ta' niesna."

Wara l-Gwerra, Papa Benedittu XV ħatru direttur nazzjonali tal-Propaganda Fide. Il-ħidma tiegħu kienet li jipprovdi għall-ħtiġijiet tal-Knisja fit-"territorji tal-missjoni."

Minbarra li kien jiġbor fondi għal djoċesijiet barra l-Italja, Roncalli kellu jħajjar għal vokazzjonijiet saċerdotali f'dawn it-territorji, iħajjar l-ordnijiet missjunarji iwarrbu tendenzi nazzjonalistiċi, u jeżorta lit-Taljani jitolbu għall-missjoni. Fil-vjaġġi li għamel madwar l-Italja u l-ħidma tiegħu ma' diversi ordnijiet missjunarji, beda jifhem iktar il-Knisja universali, riżors ieħor li kellu jsibu utli fil-ħajja li kienet għadha ġejja.

(jissokta)

# SONDAĠĠ INKORAĠĠANTI... IL-ĦIDMA TKOMPLI



L-Avukat **CHRIS BONETT**
Kandidat Laburista
fuq ir-raba' distrett


it-TORĊA
Subscribe.mt
ROBERT ABELA
SSAĦĦAĦ
WARA L-BUDGET...
52.5%
27.0%
GRECH TILEF
OPPORTUNITÀ OĦRA

Bħal-lum ġimgħa din il-gazzetta ppubblikat stħarrig ikkummissjonat minn Dr Vince Marmara li lkoll nafu kemm ikun preċiż fis-sondaġġi u għalkemm xorta waħda l-prova vera tkun fl-elezzjoni ġenerali, dawn is-surveys ituna ndikazzjoni ta' fejn qiegħed iħabbat il-polz tal-poplu.

Bla dubju ta' xejn, wieħed mill-ewwel jagħraf li l-poplu Malti qiegħed jirrikonoxxi l-ħidma li dan il-Gvern qiegħed iwettaq. Ħidma li ma taqta xejn sabiex noffru l-aqwa politika għall-pajjiżna. Fiż-żmien meta konna maqtugħin minn xulxin, bid-distanza soċjali, il-Prim Ministru Robert Abela, bil-ħidma għaqlija tiegħu rnexxielu jżomm kuntatt mal-poplu. Kuntatt li għalkemm ma setgħax jagħmlu b'mod fiżiku ħoloq diversi skemi biex iwieżen lill-familja Maltin u Għawdxin. Il-Prim Ministru ħa deċiżjonijiet fi żmien kritiku meta d-dinja ħadet daqqa kbira ekonomikament u anke soċjalment, imma li llum qegħdin naraw il-frott tagħhom. Dan il-Gvern ħaseb fl-immedjat biex jaffaċċja l-problema tal-pandemija imma fl-istess waqt baqa' għaddej bil-ħidma l-oħra simultanjament. Dan huwa l-impenn ta' dan il-Gvern. Ir-riżultati ma jiġux mix-xejn jew b'kumbinazzjoni, imma bid-deċizjonijiet għaqlin u b'ħidma holistika li flimkien jibnu l-viżjoni tal-Prim Ministru.

Proprju għalhekk il-poplu wieġeb b'maġġoranza qawwija fis-sondaġġ ta' nhar il-Ħadd li għadda. Il-Partit Laburista sar l-għażla naturali ta' dan il-pajjiż. Huwa biss Gvern Laburista li jġib is-serħan il-moħħ. Il-poplu jaf li b'Robert Abela fit-tmun, ser isibu hemm meta l-aktar li jkollu bżonnu. Dan wettqu fi żmien il-maltemp u allura l-poplu jinsab b'aktar ottimiżmu jistenna futur isbaħ u aħjar meta d-dinja terġa' tistejqer u tħalli l-għawġ tal-pandemija warajha bħala storja li grat. Il-poplu jinsab grat ta' dak kollu li sar biex ġew salvati n-negozji u l-eluf ta' mpjiegi.

Min naha l-oħra kif diġa spjegajt, dan il-Gvern ma waqafx mal-pandemija biss imma baqa' għaddej b'ħidma iktar usa li tolqot il-faxex kollha tas-soċjetà. Waqt il-pandemija il-proġetti nfrastrutturali baqgħu għaddejjin. Sar ħafna xogħol fil-qasam tal-enerġija u llum qegħdin inħarsu iktar lejn ambjent aħdar u nadif. Saru riformi kbar fil-qasam tal-housing u qegħdin jinbnew units sabiex jitqassmu lil min verament għandu bżonn. Fil-frattemp ħadna ħsieb il-fora internazzjonali u ħdimna fuq il-governanza tajba li ġiet rikonoxxuta mill-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula Von der Leyen.

Il-Partit Laburista baqa' jaħdem biex filwaqt li qiegħed fil-Gvern jiġġedded u joffri politika għan-nies. Irnexxielu jaħdem b'mod separat mill-Gvern imma li finalment isostni l-ħidma tal-Gvern b'politika aġġornata għaż-żmenijiet ta' llum. Ftit xhur ilu saru żewġ eżerċizzji ta' konsultazzjoni biex smajna ħafna mingħand in-nies u l-korpi kostitwiti sabiex imbagħad inkunu nistgħu noħolqu l-politika li dan il-pajjiż għandu bżonn għaż-żmien li ġej.

Il-Partit Laburista mbarka fuq il-proġett tal-mitt idea fejn flimkien analizzajna kull settur u faxxa fis-soċjetà biex ħriġna bi proposti konkreti li għandhom jiġu mplimentati mill-Gvern. Fl-istess waqt kienet għaddejja konsultazzjoni oħra biex jiġi mfassal il-budget għas-sena d-dieħla. Rajna l-aktar budget soċjali fl-istorja ta' pajjiżna li ħa ħsieb lill-bniedem bħala l-qofol u ċ-ċentru ta' kollox. Budget li ħa ħsieb l-aspetti kollha tal-ħajja minn meta titwieled tarbija sal-anzjani.

F'dan il-mument l-isfidi dawwarnihom f'opportunità biex pajjiżna jibqa' miexi 'lquddiem. Dan qiegħed ngħidu bil-fatti meta rajna iktar negozji li jespandu l-attività tagħhom, filwaqt li oħrajn ġodda nvestew għax emmnu li f'Malta hawn futur pożittiv. L-istatistika ukoll uriet dan meta rreġistrajna l-iktar rata baxxa ta' qgħad.

Fuq in-naħa l-oħra mbagħad, għandna oppożizzjoni li tgħix fid-dlam, 'lbogħod mir-realtà li qegħdin jeserjenzaw in-nies. Politika negattiva u ta' qtiegħ il-qalb. Espononenti ewlenin tal-Partit Nazzjonalista bil-Kap innifsu ma jemmnux fil-kapaċità tal-poplu tagħna u minflok ituh il-kuragg billi joffru politika alternattiva, jinfexxew jattakaw lill-Gvern bla sustanza ta' xejn. Qabel sar dan is-sondaġġ ta' nhar il-Ħadd, Dr. Bernard Grech talab lil kulħadd biex jivvota kontra l-budget. Ir-risposta ħadha mill-ewwel f'dan is-survey bin-numri juru li l-Partit Nazzjonalista taħt Bernarad Grech sejjer ħażin ħafna u agħar milli kien fl-aħħar elezzjoni ġenerali li għaddiet.

Filfatt, il-Partit Laburista jikseb il-fiduċja ta' 56.7% tal-elettorat u għandu vantaġġ ta' 15.0% fuq il-Partit Nazzjonalista li f'termini ta' voti juri li kieku kellha ssir elezzjoni ġenerali għada, il-Partit Laburista jikseb maġġoranza ta' madwar 46,000 vot. Punt iehor li laqgħatni kien li iktar minn 4 fil-mija tal-partitarji Nazzjonalisti ukoll qegħdin jagħżlu lill-Partit Laburista bħala l-għażla naturali tagħhom.

Dan juri li l-partitarji Nazzjonalisti għadhom bl-istess rabja u diżaprovazzjoni lejn l-establishment li jrid jikkontrolla lill-istess partit. Ma ninsewx li l-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista kienu elġġew b'mod demokratiku lill-Adrian Delia li kien ħareġ bl-idea tiegħu tan-'new way' Delia kien propona stil differenti milli ssoltu jaddottaw il-PN. Huwa kien irrimarka li n-negattivita u l-mibegħda mhu se twassal imkien u għalhekk riedu jibdlu l-istil tal-politika taghom. Però, kif tafu ma tantx dam għax proprju minħabba sondaġġ ħażin li kien ħareġ dak iż-żmien fejn wera li l-Partit Laburista kien qiegħed igawdi vantaġġ fuq l-oppożizzjoni, raw kif għamlu u warrbuh.

Il-mistoqsija tqum waħedha. Ser jerġgħu jagħmlu l-istess ħaġa lil Bernard Grech jew issa li reġgħu ħadu l-kontroll tal-Partit f'idejhom qisu xejn mhu xejn? Frankament, mhux fl-interess tiegħi x'jagħmlu imma bilfors nosserva li n-Nazzjonalisti jieħdu d-deċiżjonijiet kif jaqbel lilhom wara li jimmanipulaw is-sitwazzjoni u jdawwruha għall-vantaġġ tagħhom.

L-interess tiegħi u ta' sħabi huwa wieħed ċar ħafna. Dak li nibqgħu magħqudin flimkien wara l-Prim Ministru Robert Abela sabiex nagħmlu minn Malta pajjiż aħjar, fejn inkattru l-ġid li jinħass fil-faxxex kollha tas-soċjetà u nassiguraw li ntejbu l-kwalità tal-għixien. Irridu li jkollna soċjetà ġusta, b'ambjent sostenibbli, u ngħinu lil min l-iktar huwa batut. Irridu naħdmu id f'id man-negozji tagħna biex ikabbru l-ekonomija u joħolqu iktar opportunitajiet ta' mpjiegi b'salarji u kundizzjonijiet tajbin. Irridu li b'ħidma holistika nagħtu futur liż-żgħażagħ taghna billi ngħinuhom itejjbu l-ħiliet tagħhom kemm mil-latt akkademiku biex ikollhom karriera u anke f'ħiliet oħra bħall-arti u sports. Flimkien, se nkomplu nagħtu ġieħ lill-anzjani tagħna billi nwensuhom b'diversi skemi u penzjonijiet aħjar li sena wara ohra kien Gvern Laburista li tahom iż-żieda.

Din hija Malta li rridu naraw. Pajjiż ċkejken imma bi standards għoljin li nħabbtuha mal-pajjiżi l-kbar. L-idea li Malta tkun l-aqwa fl-Ewropa u l-aqwa fid-dinja mhumiex biss ħolma imma diġa bdejna nġibu riżultati. Għandna viżjoni. Nafu fejn irridu naslu u nwasslu l'dan il-pajjiż.

Għalhekk is-sondaġġi juri l-appoġġ lejn il-Partit Laburista. Għalhekk il-poplu Malti grat lejn Robert Abela, għax japprezza l-ħidma kollha li qed issir u qiegħed jesperjenza kwalità ta' ħajja aħjar.

Is-sodisfazzjon tagħna huwa li naħdmu għall-ġid ta' pajjiżna u l-Maltin u l-Għawdxin kollha. Dan huwa Team Malta. Flimkien negħlbu kull sfida u nħarsu 'lquddiem lejn ġejjieni sabiħ b'Robert Abela l-Prim Ministru tagħna!!

Il-Ħadd it-Tajjeb.

# KARATTRI... U KARATTRI



PHILIP BORG
filip456@gmail.com




Jgħaddi kemm jgħaddi żmien, dak li nitgħallmu - mill-kotba u mill-ħajja, jibqa' maħżun fina u ħadd ma jista' jisraqulna. It-tagħlim teżor li nifhmu aħjar il-valur tiegħu meta nsibu ruħna f'waqtiet meta l-kuntrarju tas-sens komun jibda jerfa' rasu. Jew meta l-valuri tas-sewwa, tal-gust u tal-bilanċ jogħsfru fl-imġieba ta' xi wħud madwarna.

Iktar ma jgerrbu s-snin, iktar nintebaħ kemm kien minnu dak li tgħallimt fil-kotba u fl-awli tal-akkademja f'żogħżiti. Suġġetti bħall-filosofija u l-psikoloġija għallmuni naħseb u niżen sew kull kelma qabel inlissinha jew niktibha. Għallmuni nixtarr u nkejjel ukoll dak li jingħad u jinkiteb minn oħrajn. Saħansitra tkejjel aħjar l-animu li bih jingħad ċertu kliem u l-valur jew l-użin, il-preġju jew il-faqar, it-tjieba jew il-ħażen ta' min jgħidu jew jiktbu.

## TINJORA JEW TWIDDEB?

Ngħiduha kif inhi, kull ġudizzju jista' jkun suġġettiv għax ikun mibni fuq dak li tara u tisma' int. Imma jsir oġġettiv meta dak li tara u tisma' int ikun qed jarah u jisimgħu kulħadd, u ma tkunx xi ħaġa kultant imma ripetuta. Tibki meta kulħadd ikejjel l-istess għajr min ikun lissen jew kiteb bla ħsieb dak li ma jagħmilx sens jew li jweġġa'. Ma tafx jekk hux aħjar titħassru u tinjorah jew tieqaflu u ġġibu f'sensih.

Tibki iktar meta tkun ilek tiftaħlu għajnejh biex ma jitkellimx bir-rawgħa f'ħalqu imma jerġa koppi. Titħassru meta taf li jkun diġà ngidem u kellu jilgħaq kollox għax twerwer meta sab min jieqaflu, imma jinsa u malajr jerġa jarma jfajjar bl-addoċċ. Ħasra li lkoll nafu b'karattri li jiggostaw ikunu f'ilsien in-nies għax ma jafux jaħsbu qabel jgħidu kliem bla sens. Anzi, jistembħu jfittxu l-iċken tarf fjakk biex joħolqu kontroversja fejn jiżvogaw xi wieħed miż-żewġ karattri. Bħat-tixbiħa bejn it-travu u t-tibna. Jew bħall-ossessjoni ta' Don Quixote u l-imtieħen!

L-agħar forma tkun meta l-kliem inġurjuż li jlissen, mhux biss ma jagħrfux, imma jdawwru fuq oħrajn biex iħossu komdu f'żewġ karattri - aggressur u vittma. Għall-ewwel taħseb li tkun injoranza, imma mbagħad tifhem li hemm manija kronika li jweġġa' bla rażan lil min jiġi f'ilsienu. Fil-psikoloġija hemm terminu li jfisser karattri bħal dawn li jgħixu ċaqlembuta f'personalità doppja bla ma biss jindunaw f'liema waħda jkunu dalgħodu jew illejla. Is-sintomi joħorġu iktar meta jintilfu bejn iż-żewġ karattri f'dak magħruf bħala 'dislocation of blame and projection onto others' - jitfgħu d-difett tagħhom fuq oħrajn biex jistejqru mill-ħtija meta jsiru vjolenti. U l-karattru ta' filgħaxija jiċħad dak ta' filgħodu.

## KARATTRI DOPPJI

Jiġri li min jitħawwad bejn iż-żewġ karattri jobżoq fil-mera llum biex sal-lejla jistħajlu offenda 'l ħaddieħor. Hija forma oħra ta' paranoja. Ħasra li din l-imġieba tinħass fl-istess familja, fil-politika, fuq ix-xogħol u saħansitra fost ċrieki tal-hekk imsejħa 'ħbieb'. Fil-politika narawha sikwit u, tort tal-pandemija, xterdet ukoll fil-midja, l-aktar dik soċjali. Forsi għalhekk ukoll qed jingħad li d-distanzi soċjali u l-għeluq ikkawżaw aktar forom ta' mard mentali.

Kulħadd jiżbalja fl-għażliet u fl-imġieba tiegħu, anki jien. Imma t-tajjeb hu li wieħed jagħraf l-iżball u jikkoreġi fehmtu u mġiebtu. Dak ikun għaqal u dehen. Il-ħasra meta min jiżbalja, ma jintebaħx kemm żbalja u jwebbes rasu li jinsab fil-karattru t-tajjeb. Hemm jibda jiddi l-periklu fil-karattru doppju tal-injurant, li tista' tittollerah u titħassru sakemm l-injoranza ma ssirx vjolenza u, allura titlob duwa u korrezzjoni kif meħtieġ!

* * *

## ĠGANT TAS-SATIRA BLA ĦDURA

Disa' snin ilu, fit-8 ta' Novembru 2012, ħalliena LINO CASSAR, il-ġgant ġentili, wieħed mill-aqwa ħbieb veri li qatt kelli. Kellu wiċċ wieħed: ġenwin u leali. Lino kien Ġurnalist awtentiku, bil-fatti - mhux għat-titlu u l-popolarità rħisa. Tgħallimt ħafna mingħandu. Kien surmast fis-satira.. kif tinbex bit-tbissima u ssib laqta umoristika għal ħwejjeġ serji, bi kliem li ma jweġġax u li jifhmu kulħadd, għajr min ikun mogħmi bil-ħażen u l-mibgħeda - li Lino qatt ma kellu! Kien surmast fitt fl-idjoma Maltija... kemm kien jinkedd għalallaliħalqu (biex nuża kelma tipika tiegħu) kieku għadu fostna bit-tgħaffiġ tal-lum!

Kellu don speċjali jidħaq anki bl-istess ħlieqa li jkun ħareġ biha hu stess fuq xi ritratt ta' xi oraklu jitbaqbaq. Kellu manija jhewden u jbiddel kelma flok oħra biex jinbex iva, imma ma joffendi lil ħadd. Mhux darba jew tnejn mar l-aħħar ħin għand il-page-setters professjonali bħal George Busuttil u sħabu, tard il-Ħamis biex ix-Xewka tkun għall-bejgħ il-Ġimgħa filgħodu, bid-daħq u l-inbix bla ħdura!

Hekk kien qaddisu, karattru uniku. Konna nkunu fis-seba' sema meta l-għada jċemplulna karattri li nkunu nbixna biex jidħqu magħna... jekk ma jitolbuniex ukoll kopja tal-karikatura oriġinali biex jiddandnu biha fl-uffiċċji tagħhom. Daqshekk kienet kbira l-finezza tas-satira bnina bla veleni li konna noħolqu Lino u jien,,, kif stajt ma nitgħallimx minn karattru hekk ġenwin?!

Strieħ fis-sliem Lino, ma' tant minn sħabna li għamlu ġieħ lill-Ilsien Malti u l-Ġurnaliżmu ta' veru. Nibqa' ngħożż dejjem dan ir-ritratt ferm għal qalbi tal-alliev mas-surmast!. Insellem lil martu Maria u lil uliedu Gino u Anna Marie u l-familja kollha... Lino baqa' maħbub dejjem, u mhux għalxejn!

# XI PRATTIĊI TAJBA TAL-ORTIKOLTURA ORGANIKA FIR-REBBIEGĦA

MARIO SALERNO



Fir-rebbiegħa, it-tiera tal-ħamrija fir-raba' bagħli tibda tinxef u bosta mil-ħxejjex tal-borma jaslu biex jinħasdu. Ħafna frott irqiq tal-għadma jibda' jħaxxen waqt li s-siġar tal-frott ieħor bħal tal-laring, ċitru u żebbuġ ifarfru miż-żahar u jiffurmaw il-frott. Bħala sekwenża ta' maturita tal-frott, issib fuq quddiem net in-naspla u warajha l-ħawħ bikri segwit minn frott ieħor tal-pruna. Fir-raba' saqwi, jibda' ħafna mix-xogħol li jwassal il-maturita tal-frott sas-sajf. Interessanti l-punt li waqt li fir-rebbiegħa jkun hemm ħafna xoghol li jrid issir biex tkun kontrollata l-moffa, fis-sajf aktar ikun hemm xogħol biex ikun kkontrollat l-insett li jagħmel ħafna ħsara f' pajjiżna.

Il-ġardinar għandu jieħu miżuri biex jipproteġi u jħares is-siġar u l-ħxejjex minn għedewwa u mard tal-moffa fl-istaġun tar-rebbiegħa, li joħolqu problemi lil ġardinar Malti. Billi tibda' s-sħana u l-umdita tkun kultant għolja, dawn il-fatturi ambjentali jifavorixxu l-għixien ta' ħlejjaq li fosthom issib dbieben tal-frott bħal Ceratitis capitata, afidi ta' kuluri differenti, nemus abjad, ħanfus, friefet u moffof -grizi, bojod, suwed u kannella. Duwa botanika tista' tintuża li hija msemmiha f'Kapitlu 2.

Il-patata li se tkun esportata jew se tkun ikkonsmata ssofri mill-moffa tal-ġlata. F'temp normali, il-ġlata tfaqqas u titferrex fi żmien għoxrin jum minn meta it-temperatura tkun anqas minn 16 il-grad Celcius u l-umdita tkun aktar għolja minn 65%. F'dan il-kaz, il-ġardinar għandu jsegwi r-rapport tat-temp u jieħu l-azzjoni billi japplika bexxa ta' kubrit li jinħall fl-ilma. Personalment, naqbel li din il-fungiċida għandu jintuża flok il-kupru għaliex dan ta' l-aħħar jibqa' preżenti bittraċċi xi 40 jum fil-frott (waiting period) meta l-kubrit jitfarrak fi żmien għaxar itjiem. L-operatur tal-bexx għandu jilbes ħwejjeġ protettivi u għandu wkoll jgħatti rasu u wiċċu kollu. Patata għall-esportazzjoni trid isegwi l-linji gwida tat-tkabbir tal-Globalgap Certificate. Aktar informazzjoni fuq il-prodzzjoni tal-patata ara Kapitlu 28.

Is-siġar tal-frott irqieq li jarmu, nistgħu nbexxuhom bil-Permanganat kif ukoll wieħed jista' jbajjad iz-zokk bil-ġir, waqt li fid-dwieli nbexxuhom bil-kubrit xott jew bil-kupru mħallat bil-ġir magħruf ukoll bħala it-taħlita tal-Bordolina (prattika franċiża) kontra l-moffof kif ukoll idejjaq liż-Żebbellina li tgerrem il-weraq tari tad-dwieli. Il-ġir għandu effett pozittiv fuq il-miskta, li ħafna drabi jikber fuq is-siġar tat-tin. Billi l-ġir jżid l-alkalina tal-ħamrija, jagħmel tajjeb jekk jingħata l-ħadid lil weraq permezz ta' bexxa bil-pompa fuq il-weraq, liema ħadid idejjaq ukoll l-insetti għedewwa tas-siġar. L-ingliza jew il-qarsu joffri alternativa ta' nutrijenti lissiġar. Fil-qasam tal-ħxejjex tal-kċina, min se jħawwel it-tadam, għandu jħawwel il-ħabaq, bżar tal-filfell u t-tulliera bejn ix-xitel tad-tadam sabiex igerrex u jaqbad it-Tuta absoluta li qed tagħmel ħafna ħsara lil frotta. Jekk il-ġardinar iħawwel ħwawwar bejn il-filliera ta' ħxejjex oħra bħal brunġiel, bżar, ħass, żunnerija w oħrajn, ir-riħa tal-ħwawwar idejjaq il-white fly u l-afidi. Dawn ta' l-aħħar iġorru l-virus minn fuq il-patata għal fuq is-siġar tal-ħawħ u ma hemm l-ebda kura kontra l-virus tal-ħawħ.

Min se jħawwel jew jiżra' l-bħajra, għandu jipprova jżomm ġewwa qasrija kbira is-siġra tar-riġlu – Castor Oil plant biex jekk tkun imħawwla fl-art, din tiġri għax hija invażiva. Jidher li ż-żejt tar-riġlu jżomm il-powdery mildew – mell dqiqi tal-bħajra il-bogħod. Kont rajt u segwejt l-introduzzjoni tar-riġlu f'serrer olandizi li kabbru l-bħajra, b'mod partikolari l-ħjar.

Dawk li jdejjaqhom il-white fly – nemus abjad u jridu jeħilsu minnu bl-użu ta' taħlita ta' żejt u sapun likwidu, għandu jkun prudenti jekk għandu xi siġar f'xi bitħa bil-madum għaliex kemm iż-żejt u s-sapun jiżloq. L-aħjar riċetta tkun għal kull 15 il-litru ilma li jkollu fih ħames basliet għal ġimgħa sħiħa sabiex iħallu s-sugu tagħhom li jitbexx fuq is-siġar u l-pjanti nfettati bin-nemus. Għal kull 15 litru ilma, żewġ maref żejt u tlieta sapun jitħalltu fl-ilma bis-sugu tal-basal u t-taħlita titbexx kull ħmistax fuq il-weraq. Dan jifforma ligga fuq il-wiċċ tal-weraq li ma jħallix in-nemus li jmur u jtaqqab il-ligga biex jerda' is-suggu mill-weraq, liema azzjoni ddgħajjef is-siġra! Għandu wieħed jibda' jbexx minn meta jibda' jidher l-ewwel nemus abjad jew brieghed aħdar, iswed u isfar. Ukoll is-sugu tal-pal tal-bajtar taxxewk jista' jintuża. Imsemmiha l-proċedura f' Kapitlu 2.

Fil-qasam tas-siġar tal-frott bħal ħawħ u l-larinġ insibu d-dubbiena tal-frott li tista' f'sena sħuna tagħmel 10 ġenerazzjonijiet, waqt li jsir ħsara li ssarraf f'telf kbir. Ukoll hemm id-dubbiena taż-żebbuġ li tixbaħ lid-dubbiena tal-frott, imma mhix daqsha tant aggressiva. Fiż-żewġ kazi, wieħed jista' jdendel flixkun tal-plastik fuq is-siġra, liema flixkun ikun imtaqqab b'toqob li jgħaddu minnhom id-dubbien tal-frott irqiq, imma wkoll fl-istess flixkun tal-plastik jitpoġġa biċċa laħam midħun bil-liquidizer jew xi juice tal-frott li jservi bħala eska għad-dubbiena u meta tidħol id-dubbiena ġewwa l-flixkun għax ixomm l-eska, din taqa' fil-likwidu u ma



toħroġx minn hemm. Dejjem treġġi il-loġika li skont it-tip tal-frotta, tintuża l-eska biex tiġbed id-dubbiena. Jekk hija laringa, tuża juice tal-laring anke bovril mal-ilma, u jekk hija żebbuġa tuża ħuta mgħaffġa bil-liquidizer. Ma tinvolvix spejjez din is-sistema, imma tajjeb li jitpoġġew xi flixken jiddendlu fuq il-parti tal-lvant tas-siġar, għaliex ix-xemx titla' l-ewwel fuq dik il-parti u d-dubbien meta jqum wara l-lejl itiru fuq il-parti xemxija tas-siegħat bikrija tal-għodwa u jfittxu l-frott fixxemx. Jekk tara' li għalkemm tkun għamilt il-flixken biex taqbad kemm tiflaħ dbieben, xorta jkollok min sgiċċa u ma nqabadx, allura uża BT kurstaki (Bacillus thurigiensis) mħallat biż-żokkor jew nuħħala li jittiekel mill-larva tad-dubbiena li jgħaqqad l-imsaren tax-xahat (larva) u jmutu. Metodu ieħor li jikkumplimenta dawn il-metodi tajbin, u li ma jagħmlux ħsara lis-siġar taż-żebbug u tal-frott huma it-tiġieġ tal-bajd li jieklu id-durajs li jfaqqas fl-ewwel jum fil-ħamrija. Billi d-durajs iddum jum jimxi fuq wiċċ tal-ħamrija meta jfaqqas, it-tiġieġ jarawh u jagħmlu xalata fuqu. L-aħjar tiġieġa tkun dik ta' Malta ta' lewn iswed (black maltese) li hija ħafna żvelta u għandha rifless tant ħafif li tqaxxar il-wiċċ tal-ħamrija minn kull tfaqqis tad-dubbien. B'hekk il-ġardinar jirnexxilu jkabbar frott li ma jkunx imtaqqab u mħassar li jġib valur mizjud fis-suq! Flok it-tiġieġ jista' jrabbi xi papri li jwettqu l-istess rwol tat-tiġieġa li jieklu wkoll anke il-bebbux li joħroġ bil-lejl.

## Il-prevenzjoni ta' ħsara mill-għedewwa insetti u mill-moffa

Bħala għedewwa li jagħmlu ħsara lil pjanti, insibu diversi għamliet ta' organizmi ħajjien li jvarjaw minn batteri li ma tarahomx bl-għajn kif ukoll annimali kbar bħal ġrieden. Imma l-akbar ammont ta' għedewwa fuq il-frott, il-weraq, iz-zkuk u l-għeruq tal-pjanti huma insetti jew ħlejjaq li kull bidwi jrid jiddentifika biex jieħu miżuri ħalli ma jħallix issir ħsara lill-pjanti. L-istess approċjo jrid issir fuq il-moffa li tattakka l-pjanti b'diversi modi u f'diversi għamliet, speċjalment meta l-bidwi jkabbar il-pjanti barra l-istaġun tagħhom. L-għaqal tal-bidwi jitlob li jgħarraf il-pjanti mediċinali, ħwawar li għandhom valur kemm fil-gastronomija kif ukoll bħala kenn naturali għall-insetti benefiċjali. Ilkoll flimkien dawn l-organiżmi u l-ħlejjaq joħolqu l-ekosistemi li jkattru l-bijodiversita.

B'mod sempliċi imma pragmatiku, se nfisser filqosor l-importanza ta' dawn il-ħlejjaq fl-ekosistema, u kif bi prodotti naturali, l-bidwi jħares l-uċuħ tar-raba' bi prudenza u b'għarfien intelletwali. Il-ħarsien tal-pjanti u tal-insetti, w annimali benefiċjali għandhom ikunu protetti u ma jagħmel'x sens li nħarrsu xi erba' siti Natura 2000 l-hemm u l-hawn u ma nħarsux il-kwadru sħiħ tar-rejalta fejn il-kampanja u l-art agrikola għandha tingħata l-attenzjoni daqs kull sit Natura 2000.

Ħafna mill-insetti għedewwa huma maqsumin f'diversi ordera. Il-bidwi jrid jifhem x'tip ta' għadu għandu flgħalqa u x'tip ta' rwol għandu dan l-insett. Il-bidwi jrid ikun jaf liema huma insetti benefiċjali w oħrajn li jagħmlu l-ħsara. L-aktar insetti li jagħmlu ħsara f'pajjizna u liema joħolqu ħsara kummerċjali w għalhekk iridu l-attenzjoni u l-għarfien, sabiex il-bidwi jieħu kull prevenzjoni qabel ma ssir il-ħsara fuq il-ħxejjex u l-frott! Dawn l-insetti li jagħmlu ħsara huma taħt ordera differenti kif murija hawn taħt:

Lepidoptera hija l-ordera li tiġbor fiha il-farfett u l-baħrija. Ħafna drabi l-friefet jidhru jtiru fil-jum waqt li xi baħrija toħroġ ittir bil-lejl. Ħafna drabi l-istadju adult tal-farfett u tal-baħrija ma jgermux imma meta jfaqqsu mill-bajd u jkunu larva, dawn jgermu u jieklu l-ħin kollu sakemm ifosqu. Isiru qishom xama –pupa, fejn minn ġewwa jkunu jitbidlu biex isiru adulti. Fl-istadju tal-larva, dawn jagħmlu l-ħsara u huwa dan l-istadju kritiku li jrid l-attenzjoni tal-bidwi. Wieħed mill-miżuri li l-bidwi jista' jieħu huwa l-użu tal- Bacillus thurigiensis var.kurstaki ( BT) li jaħdem fuq l-imsaren tal-larva, jekk dan il-BT jitħallat bi ftit zokkor u jitpoġġa fuq il-weraq ħdejn il-larva fl-ewwel jiem mat-tfaqqis mill-bajd, u jmorru jieklu l-eska li jkollha l-BT.var kurstaki li jaħdem b'mod effiċjenti fl-imsaren tal-larva (xahat) meta jittiekel. Metodu ieħor li jrazzan il-popolazzjoni tal-larva huwa insettiċidu botaniku li huwa magħmul minn pjanti bħal l-ekstratt tal-lellux magħruf bħal Pyrethrum, li jagħmel ħsara anke lin-naħla w għalhekk irid jintuża bil-prudenza u meta ma jkunx hemm il-ward li jiġbed in-nahal. L-uzu qabel jidlam jiffranka xi ħsara li jista' jseħħ fuq in-naħla. Hemm ukoll insettiċida botanika magħmul mis-siġra tan-NEEM li huwa ħafna effettiv mhux biss kontra ix-xahat tal-farfett u tal-baħrija imma wkoll kontra ħafna insetti oħra ta' orderi oħrajn bħal tal-ħanfus, dubbien, brimb u anke kontra ċertu moffa. In-Neem għandu valur kbir imma wkoll jiswa' relativament ħafna flus anke biex ikun reġistrat kull sena li joħloq problema ekonomika għall-bidwi. Fil-fatt kull pestiċida irid ikun reġistrat fil-pajjizi tal-UE, liema reġistrazzjon hija għolja u b'hekk ħafna drabi il-prezz tal-pestiċida jqum ferm aktar minn prezzijiet ta' pajjizi oħra għaliex l-ammont ta' bdiewa f'pajjizna huwa żgħir li jużawh. Ix-xahat tal-farfett abjad li jfaqqsu fuq il-kromb, u, la jfaqqsu mill-bajd isfar, jistgħu ikunu kkontrollati minn xi mezz imsemmi hawn fuq. Is-susa tal-patata li hija baħrija li tattakka bil-lejl, tbid u t-tfaqqis jagħmel ħsara ġewwa l-frotta tal-patata. Insibu wkoll insetti oħrajn li jattakkaw il-familja tal-patata bħal brunġiel, tadam, bżar w oħrajn fejn is-susa huwa għadu kommuni għal familja tas-solanum, speċjalment fil-jiem sajfin. Baħrija oħra li tagħmel ħsara fuq il-frott tal-għadma u li l-adult itir bil-lejl bħal dik li nsibuha bħala ras il-mewt kif ukoll li jieklu il-frott tal-ħawħ jew għajn baqar, jistgħu jkunu kkontrollati b'xi mezz organiku imsemmi f' dan il-paragrafu.

# "Irridu nkomplu nkabbru l-għarfien tal-Maltin dwar il-potenzjal tal-industrija tal-films"

## – Johann Grech, Kummissarju Malti għall-Films



Johann Grech ilu jokkupa l-kariga ta' Kummissarju Malti għall-Films minn Diċembru 2017. In-namra għax-xandir u partikolarment il-films ilha miegħu sa minn meta kien żagħżugħ. Qabel din il-kariga, hu serva bħala l-kap tal-marketing tal-Gvern għal ħames snin sħaħ.

Sa minn meta ħatar fit-tmexxija tal-Kummissjoni tal-Films, ħadem qatigħ sabiex aktar produtturi barranin jagħżlu lil Malta bħala d-destinazzjoni tagħhom tant li l-qligħ iġġenerat hu sal-lum sostanzjali, dak ta' €150 miljun.

Fis-sena 2018, Grech nieda l-masterplan għal Malta Film Studios – investiment ta' €35 miljun. Għalkemm l-istorja tal-films f'Malta tmur lura għal madwar mitt sena, kien biss fis-sena 2000 li ġiet mwaqqfa din il-kummissjoni bl-għan li tagħti sostenn u tippromwovi lill-komunità ta' produtturi lokali filwaqt li jissaħħaħ dan is-settur ferm importanti f'pajjiżna.

Grech hu meqjus bħala bniedem b'viżjoni kbira lejn il-futur ta' dan is-settur tant li implimenta wkoll strateġija sabiex l-industrija tal-films tqum fuq saqajha.

L-isforzi tal-kummissjoni taħt it-tmexxija tiegħu kollha taw il-frott għax Malta ġiet imfittxija aktar minn produtturi barranin, anke fi żmien il-pandemija.



Iltqajt ma' Johann Grech fejn staqsejtu xi mistoqsijiet dwar din l-industrija tant importanti f'pajjiżna.

Grech beda billi faħħar il-ġenerazzjonijiet ta' qabel li għamlu mezz sabiex jitwieled u jimraħ dan is-settur fil-gżejjer Maltin. Hu semma t-tankijiet li nbnew u li kienu mezz importanti sabiex ċerti produzzjonijiet li jirrikjedu effetti speċjali jkunu jistgħu jitwettqu f'ambjent ikkontrollat u sigur. Minkejja kollox, dawn il-faċilitajiet se jkomplu jiġġeddu bl-investiment se jkompli tal-Masterplan.

"Qed naħdmu sabiex ninvestu madwar €35 miljun sabiex barra l-faċilitajiet eżistenti jkollna l-ewwel soundstages f'Malta li huma importanti ħafna għall-industrija tal-films f'pajjiżna. Barra minn hekk se naċċertaw li l-industrija tal-films se tibda toħloq il-karrieri. Qed naħdmu qatigħ sabiex dan kollu jsir realtà."

Grech qalilna li l-industrija tal-films f'pajjiżna hi storja ta' suċċess u din l-ambizzjoni trid tkompli tiġġedded anke għan-nies ta' ġenerazzjonijiet futuri.

Għal dan l-għan, Grech flimkien mal-membri l-oħra li jiffurmaw il-Malta Film Commission, ħasbu biex iħejju avveniment ta' livell għoli f'pajjiżna u li jkun wieħed memorabbli. Fil-fatt hu kkonfermat li fid-29 ta' Jannar tas-sena d-dieħla se jsiru l-Malta Film Awards, avveniment li hu ferm mistenni għal dawk kollha li jaħdmu fil-films u t-televiżjoni f'pajjiżna. Iżda x'inhu l-għan ta' din is-serata?

"Nixtiequ nagħtu rikonoxximent lill-crew u t-talent lokali kollu li bis-sħiħ fil-industrija tagħna tal-kreattività. Se tkun ċelebrazzjoni biex nippremjaw il-kreattività. Jien nara wkoll li dan l-avveniment se jkun riklam b'saħħtu għal Malta."

Il-Kummissarju għall-Films f'Malta saħaq li din hija l-ewwel darba li diversi entitajiet fi ħdan il-Gvern fosthom il-Public Broadcasting Services qed jingħaqdu flimkien biex jippremjaw



it-talent u l-kreattività ta' din l-industrija.

Iżda x'kien ir-rispons mill-produtturi lokali għal dawn l-awards li se jsiru?

"Nista' ngħidlek li apparti r-rispons li rċivejna, stajna naraw ukoll entużjażmu minn dawn il-produtturi li sa fl-aħħar se jaraw xogħolhom jiġi rikonoxxut. Ridna nkunu inklussivi fejn inkludejna s-sottomissjonijiet ta' produtturi li jaħdmu fuq it-televiżjoni u oħrajn li jipproduċu films b'mod ġenerali. L-applikazzjonijiet qed jiġu analizzati minn ġurija lokali u internazzjonali mis-settur kreattiv."

Ċertament li avveniment bħal dan li hu tliet xhur 'il bogħod jitlob ippjanar birreqqa. Grech qalilna li hu flimkien mat-tim tiegħu ilhom jaħdmu għal dawn l-aħħar tmien xhur sabiex jaraw li din is-serata tkun waħda memorabbli. Hu tenna li jrid joħloq spettaklu uniku u qed jaħdmu qatigħ sabiex il-poplu Malti jkun jista' jgawdi din iċ-ċelebrazzjoni.

Meta staqsejnieh jekk il-gżejjer Maltin joffrux biżżejjed postijiet attraenti sabiex produttur jitħajjar jiġbed hawn Malta, Grech ikkonferma dan kollu.

"Malta kapaċi tkun destinazzjoni versatili ħafna. Il-postijiet li għandna fil-gżejjer Maltin huma uniċi u diffiċli ssib bħalhom. Biss biss f'ċerti films partikolari li ngħibdu hawnhekk minn produtturi barranin, Malta libset xenarju differenti għalkollox filwaqt li setgħet tirrifletti sitt pajjiżi differenti. Din għamilha Stephen Spielberg fuq il-film rinomat "Munich"."

Grech qal li fil-Malta Film Awards se jkunu involuti ukoll anke l-Kunsilli Lokali u l-Ministeru tal-Kultura, Arti u Gvern Lokali biex tiġi premjata l-"Best Film Location".

Hu faħħar ukoll il-ħidma tal-Ministru għat-Turiżmu l-Onorevoli Clayton Bartolo li dejjem sab għajnuna kbira mingħandu qed jaħdmu flimkien biex isaħħu l-industrija tal-films f'pajjiżna

"Jien nemmen li s-suċċess tagħna hu s-suċċess ta' kulħadd, għax fl-aħħar mill-aħħar kulħadd jiggwadanja minn dawn il-kisbiet."

Il-messaġġ hu wieħed ċar. Il-Maltin għandhom ikunu parti minn dan is-suċċess u diversi entitajiet qed jagħżlu li jaħdmu mal-Kummissjoni tal-Films għax jafu dwar il-potenzjal li qed toffri din l-industrija.

F'din l-intervista ma stajtx ma nsemmix il-pandemija tal-COVID-19 li laqtet fil-laħam il-ħaj diversi setturi fosthom dak ċinematografiku.

"Qabel il-COVID, l-industrija tal-films kienet qed tesperjenza influss ta' produtturi barranin li ma kienx biss wieħed staġjonali. Ħdimna biex nissalvagwardjaw il-jobs ta' kull min ġie milqut ħażin bil-COVID f'din l-industrija, aċċertajna li naħdmu ukoll fuq pipeline qawwi ta' produzzjonijiet li kienu lesti biex jiffilmjaw malli l-pajjiż reġa' nfetaħ f'Lulju tal-2020 – u rnexxielna. Minn Lulju tal-2020 s'issa Malta ma waqfitx tattratta u tospita produzzjonijiet ta' kull daqs u għamla. Bdejna bil-blockbuster "Jurassic World: Dominion" li huwa l-ewwel film tal-kobor tiegħu li se juri lil Malta bħala Malta fl-istorja. Ilkoll eċċitati biex naraw lil pajjiżna esebit f'dan il-film fiċ-ċinema f'Ġunju tal-2022. Illum kburi ngħid li ħerqan għaż-żmien li ġej u nemmen li se nkomplu jkollna suċċessi kbar f'dan il-qasam.



Grech semma wkoll li ma' kull min jiltaqa' hemm dik il-ħeġġa u entużjażmu sabiex ikun hemm żvilupp enormi f'dan is-settur. Hu rringrazzja diversi istituzzjonijiet edukattivi fosthom l-MCAST u l-Università ta' Malta li qed joffru korsijiet proprju fuq l-industrija tal-films. Qed naħdmu biex fiż-żmien li ġej, ikollna aktar ħaddiema jaħdmu f'dan il-qasam kulma jmur aktar qed jersaq.

L-aħħar messaġġ ta' Johann Grech kien wieħed sempliċi iżda effettiv.

"Irridu nkomplu nkabbru l-għarfien tal-Maltin dwar il-potenzjal li nsibu fl-industrija tal-films. Irridu nħarrġu aktar nies sabiex ikollna ħaddiema futuri li jkollhom il-viżjoni għall-generazzjonijiet li jmiss. B'hekk biss l-industrija tal-films tkompli tkun waħda sostenibbli u World-class skont il-viżjoni tagħna."

# RUMANZ KULT ANARKIKU U RUMANZ THRILLER



minn **OMAR SEGUNA**
pagnaletterarja@gmail.com







**Il-Manifest tal-Killer ta' Karl Schembri; Pubblikazzjoni Merlin**

Il-Manifest tal-Killer pubblikazzjoni Merlin ħareġ is-sena li għaddiet, imma ovvjament kien wieħed mill-kotba li wkoll stajna naraw matul il-Festival tal-Ktieb ta' din is-sena.

Ktieb li oriġinarjament ħareġ fl-2006 pero' baqa' jiġi stampat. U issa grazzi għal Merlin Publishers dan il-ktieb reġa' huwa f'idejna. Il-fatt li dan il-ktieb baqa' jiġi stampat, u issa b'bixra ftit ġdida, jindika mal-ewwel kemm dan il-ktieb baqa' popolari mal-qarrej Malti. Natribwixxi dan is-suċċess għal żewġ raġunijiet prinċipali:

Il-ktieb jitratta temi f'Malta li l-poplu seta' jirrelata magħhom. Fil-fehma tiegħi l-poplu Malti jogħxa b'dawn it-temi politiċi u Schembri kiteb fuq dak li ħassu bosta, imma kellu l-kuraġġ li dan iwasslu u jdaħħal dawn it-temi tajjeb fir-rumanz tiegħu.

Dan ir-rumanz kien wieħed kontroversjali, tant li r-Radju tal-Università' kien iċċensura lil dan il-ktieb. Il-poeta u kritiku u drammatur Mario Azzopardi kien iddeskriva dan it-test bħala "dokument esplussiv", "letteratura speċifikament anarkika" u "l-ewwel rumanz strettament anarkiku". Lil Mario nafu sew għax fost oħrajn kien kitibli d-daħla tal-ktieb tiegħi "24, Triq Ħad-Dwieli", esperiment bil-poeżija viżiva u interattiva. Dak iż-żmien Azzopardi kien qalli li hemm ħafna elementi konservattivi fil-ħsibijiet tiegħi. Qed ngħid dan biex wieħed jifhem kemm Mario Azzopardi, li huwa wkoll magħruf għal kontroversja mhux xi awtur li kien ser jeseġera jew ser jixxokkja ruħu malajr.

L-istorja prinċipali hija dwar anarkisti żgħażagħ li jsifidaw lil-istatus quo. Il-Killer kellu programm fuq ir-radju taċ-ċittadin li kien jippromwovi ruħu bħala l-vuċi taċ-ċittadin, li fih kien iwassal dawk il-messaġġi lill-komunita'. Iżda mbagħad bħal xrara li qabdet ħuġġieġa sħiħa meta xi attivisti favur id-drittijiet tal-annimali ħarbu tigra miċ-ċirklu. Aktar tard fl-istorja jidħol ukoll Mario, il-watchman tal-Junior College li wkoll spiċċa fid-depot.

B'qoxra differenti mill-ewwel ktieb, fuq din il-verżjoni naraw il-ponn li hu assoċjat mal-moviment xellugi. Il-kuntest Malti meta nkiteb kien totalment differenti. Iżda għalkemm għadu miktub 14-il sena ilu b'referenza ċara għal żminijiet u forsi wieħed jista' jistħajjel anke persuni li eżistew dak iż-żmien, għadu relevanti sallum

Nittraduċi fuq fuq u bilmod wiesgħa l-qawl Ingliż mhux qed niġġudika l-ktieb mill-qoxra, imma l-qoxra tgħid ħafna wkoll! Fl-interpretazzjoni tiegħi, dan il-ktieb issa donnu qed isib relevanza ġdida fis-sitwazzjoni lokali li qed ngħixu bħalissa. Fil-qoxra tal-ktieb li għandna preżenti nsibu l-ponn li użat mill-moviment xellugi. Ta' min wieħed jgħid li waqt li dak iż-żmien kellek gvern relattivament konservattiv imma li beda jiftaħ is-swieq, daħħal il-pluraliżmu imma xorta waħda kien għad baqa' ħafna għatx għall-bidla speċjalment fejn jidħlu drittijiet ċivili. Mill-banda l-oħra din il-pubblikazzjoni l-ġdida ħarġet fi żmien fejn minkejja bosta progress f'dak li għandu x'jaqsam ma' drittijiet ċivili u anke numru ta' miżuri soċjali, ma naqsitx (jekk mhux ukoll ma żdidtx) is-sistema fejn min għandu l-flus jitħalla jiddetermina l-ħajjiet tan-nies. Dan kien evidenti bi tkabbir eseġerat tal-industrija tal-Kostruzzjoni minbarra numru ta' każijiet ta' korruzzjoni.

Fil-ktieb insibu li minkejja r-retorika ta' vuċi ħielsa, demokrazija, u bosta valuri progressivi l-iskejjel tal-knisja xorta jibbukkjaw biex jaraw l-annimali fiċ-ċirklu, u l-ministru xorta jagħti biljetti b'xejn biex jimtlew is-siġġijiet. Illum sar bosta progress fejn jidħlu drittijiet tal-annimali u dawn iċ-ċirkli tal-annimali llum m'għadhomx permessi f'pajjiżna. Iżda ċertament fuq livell tagħna ċ-ċittadini baqa' ħafna

xi jsir f'dan il-qasam u sfortunatament spiss nisimgħu b'każi ta' moħqrija tal-annimali.

Il-bqija l-ktieb jikkonsisti wkoll f'ħafna battuti politiċi u referenzi b'xebh kbir ma' persuni fix-xena politika ta' Malta. "Sur Cuschieri, int very tgħalllimna dwar il-verita': kompli għallina" (p.146). Jistaqsi dwar kemm tassew il-vuċi hija tassew ħielsa. "Cuschieri qata' l-linja, iżda tard wisq għax Victor qal li kellu jgħid. U meta l-għada ċemplet Annemarie, Alfred Cuschieri reġa' ħadha benfatt li din kienet xi partitarja, aktar u iktar meta sema' dik il-vuċi anġelika tfaħħar ir-radju tal-partit" (p.146). Iżda hi mbagħad tkompli "ippermettili ngħidlek kemm għandkom ħabta titnejku bin-nies f'wiċċhom, tgħawġu l-verita' ta' taħt fuq, u tattakaw lil min ma jaqbilx magħkom" (p.147). Ir-referenzi mhumiex biss lejn dawk politiċi. "Iżda fuq dan l-istazzjn [Kraxx TV] kien hemm ċertu wieħed Dr John Spiteri – wieħed minn dawk li jara 'l Alla kullimkien – li kien jagħmel programmi reliġjużi, xi tliet darbiet fil-ġimgħa, u fost l-oħrajn kien jittrażmetti live s-sessjonijiet mirakolużi li kien ikollu fil-pjazez ta' Malta u Għawdex" (p.147).

Dan l-aħħar smajna ħafna dwar l-istat tad-dritt u allura dan il-kumment tiegħi jiġi awtomatiku. Fil-ktieb naraw dwar il-ħmieġ intern, ibda mill-għola livelli tal-korp tal-pulizija u dan ovvjament ma jawgura tajjeb għall-ebda pajjiż li jrid jersaq lejn il-ħajja politika. Ser jirnexxielna naslu biex tassew nassiguraw li ċ-ċittadini jkunu tassew ugwali?

Għal min jaf lil Karl Schembri ċertament tinħass l-esperjenza tiegħu bħala ġurnalist. Schembri mar il-Palestina fejn dam 4 snin jgħix f'Gaża. Illum jgħix fil-Ġordan.

F'dan l-artiklu aktar ħadt l-opportunita' biex noħloq diskussjoni minn temi li slitt minn dan il-ktieb, xi ħaġa li nixtieq li tkompli ssir aktar f'pajjiżna. Waqt li mdorrijin b'xi ħsieb kritiku fil-bidu tal-kotba u forsi anke waqt it-tnedija, nixtieq nara inqas minn dawn li semmejt u aktar diskussjoni dwar il-kotba wara, u dak huwa li ppruvajt nagħmel hawn. Irrid nammetti li mhux l-aktar ktieb li laqatni bil-mod kif żvolġiet l-istorja u anke lokalment għandna kotba fejn it-temi soċjali kienu imfilsin aħjar. Pero' l-fatt biss li dan il-ktieb jaspira għal bosta bidliet progressivi fi żmien meta ma konniex noħolmuhom u issa għadhom relevanti kif iddiskutejt aktar `il fuq, naħseb li ħaqqu l-importanza tiegħu. Min ma jiddarrasx b'xi kelma vulgari, min għandu nostalġija għaż-żminijiet tal-iskola Ġan Franġisk Abela u d-disgħinijiet, min jixtieq jara rumanz li jwassal il-karba għal progress dan huwa l-ktieb li m'għandekx titlef.

## Ħsieb tal-Prof Toni Aquilina dwar "TLETTAX" – ta' Kenneth Caruana – Pubblikazzjoni Horizons

Wara 'Qtil fis-Skiet' (2006) u 'Kuntatt Fatali' (2001), Kenneth Caruana għoġbu jidħol għal thriller ferm itwal u anki b'ħafna aktar intriċċi permezz tal-ktieb "TLETTAX". Jidher biċ-ċar li fuq tlieta toqgħod il-borma għax id-disa' snin li għaddew mill-aħħar ktieb tiegħu ġabu magħhom maturità fis-sengħa tal-kitba li tinħass u hija wkoll il-frott tar-riċerka bir-reqqa li għamel l-awtur.

Permezz ta' dan ir-rumanz jiena inħoss ukoll li t-thriller bil-Malti nnifsu għadda mill-eżami tal-maturità flimkien miegħu. Fi "TLETTAX", li l-isem waħdu hu eżoteriku u jqanqal kurżità kbira, Kenneth Caruana ħadem fuq każ li l-qarrej mingħalih mhu jitlef xejn min-nisġa tal-istorja, u li qed isir jaf kollox x'inhu għaddej kapitlu wara kapitlu dwar il-protagonist William u l-istat mentali tiegħu, u mbagħad jispiċċa biex jissorprendi ruħu. Bħalma naraw fl-aqwa thrillers moderni barranin xejn m'huwa lineari l-mod li bih niskopru min hu, x'wassal biex weħel erba' snin ħabs, u l-ossessjoni li ddaħħlu f'solitudni tal-ġenn.

Il-ktieb jiftaħ b'xena f'ħabs fejn William jagħmel tentattiv ta' suwiċidju. Malajr nindunaw li Caruana kellu jirriċerka bis-sħiħ l-ambjent karċerarju mhux biss lokali iżda wkoll dak tal-pajjiż fejn tiżvolġi l-azzjoni. Hemm ambjenti oħrajn li kien jeħtieġlu jistħarreġ, ngħidu aħna dak taċ-ċrieki ġurnalisti f'żoni ta' gwerra, postijiet imwiegħra fi żminijiet politiċi mqallba bħal dawk tal-Bosnja u s-Somalja. Għax kien fihom li ħadem William qabel spiċċa l-ħabs minħabba r-reat li kkommetta bi skop speċifiku. L-awtur ma setax jirriskja li ma jkunx konvinċenti, u rnexxielu għax tħejja tajjeb ferm. Pereżempju nsibu l-esperjenzi li tifel kien irrakkonta lil William fis-Sudan dwar minn xiex għadda (p.55), jew x'kien kiteb f'wieħed mir-rapporti tiegħu mis-Somalja dwar il-ħruxijiet li għaddiet minnhom ċerta Fathia (p.77) – ġrajjiet kommoventi għall-aħħar.

Wieħed ma jridx jinsa lanqas ir-riċerka li kien hemm bżonn issir min-naħa tal-awtur biex ikun konvinċenti meta jittratta d-deskrizzjoni tal-personaġġi, l-inħawi tal-ħabsijiet fejn jilagħbu r-rwol tagħhom, u l-kundizzjoni medika tal-PTSD. Din tal-aħħar kien jinħtieġlu għarfien sħiħ tagħha minħabba r-rwol li tilgħab fin-nisġa tal-istorja prattikament mill-bidu sal-aħħar. Dan biex ma nsemmux ukoll is-sengħa li biha jirrekordja s-sessjonijiet bejn pazjenti fil-ħabs u l-psikologi li jsegwuhom. Hija ovvja li l-awtur qara ħafna u tkellem ma' bosta professjonisti li jaħdmu fl-oqsma msemmija. U dan Kenneth jirrikonoxxih fid-daħla li kiteb għall-ktieb.

Huwa żgur mertu tiegħu kollu iżda kif Kenneth jagħraf iżomm lill-qarrej ilħin kollu jtella' u jniżżel fuq l-istat mentali tal-protagonist u l-motivazzjoni wara għemilu. Biex ma ntellef xejn mill-pjaċir tal-qarrejja li jiskopru gradwalment il-kxif ta' dil-motivazzjoni, ngħid biss li wara l-attentat ta' suwiċidju li jiftaħ bih ir-rumanz hemm pjan metikoluż anki jekk perikoluż u dijaboliku.

In-narrattiva mbagħad hija mżewqa bit-tħaddim f'waqtu ta' nixxigħat ta' ħsibijiet xi minn daqqiet deliranti, flashbacks kuluriti u thewdin min-naħa tal-protagonist li l-awtur kellu jara x'jagħmel biex jingħarfu minn xulxin. U anki hawnhekk irnexxielu. Hekk, hu jieħu ħsieb li t-thewdin jingħaraf permezz tal-użu tal-korsiv fil-kitba tiegħu:

"Il-bieba ta' wara tal-ambulanza nfetħet beraħ. Hu seta' jara tfajla diġà mejta mitluqa fuq streċer. Resaq iktar qrib lejha. Ralha jdejha magħqudin f'ponn, xagħarha kannella twil jgħattilha nofs wiċċha u għajnejha magħluqin."(p. 44)

Meta l-awtur joħodna lura fiż-żmien, hu jieħu ħsieb jgħin lill-qarrej billi juża tipa ħarira iċken biex tibqa' dejjem ċara. In-narrattiva mbagħad mhux nieqsa minn deskrizzjonijiet konvinċenti f'mumenti ewlenin tal-istorja. Hekk ngħidu aħna f'paġni 168-169:

"Is-sinfonija ('Liebestraum' ta' Franz Liszt) kienet tibda bil-mod, b'noti ħelwin, ġentili, l-istess ġentilezza tagħha. Imbagħad f'salt in-noti jitqawwew, ifakkruh kif mix-xejn, mhux mistenni, seħħ l-attakk imdemmi. Maqbudin, Lana, ommha, u dawk li inzertaw magħhom bdew jifgaw billi belgħu l-gass velenuż..."

Fl-aħħar u mhux l-inqas wieħed ma jistax ma jossservax id-djalogar ferm naturali li fih il-ktieb. Tiġini f'moħħi x-xena fejn fil-ħabs tinqala' ġlieda partikolari f'paġna 194. Il-kliem joħroġ tant naturali u b'mod tassew realistiku, qisek qed tara d-djalogu jinħadem f'xi film. Ikolli ngħid li Kenneth Caruana kien qiegħed b'mod konxju jlaqqa' l-azzjoni maddiskors b'sengħa u attenzjoni ferm akbar bl-idea li jagħmel mill-ktieb tiegħu speċi ta' scenario għal xi sensiela televiżiva. Min jaf x'għad jiġri!

Hemm ħafna aktar x'wieħed jgħid fuq dan it-tielet rumanz ta' Kenneth Caruana. Jekk inkompli iżda nirriskja li nikxef wisq mill-istorja. U dan ċertament ma jagħmel tajjeb għal ħadd. Għal min iħobb jaqra thriller modern u eċċitanti "TLETTAX" żgur li darba jibdieh mhux ser jitilqu minn idejh.

## Ftit kummenti dwar il-Festival tal-Ktieb

Nhar il-Ħadd 7 ta Novembru għalaq is-separju fuq il-Festival tal-Ktieb. Wasal fi tmiemha din l-edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li saret għall-ewwel darba fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet f'Ta' Qali. Din kienet esperjenza ta' suċċess kemm għall-esebituri kif ukoll għall-pubbliku.

Ma tantx għandi spazju biex nikkummenta, biss ikun f'waqtu jekk b'mod immedjat ngħid li fiċ-ċirkostanzi, l-ispazji ftit ikbar milli kien hemm il-Belt kienu ideali. Magħhom inżid ukoll li ma kienx hemm problemi tal-parking. Anke formola li taħdem ma tistax tibqa' tirrepetiha kull sena. Ikun hemm żmien ta' bidla. Ikun ġust jekk ngħid li matul is-snin hekk sar ukoll. U issa nawgura li l-bidla ma tkunx biss fil-post imma anke kif ser jiġi użat tajjeb dan il-post. Kienet idea tajba li jkun hemm attrazzjonijiet l-aktar popolari fosthom il-Film "Is-Sriep reġgħu saru velenużi" u x-xows tad-Danusan. Dawn ikomplu jattiraw lill-poplu lejn il-Festival. Irrispettivament mill-Festival tajjeb li jkun hemm diskussjoni interna wkoll dwar kif issir l-għażla tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, imma dwar dan wieħed hemm ħafna xi jgħid.

Waqt li nawguraw mill-ġdid lis-Sur Mark Camilleri, iċ-ċerpersin ġdid tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, ma nistgħux ma nfaħħrux ukoll lit-tim li jorganizza dan il-Festival. Forsi l-poplu lanqas jimmaġina li dan ix-xogħol kollu jsir minn relattivament ftit nies u dan minbarra l-ħidma ma taqta' xejn matul is-sena. Prosit tassew.

# L-EDUKAZZJONI F'GĦAWDEX






minn **JUSTYNE CARUANA**
Ministru għall-Edukazzjoni

Din il-ġimgħa fil-Parlament iddisktutejna l-estimi għal Għawdex. Ħadt l-opportunità nispjega l-ħidma kbira fis-settur edukattiv favur l-istudenti u l-edukaturi fil-gżira tagħna bħala parti xierqa mill-pjan ħolistiku fuq livell nazzjonali.

L-ewwel fatt innegabbli huwa dak li Għawdex għandu l-ikbar tkabbir ekonomiku ta' kull żmien, l-akbar ħolqien ta' xogħol bl-inqas rata ta' qgħad li qatt kellna. Dan minkejja l-pandemija, anzi bir-riżultati li juru li bdejna nirkupraw sewwa. Fatt ieħor innegabbli huwa li Għawdex inbidel sew fl-aħħar tmien snin u l-budget qed jibni b'kuraġġ fuq il-progess li ħloqna. Għalhekk inkomplu ninkoraġġixxu u ninċentivaw lill-Għawdxin fir-reżiljenza kbira tagħhom.

## L-ISTUDENTI GĦAWDXIN

Illum immexxi l-Ministeru tal-Edukazzjoni b'ħidma fuq livell nazzjonali li testendi għal Għawdex. Hawnhekk għandna popolazzjoni studenteska ta' 4,741 student li jattendu 16 il-skola pre-primarja, 15-il-skola primarja u 4 skejjel sekondarji. Għandna wkoll 401 student Għawdxi li qegħdin jistudjaw fl-MCAST f'Malta filwaqt li 251 studenti oħra jsegwu korsijiet tal-MCAST fil-campus ta' Għawdex.

Il-figuri għall-Università juru statistika interessanti. Skont ir-Regional Statistics 2019 tal-NSO, meta tqabbel l-ammont ta' studenti bejn 20 u 29 sena mal-popolazzjoni, u tipparagunaha mal-istess etajiet fil-popolazzjoni ta' Malta, insibu li 4.7% tal-Għawdxin isegwu kors under-graduate kontra t-2.6% għal Malta. Ir-ratio għal korsijiet post graduate huwa ta' 1.6% għal studenti Għawdxin kontra dak ta' 1.3% għal Malta.

L-istudenti Għawdxin li jattendu korsijiet f'livell post-sekondarju - MCAST u Università, ilaħħqu 1,338. Dan ifisser li persentaġġ għoli ta' studenti Għawdxin li jispiċċaw is-sekondarja, fil-fatt ikomplu bl-istudji fil-livell post-sekondarju u terzjarju. Fatt ieħor inkoraġġanti huwa li l-persentaġġ ta' Għawdxin li jiggradwaw f'grad akkademiku first class jeċċedi dak tal-medja nazzjonali.

## IL-LIVELL TA' SUĊĊESS

Minkejja l-isfidi tal-interruzzjonijiet bil-miżuri tal-pandemija, l-istudenti Għawdxin kisbu riżultati inkoraġġanti. Skont studju riċenti tal-Profs Mark Borg dwar l-impatt tal-Covid-19 fuq kemm irnexxew l-istudenti fl-2021 fil-Malti, Ingliż, Matematika u Fiżika, il-Gozo College kellu ċaqliqa 'l fuq fl-Ingliż u fil-Matematika, żamm l-istess livell fil-Fiżika u tnaqqis żgħir fil-Malti. Dan kien wieħed mill-aqwa riżultati fost il-Kulleġġi fiż-żewġ gżejjer.

Għal dan nirringrazzjaw mill-qalb lill-edukaturi kollha f'Għawdex. Grazzi wkoll lill-istudenti nfushom listinkaw u sabu modi ġodda kif jegħlbu l-isfidi. Grazzi wkoll lill-ġenituri u l-familji li kkoperaw biex il-vjaġġ edukattiv ta' wliedna seta' jkompli. Dan ifissirx li rridu naħdmu aktar, imma nafu li meta naħdmu id f'id ir-riżultati jiġu Dan isaħħaħ l-impenn tal-Gvern Laburista li jkompli jagħti prijorità lil uliedna biex inkomplu nħejjulhom Malta u Għawdex li jixirqulhom.

## INVESTIMENT QAWWI

Semmejt drabi oħra kemm miljuni qegħdin ninvestu fl-iskejjel madwar Malta u Għawdex. Wara ċ-ċifri kollha - li qatt ma kellna bħalhom f'Għawdex, hemm il-viżjoni ta' dan il-budget : Għawdex u Malta li rridu għal uliedna. L-edukazzjoni mhix bini biss – imma ħajja iktar faċli għall-istudenti. L-istudenti Għawdxin dan jafuh kif jafu li ninsisti li jibbenefikaw minn kull miżura tal-budget. Fost oħrajn, ħafna diġà apprezzaw il-kuraġġ li wrejna biż-żieda ta' 10% fl-istipendji kollha, stipendji sħaħ anki għal min isib jaħdem part-time sa 25 siegħa fil-ġimgħa. Dan ser jagħmel differenza enormi lill-istudenti tagħna.

Fid-dibattitu parlamentari li semmejt, kellna min tkaża għax fid-diskors tal-budget ma kienx hemm xi paġna speċifika dwar Għawdex. Fil-fatt Għawdex huwa nkluż f'kull paġna u f'kull miżura għall-poplu Malti u Għawdxi kollu bla ebda distinzjoni. Dan hu li jiddistingwina : aħna mhux biss inqisu lil kulħadd indaqs, imma qridna l-vizzju sa tmien snin ilu, meta Għawdex kien ilaqqat il-fdal mill-mejda nazzjonali. U tant għandna rispett lejn l-isfidi addizzjonali tal-Għawdxin, li żidna l-inċentivi apposta għal kull investiment jew attività ekonomika fil-gżira.

## NILQA' KRITIKA ĠUSTA

Dan Gvern li qatt ma ppretenda li hu perfett, u jiena l-ewwel waħda dejjem naċċettaha, sakemm tkun ġusta, mibnija fuq fatti veri u intiża li tgħin. Ferm agħar jekk isiru akkużi bla ebda bażi ta' evidenza. Smajna per eżempju li llum is-settur edukattiv m'għadux jattira żgħażagħ li qed ifittxu impjieg f'din il-professjoni.

Il-verità hija l-oppost. Rapport tal-NSO ta' April li għadda jikkonferma li minn total ta' 9,317 edukaturi u staff akkademiku, għandna 6,361 - xejn inqas minn 68% - li huma taħt l-44 sena. L-istess fil-kas ta' supporting staffn ki flk-2019 kellna diġà żieda ta' 471, jew 5.3%, fuq is-sentejn ta' qabel. Fl-aħħar ġimgħat iffirmmajt għexieren ta' warrants lil edukaturi ġodda. Daqqa jgħidu li hemm nuqqaas ta' għalliema u daqqa li qed nimpjegaw nies żejda u li l-biljuni f'dan il-budget huma ħela. Aħjar jiddeċiedu biex ikunu kredibbli!

# L-istorja tal-bennejja u s-seqer

EVARIST BARTOLO
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej



Fit-23 ta' Marzu 1530, Malta ġiet imwielda bħala gżira stat għall-ewwel darba fl-istorja tagħha.

Bħal pajjiżi oħra, pajjiżna ma nbeniex millum għal għada. Ma nbeniex minn parti waħda tas-soċjetà. Ħafna jkunu taw sehemhom. Daqqa flimkien u daqqa kontra xulxin. Passiġġata fil-Barrakka ta' Fuq u ħarsa lejn il-lapidi tal-irħam mal-kolonni dwar persuni u ġrajjiet jixhed dan kollu.

Għandna persuni li taw sehem importanti fl-istorja ta' pajjiżna u ma nafuhomx. Per ezempju t-tabib Gużeppi Callus (1505-1561) li fi żmien La Valette pprotesta kontra kif l-Ordni tal-Kavallieri kienu jistmaw ħażin lill-Maltin. Tawh il-forka għax qabeż għal ħutu l-Maltin. M'għandniex monument wieħed tiegħu ħlief xi triq imsemmija għalih.

Eżempju ieħor huwa Giovanni Nicolò Muscat (1735-1800), bniedem kuraġġuż li ħadem għal Malta aħjar u tkellem minn tal-ewwel dwar il-bżonn li jkun hemm separazzjoni bejn il-Knisja u l-Istat u li l-Knisja ma timponix il-liġijiet fuq il-pajjiż u li kulħadd irid joqgħod għalihom. Tajjeb ikollna post fejn infakkru Maltin u Għawdxin minn kull qasam tal-ħajja, b'fehmiet differenti li taw sehemhom biex bnew pajjiżna.

Naħseb li l-Park Nazzjonali ta' Qali jista' jkun post tajjeb fejn ikollna fejn niċċelebraw dawk li tul is-sekli taw sehemhom biex jibnu pajjiżna. Għadna ma nafux u ma napprezzawx biżżejjed lil dawk li ġew qabilna u grazzi għalihom li ftit blatiet saru nazzjon li joffri għajxien tajjeb, drittijiet, demokrazija u sigurtà fil-paċi.

Pajjiżna nbena kemm b'dak li għamilna aħna l-Maltin bejnietna kif ukoll kif imxew magħna pajjiżi barranin. Kien hemm fejn għenuna biex nimxu 'l quddiem. Kien hemm fejn tefgħuna lura. Kien hemm fejn attakkawna. Kien hemm fejn iddefendewna. Tajjeb li nkunu nafu kif imxew magħna l-barranin tul iż-żmien.

## Daqshekk biċċa minn Sqallija

Fl-1 ta' Novembru ta' kull sena (mill-1530 sal-1798) l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienu jgħaddu seqer lill-Imperatur ta' Spanja. Dan kien il-ħlas li talab l-Imperatur talli għadda lil Malta, lil Għawdex u lil Tripli lill-Ordni tal-Kavallieri biex iqisuhom proprjetà tagħhom binnies u b'dak kollu li kien hemm fihom u jmexxuhom huma. Bil-kundizzjoni li ma jattakkawx lil Sqallija.

Aħna l-Maltin imissna nafu iżjed bl-importanza tad-data tat-23 ta' Marzu 1530. Dakinhar, bħala Re ta' Sqallija, l-Imperatur ta' Spanja Karlu V iffirma l-għoti tal-gżejjer tagħna lill-Kavallieri li kienu sfaw bla dar wara li tkeċċew mill-gżira ta' Rodi. Fit-23 ta' Marzu 1530, Malta ġiet imwellda bħala gżira stat għall-ewwel darba fl-istorja tagħha.

Ma baqgħetx taqa' taħt Sqallija bħalma kienu jaqgħu u għadhom jaqgħu 13-il gżira: L-Ejolji (Vulcano, Lipari, Stromboli, Panarea, Filicudi, Alicudi u Salina); l-Egadi (Favignana, Levanco, Marettimo); il-Pelgaji (Linosa u Lampedusa); Pantellerija u Ustica.

Kieku ma kinitx din id-data tad-deheb: 23 ta' Marzu 1530, kieku aħna gżira oħra fil-Mediterran bla ma mmexxu lilna nfusna u żgur m'aħniex fit-28 post minn 189 stat fid-dinja għal-livell ta' għajxien. L-unika gżira oħra li hi stat hija Ċipru li tinsab fit-33 post.

Il-bqija, il-mijiet ta' gżejjer oħra kollha fil-Mediterran huma warajna bħala livell ta' għajxien għax jitmexxew mill-pajjiżi l-oħra fuq il-kontinent Ewropew jew Afrikan. Tajjeb li nifhmu sew it-twelid tal-gżejjer tagħna bħala stat 491 sena ilu.

Dik l-indipendenza tlifnieha wara 268 sena meta Napuljun ħakem lill-gżejjer tagħna għal inqas minn sentejn. Imbagħad ħakmuna l-Ingliżi li qalu ġejjin jeħilsuna mill-Franċiżi u mbagħad baqgħu hawn bħala ħakkiema sa mill-inqas 164 sena oħra.

Il-kap tal-istat tagħhom, ir-Reġina, baqgħet il-kap talistat tagħna għal 174 sena. Għalqu l-bażi tagħhom hawn wara 179 sena. Kulma ġara qabel kien kollu biċċa ta' dak li kien qed jiġri fi Sqallija. Il-mixja tagħna għall-Indipendenza bdiet ħames sekli ilu.





Passiġġata fil-Barrakka ta' Fuq u ħarsa lejn il-lapidi tal-irħam mal-kolonni dwar persuni u ġrajjiet jikkonfermaw kemm kien hemm persuni kbar li matul is-sekli taw sehemhom fil-bini ta' pajjiżna

# AKTAR ĠUSTIZZJA GĦALL-ĦADDIEM FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Il-Ministeru għall-Ġustizzja u Governanza, din il-ġimgħa ħabbar emendi ġodda fil-liġi tal-Protezzjoni tal-Informatur, li nafuha aħjar bħala l-'Whistleblower Act'.

Il-liġi tal-Whistleblower Act, ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-2013 bl-iskop li tipproteġi persuni u ħaddiema li jirrapportaw in-nuqqasijiet fuq il-post tax-xogħol tagħhom, anke prattiċi ta' għemil ħażin li jista' jseħħ minn xi individwi.

### Aktar infurzar fil-liġi tal-Whistleblower

Dan il-Gvern qed ikompli juri kemm hu kommess fil-protezzjoni tal-ħaddiema u dak li hu ġust għaliex inutli wieħed jitkellem favur il-prinċipji tal-Governanza tajba u ma jagħmel xejn dwarhom. Mhux biżżejjed li jkollna l-liġi miktuba fuq karta iżda mhux prattikkata jew inforzata biżżejed. Proprju għalhekk qed nħabbru emendi li bihom niġu inlinea mad-Direttiva Ewropea biex bħala Stat Membru tal-UE nilħqu standards komuni ta' din il-liġi u standards ukoll aktar għolja fejn jidħol ħarsien tal-ħaddiem.

### Stħarriġ Ewrobarometru

Minn stħarriġ li ħareġ mill-Ewrobarometru, waħda mill-istatiċi elenka li 81% tal-impjegati ma rrapportawx prattiċi ħżiena jew abbużi li jkunu esperjenzaw fuq il-post tax-xogħol tagħhom. F'konsultazzjoni pubblika oħra li saret mill-Kummissjoni Ewropea ħareġ li 85% irrapportaw l-istess u dan minħabba l-fatt li jibżgħu mill-konsegwenzi li jistgħu jaffaċċjaw fosthom legali u anke konsegwenzi finanzjarji.

### L-ewwel emenda

L-ewwel emenda li ġiet proposta se tkun qed tħares il-mod ta' kif ksur tal-liġijiet fuq il-post tax-xogħol jiġu rrapportati, għalhekk se jkun qed jinħatar uffiċjal apposta. Il-Whistleblower reporting officer, se jkollu d-dmir u d-dover li b'mod kunfidenzjali jirrapporta l-għemil ħażin fuq il-post tax-xogħol. L-impjegat li se jkun qed jagħmel ir-rapport, se jkun protett għaliex l-identità tiegħu ma tistax tkun mgħarufa iżda jibqa' anonimu.

Inkluż fl-istess emenda se jkun protett ukoll dak li nsejħulu 'faċilitatur', l-individwu li se jkun qed jassisiti lill-whistleblower. L-uffiċjal responsabli jista' jagħmel ir-rapport tiegħu esternament minn fuq il-post tax-xogħol. L-Uffiċjal jista' jirrapporta n-nuqqasijiet lill-awtoritajiet kompetenti bħal il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, il-Kummisarju għall-Organizzazzjoni Volontarji, il-Kummissarju Permanenti konta l-Korruzzjoni u l-Ombudsman.

### It-tieni emenda

It-tieni emenda se tintroduċi tifsiriet importanti li mhux inklużi fl-Att tal-Whistleblower li daħal fis-seħħ fl-2013. L-ewwel kelma introdotta fl-Att hija "impjegat", li se tkun qed tirreferi għal dawk l-individwi li jappartjenu l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju f'kumpaniji u anke persuni li jkunu f'relazzjoni prekuntrattwali ma' min iħaddem. It-tieni frażi introddota hija "prattika mhux xierqa", din ġiet imwessa t-tifsiera tagħha biex tipproteġi każijiet ġodda; is-servizzi finanzjarji, l-akkwist pubbliku, il-prodott u s-swieq u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-konformità mas-sikurezza tal-prodott, sikurezza tat-trasport, il-protezzjoni tal-ambjent, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u s-sikurezza nukleari, sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa u l-benessri tal-annimali, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali u s-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni.



"Detriment fuq il-post tax-xogħol" hija inkluża wkoll fil-liġi li din il-frażi telenka azzjonijiet varji li jistgħu jitqiesu bħala ritaljazzjoni kontra l-informatur. Din il-frażi mhux se tkun qed tippermetti tkeċċija jew inkella ritaljazzjoni kontra l-informatur ħlief f'sitwazzjonijiet mhux ġustifikabbli. L-aħħar frażi li ġiet introddota fil-liġi hi "kuntest relatat max-xogħol". Din se tkun qed tara li l-attivitajiet tal-passat u anke kurrenti fuq il-post tax-xogħol jistgħu jissemmew fi żvelar, f'każ li sseħħ prattika mhux xierqa jew illegalità, kemm fis-settur privat u anke dak pubbliku. L-aħħar emenda hi li se jkun hemm hi li permezz ta' din il-liġi se jkun hemm "iż-żamma ta' rekords" f'forma durabbli u li tista' tiġi rkuprata, inkluż għat-tħejjija ta' rapport annwali.

### Gvern kommess

Bħala Gvern, kommessi li nkompli għaddejjin bil-ħidma favur aktar ġustizzja effiċċjenti, effettiva u governanza aktar aċċessibbli, trasparenti u ġusta. Fil-konferenza stampa li saret, il-Ministru Edward Zammit Lewis qal li "huwa bis-saħħa ta' liġi bħal din li nkunu nistgħu niżguraw li prattiċi legali u abbużi fuq il-postijiet tax-xogħol, li jistgħu jagħmlu ħsara lill-persuni u anke lill-ġid komuni ma jibqgħux moħbija u jiġu investigati".

### Informazzjoni elettronika

Wieħed jista' jikseb aktar tagħrif dwar dawn l-emendi l-ġodda permezz tas-sit elettroniku www.whistleblower.gov.mt fejn se jkun hemm aċċess għal-linja gwida ta' kif għandhom jassistu l-whistleblower reporting officers f'każ li jirċievu rapporti illegali.

Wieħed jista' jistaqsi l-mistoqsijiet ġeneriċi dwar kif se tkun qed iseħħ l-implimentazzjoni ta' dan l-Att, whistleblower.helpmail@gov.mt.



# It-tielet ġimgħa fiż-Żodjaku ta' Scorpio

Bejn il-Ħadd 14 ta' Novembru u s-Sibt 20 ta' Novembru




### Aquarius mill-20 ta' Jannar sat-18 ta' Frar



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Aquarius se jkun ifisser mument li se jagħmlek aktar determinat fl-ambizzjonijiet li int tixtieq tibda twettaq. Dan jaf ikun mument ta' sfida f'dan l-istadju iżda issa aktar minn qatt qabel int trid turi l-abbiltà tiegħek f'dak li int finalment se twettaq għal dik l-istabbiltà mixtieqa. ***Kuluri ideali għal Aquarius huma l-kannella u l-oranġjo. Iż-żodjaku ideali għalik għal din il-ġimgħa ġej minn Scorpio. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Moonstone.***

Namaste

### Pisces mid-19 ta' Frar sal-20 ta' Marzu



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Pisces se jkun mument eċitanti f'dak li int trid twettaq. B'hekk int se tkun aktar motivat biex b'hekk int tkompli miexi b'determinazzjoni u tħares 'il quddiem f'dak li hemm riesaq lejk. Tajjeb li tibda tagħmel riflessjoni profonda.

***Kuluri ideali għal Pisces huma l-iswed u l-vjola. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Leo. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Aquamarin.***

Namaste

### Aries mill-21 ta' Marzu sad-19 ta' April



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Aries se jkun mument ta' riflessjoni dwar liema direzzjoni int minn issa tixtieq tieħu. Minħabba li se jgħaddulek xi ħsibijiet dwar esperjenzi mill-passat, ovvjament dan jaf joħloq xi problema. Għalhekk, agħraf biss x'esperjenzajt u kompli bit-twettiq għal futur stabbli. ***Kuluri ideali għal Aries huma l-blu u l-isfar. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Capricorn. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Black Opal.***

Namaste

### Taurus mill-20 ta' April sal-20 ta' Mejju



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Taurus se jkun ifisser mument ta' diversi reflessjonijiet u għalhekk int trid tagħraf tkun iffokat biex minn dawn ir-riflessjonijiet joħroġ l-aħjar biex tkompli bit-tkabbir tiegħek f'dak li int tixtieq. Dan jista' jitwettaq għax grazzi għal dan il-qamar se tkun aktar motivat.

***Kuluri ideali għal Taurus huma l-aħmar u l-isfar. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Virgo. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi t-Tigers Eye.***

Namaste

### Gemini mill-21 ta' Mejju sal-20 ta' Ġunju



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Gemini se jkun ifisser li trid timxi b'aktar għaqal biex iżżomm lilek innifsek iffokat aktar mis-soltu biex ma tikkommettix ċertu żbalji li forsi jistgħu jkunu ta' xi konsegwenzi, iżda tkattar dak li hemm riesaq lejk biex ovvjament tissaħħaħ aktar kemm fil-ħiliet tiegħek kif ukoll fl-istabbiltà ta' madwarek. ***Kuluri ideali għal Gemini huma l-isfar u l-kannella. Iż-żodjaku ideali għalik għal din il-ġimgħa ġej minn Sagittarius. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Onyx.***

Namaste

### Cancer mill-21 ta' Ġunju sat-22 ta' Lulju



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Cancer se jkun ifisser mument ta' riflessjoni profonda dwar bidla li se jkollok twettaq. Issa minħabba dan int trid tagħraf tikkontrolla aktar kemm lilek innifsek u ferm aktar is-sitwazzjonijiet li jistgħu jiżviluppaw madwarek waqt li ġej żmien ftit delikat lejk imma żgur li dan int kapaċi tegħlbu. ***Kuluri ideali għal Cancer huma l-griż u blu. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Taurus. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Jade.***

Namaste

### Leo mit-23 ta' Lulju sat-22 ta' Awwissu



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Leo se jkun ifisser mument ta' aktar konċentrazzjoni u għalhekk issa għandek tagħraf tikkontrolla aktar kemm lilek innifsek u kemm il-madwar tiegħek biex dak li riesaq lejk tiffaċċjah b'aktar iffokar u trankwillità biex b'hekk tkun aktar deċiż f'dak li int se twettaq. ***Kuluri ideali għal Leo huma l-aħmar u l-kannella. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Aquarius. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Lemon Quartz.***

Namaste

### Virgo mit-23 ta' Awwissu sat-22 ta' Settembru



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Virgo se jkun ifisser mument ta' aktar kontroll fil-madwar komplut tiegħek fejn jekk int is-soltu kont tkun ikkontrollat minn ċertu aspetti talħajja. Dan issa se jinbidel kompletament għax minn issa 'l quddiem il-kontroll trid tibda twettqu bit-tħejjija ta' pjan biex int tissaħħaħ aktar. ***Kuluri ideali għal Virgo huma l-abjad u l-oranġjo. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Aries. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Amber.***

Namaste

### Libra mit-23 ta' Settembru sat-22 ta' Ottubru



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Libra se jkun ifisser mument li jqawwilek iżjed il-moral tiegħek sabiex b'hekk int tagħraf aktar tkompli tissaħħaħ fil-karriera tiegħek kif ukoll tal-madwar tiegħek. Dan hu perjodu ferm utli għalik biex it-tisħiħ li hemm bżonn ikompli ikattar il-ġejjieni tiegħek. Irrifletti. ***Kuluri ideali għal Libra huma l-isfar u lewn id-deheb. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Cancer. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi s-Sapphire.***

Namaste

### Scorpio mill-23 ta' Ottubru sal-21 ta' Novembru



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik l-istess Scorpio se jkun ifisser mument li tagħraf timxi aktar b'dak il-pass mgħaġġel fejn minn issa 'l quddiem int tibda twettaq deċiżjonijiet b'aktar determinazzjoni u ħeġġa. Dan ikun ifisser li r-ritmu talħajja tiegħek se jesperjenza aktar tkabbir fl-istabbiltà li hi tant meħtieġa għalik. ***Kuluri ideali għal Scorpio huma l-blu u r-roża. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Pisces. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Cats Eye.***

Namaste

### Sagittarius mit-22 ta' Novembru sal-21 ta' Diċembru



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Sagittarius se jkun ifisser mument li int trid tagħraf aktar tqassam il-bilanċ tiegħek kemm għalik personali u anke għal ma' dawk ta' madwarek. Għalkemm int se tkun mitluf ħafna dwar xi ideat ġodda xorta waħda għandek tagħraf twettaq dan il-bilanċ biex tkompli miexi lejn tkattir. ***Kuluri ideali għal Sagittarius huma l-griż u l-isfar. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Libra. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi l-Fire Gate.***

Namaste

### Capricorn mit-22 ta' Diċembru sad-19 ta' Jannar



F'dan il-Qamar Kwinta taż-żodjaku ta' Scorpio għalik Capricorn se jkun ifisser ħtieġa ta' aktar paċenzja. Dan jaf ikun tajjeb biex int tagħraf aktar b'għaqal dak li tixtieq twettaq fil-karriera tiegħek. Agħraf l-esperjenza li int akkwistajt s'issa biex b'hekk finalment tirbaħ dak li int tant tixtieq. Riflessjoni tkun ideali għalik. ***Kuluri ideali għal Capricorn huma l-blu u l-oranġjo. Iż-żodjaku ideali għalik din il-ġimgħa ġej minn Gemini. Il-kristalla ideali għalik għal din il-ġimgħa hi r-Rose Quartz.***

Namaste

KOMPETIZZJONI:

Ir-Rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-ġimgħa l-oħra huma dawn: L-ewwel premju ntrebaħ minn **Cristina Mallia** minn **San Pawl il-Baħar** waqt li t-tieni premju ntrebaħ minn **Rita Brignano** minn **Marsaxlokk**.

Il-mistoqsija sempliċi ta' din il-ġimgħa: Il-Qamar Kwinta fiż-żodjaku ta' Scorpio jiġi fid-19, fil-21 jew fit-23 ta' Novembru?

Ibgħat it-tweġiba postali tiegħek lil: PaulJon, Kompetizzjoni t-Torċa, Po Box 27 Paola.



**L-ewwel premju:** Tliet kristalli għal enerġija pożittiva madwarek flimkien mal-Kalendarju Żodjaku 2020.

**It-tieni premju:** Voucher bi skont għal trattament tas-sbuħija, mogħti minn Angels and Crystals Beauty Wellness Salon Marsascala, flimkien ma' tifkira tal-Kalendarju Żodjaku 2020.

# KATRIN TAL-BIRGU

JOSEPH SERRACINO
serracinoj@gmail.com

>> ikompli mill-aħħar ħarġa





Hawnhekk Salvu waqaf mir-rakkont tiegħu, wiċċu tbergħen, u ħass demmu tiela' f'rasu.

"Tafu min kien dan ir-raġel?" għajjat Salvu. "Kien Grezzju, il-bniedem li ħalef li sakemm jibqa' ħaj jivvendika ruħu minni għaliex 30 sena ilu Katrin għażlet lili minfloku!"

"Allura x'wassal għall-ġlieda tagħkom?" staqsieh kurjuż l-Avukat Borg.

L-akkużat ġibed nifs qawwi, u wara pawsa qasira b'leħen imriegħed kompla jirrakkonta fid-dettall it-tilwima tiegħu ma' Grezzju.

"L-għada filgħodu lestejt kollox, u qabel ma nżilt minn fuq il-vapur mort insellem għall-aħħar darba lill-Kaptan Grima u nirringrazzjah għall-għajnuna kbira li tani, kemm matul il-vjaġġ kif ukoll għall-kuraġġ li għamilli biex nerġa' nirranġa ma' marti. Kif ħriġt mill-kabina tal-Kaptan, sellimt lil xi wħud minn sħabi, qbadt iż-żewġ soror ħwejjeġ li ħallejt barra l-kabina, u bdejt nieżel l-iskala. Għajta ta' twissija minn wieħed minn sħabi ħasditni u ġegħlitni nieqaf f'nofs l-iskala u naqħti ħarsa madwari. Għal mument ħassejtni nirtogħod bil-biża'. Jistennieni f'tarf l-iskala kien hemm Grezzju, b'sikkina tal-laħam f'idu. B'vuċi fgata beda jheddidni li hekk kif ninżel l-iskala kien se joqtolni. Milli jidher xi baħrin marru jfittxu lill-Kaptan Grima li minn fuq il-gverta beda jwiddeb mill-ġdid lil Grezzju biex iħallini ninżel fil-kwiet inkella jsejjaħ lill-pulizija. Xi baħrin talbuni nerġa' nitla' fuq il-vapur, iżda jien kont deċiż li din id-darba nkompli triqti akkost ta' kollox! Il-Kaptan, imdejjeq bl-aġir kattiv u sadist ta' Grezzju, niżel jiġri fejni u pprova jidħol bejnietna. Iżda, peress li jien kont naf bil-karattru nervuż tiegħu, tlabtu jerġa' lura u assigurajtu li din id-darba ħadd ma kien se jżommni milli nerġa' ningħaqad mill-ġdid ma' marti u wliedi. Milli jidher, Grezzju ħaseb li l-Kaptan kien se jibgħat għall-pulizija għax, waqt li ntilef f'kantaliena ta' dagħa u kliem ħażin, beda joffendih bl-għeżież tiegħu u jgħajru li kien bniedem beżżiegħ u bla ħila. Il-Kaptan tant ħassu offiż b'dan il-kliem li ħabat se jinżel għalih, iżda xi baħrin kienu pronti żammewh u ppruvaw jikkalmawh. Kien hawnhekk li Wenzu tah estru u bħal bniedem miġnun tela' jiġri u ġibed lejn il-kabina tiegħu."

Hawnhekk Salvu reġa' waqaf. Wiċċu kien sfajjar u ħarstu kienet mimlija biża'.

"F'daqqa waħda, Grezzju tela' jiġri l-iskala u attakkani. Waqt li xejjirli daqqa ta' sikkina, b'vuċi fgata qalli, '18-il sena ilu qtilt lil sieħbek Pawlu ż-Żgħir, u llum se noqtol lilek!' Iżda jien kont attent għalih għax, waqt li lqajt tajjeb id-daqqa tiegħu bis-sorra li kelli f'idi, xejjirtlu daqqa ta' sieq li żbilanċjatu, tfixkel f'saqajh, u tgerbeb lura. Kif rajtu fl-art inżilt niġri l-iskala u b'pass mgħaġġel komplejt triqti. Iżda milli jidher Grezzju kien invażat bix-xjaten għax b'ħeffa kbira qam mill-art u reġa' ta s-salt għal warajja. Dak il-ħin deherli li smajt leħen il-Kaptan iwissih biex jieqaf fejn kien. Smajt ukoll bħal għagħa tan-nies miġbura u xi għajjat minn xi baħrin biex jieqaf u jħallini nkompli triqti. Iżda Grezzju kien mitluf bl-għatx tal-vendetta! F'tebqa ta' għajn laħaqni u beda jxejjirli bis-sikkina. Għalkemm jien irnexxieli nilqa' diversi daqqiet bis-sorra li kelli f'idi, f'ħin minnhom laqatni fi driegħi. Mal-weġgħa tlaqt is-soror fl-art u xarrabtlu daqqa ta' ponn b'kemm kelli saħħa u tfajtu fl-art. Kif Grezzju rani nżomm driegħi u miexi bilmod lura, intebaħ li kien ferieni. Qam jiġri mill-art, ħataf is-sikkina mill-ġdid u, meta rani f'pożizzjoni li ma stajtx niċċaqlaq minnha, għajjat għajta mxajtna u lesta ruħu biex jagħti l-aħħar kolp fatali."

L-akkużat waqaf ħesrem u għatta wiċċu bejn idejh.

"Ħarstu mimlija qilla werwritni. Is-sikkina mċappsa bid-demm regħditni waqt li l-pass meqjus tiegħu, riesaq bil-mod lejja b'ħarstu selvaġġa ffissata fuqi, kexkixni! F'dak il-waqt tal-biża' deherli li smajt lill-Kaptan Grima jwiddeb lil Grezzju kemm-il darba u jordnalu jieqaf fejn kien. Kien biss xi tliet passi 'l bogħod minni. Saqajja triegħdu bil-biża' u, bla ma naf kif u l-għaliex, idi daħlet filbut u fittixt xi ħaġa li kont naf li qiegħda hemm għal meta tinqala' l-ħtieġa tagħha. Sibtha, ħtaftha tajjeb u b'ħeffa kbira ħriġtha mill-but. Subgħajja sabu l-grillu u għafsuh mill-ewwel. Mat-tir Grezzju nstabat mal-art! Għall-ewwel ħarist lejh, u ħarstu mberrqa kexkxitni. Imbagħad ħarist lejn il-pistola li kelli f 'idejja u ntbaħt li waqt li dik l-arma li kelli f'idejja salvatli ħajti mill-bniedem li ħalef li joqtolni, lili kienet tefgħetni f'idejn il-bojja."

Iż-żewġ avukati ħarsu lejn xulxin bla ma lissnu kelma.

"Jien ma ridtx noqtlu. Naħlef li jien dejjem ippruvajt naħrab l-inkwiet. Iżda flaħħar ġejt f 'sitwazzjoni li ma stajtx nagħmel mod ieħor. Il-pistola li kelli f'idi kienet l-uniku mezz li bih jien stajt niddefendi ruħi minnu. Użajtha biss meta ġejt dari malħajt. Li kieku m'għamiltx hekk, kieku bħalissa m'intomx tkellmuni," spiċċa jgħidilhom Salvu, imdejjaq.

"Inti ċert li sparajt tir wieħed?" staqsieh bil-ħatfa l-Avukat Mifsud.

"Iva, il-pistola tajtha lill-Ispettur li kien kellimni dakinhar tal-każ fl-għassa tal-Birgu," wieġbu l-akkużat.

"Tajjeb! Tajjeb ħafna! Issa stess immorru nkellmuh," qallu bil-ħatfa l-Avukat Borg. "Sadanittant aħna nistudjaw il-każ tajjeb u nerġgħu niġu nkellmuk mill-ġdid għada wara nofsinhar. Għalhekk, waqt li nitolbok biex iżżomm il-kalma, nixtieqek tagħmel ħiltek kollha u tipprova tiftakar ma' min kellu xi jgħid Grezzju matul il-vjaġġ tagħkom lura minn Lixandra. Importanti ħafna li tiftakar l-ismijiet kollha," talbu b'ħerqa kbira l-Avukat Borg, hekk kif taptaplu fuq spalltu biex jagħmillu kuraġġ.

Dak il-ħin l-Avukat Mifsud għamel sinjal lill-kollega tiegħu u wrieh li xtaq ikellmu. Kif iż-żewġ avukati ħarġu miċ-ċella, iż-żagħżugħ dar fuq sieħbu u b'leħen miksur qallu, "Giovann, jekk int ma ssibx oġġezzjoni, nixtieq li jien nieħu l-inkarigu ta' dan il-każ. Jien mhux biss konvint li dan ir-raġel hu innoċenti iżda ninsab ċert li t-tir li spara ma kienx dak li qatel lil Grezzju. Minbarra hekk, hemm ċirkustanzi oħra f'ħajti li jġegħluni nagħmel ħilti kollha biex neħilsu mill-akkuża li hu mċappas biha u nuri l-innoċenza tiegħu. Sur Avukat, waqt li nitolbok biex ma tistaqsinix għaliex qed ninsisti miegħek biex tagħtini l-inkarigu ta' dan il-każ, nixtieqek li ma tiċħadlix din ix-xewqa li tfisser ħafna għalija; ħafna aktar mill-unuri u l-ġid li jien nista' nikseb jew nakkwista matul il-karriera tiegħi."

Għal mument l-Avukat Borg baqa' jħares mifxul lejn iż-żagħżugħ. Huwa ma setax jifhem x'kienet ir-raġuni li ġegħlet liż-żagħżugħ jitolbu dan l-impenn diffiċli.

"Tajjeb. Iddefendih int u lili ssibni dejjem maġenbek," qallu wara pawsa qasira l-Avukat anzjan.

Wara li rringrazzja lill-Avukat Borg għall-fiduċja kbira li wera fih, Ġużeppi reġa' daħal ħdejn l-akkużat u b'vuċi miksura qallu, "jien tlabt lill-kollega tiegħi biex nieħu l-inkarigu ta' dan il-każ f'idejja bħala l-avukat difensur tiegħek. Naħliflek li jien se nagħmel ħilti kollha biex nuri l-innoċenza tiegħek, u wara nkun jien stess li ngħinek terġa' tingħaqad mill-ġdid mal-familja tiegħek. Saħħa! Narak għada." L-akkużat ħares lejn iż-żagħżugħ b'ħarsa ta' ringrazzjament għall-interess kbir li wera fil-każ tiegħu. Meta Salvu reġa' sab ruħu waħdu, intelaq mill-ġdid fuq soddtu u fil-ħemda taċċella pprova jġib quddiem għajnejh it-tifkiriet sbieħ li għadda minnhom fl-ewwel snin taż-żwieġ tiegħu ma' Katrin u wliedu, tifkiriet li, avolja kienu għaddew is-snin minn fuqhom, huwa dejjem ippreservahom f'qalbu u żammhom ħajjin f'moħħu

*Tmiem*

# €84 MILJUN FRANKATI
## MILL-*FIRST TIME BUYERS* FI 8 SNIN

Il-miżura ta' roħs fit-taxxa tal-boll għal dawk il-persuni li jiġu biex jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom kienet l-ewwel inizjattiva li ħa l-Gvern immexxi mill-Partit Laburista biex jagħmel **is-suq aktar affordabbli.**

L-ewwel darba li daħlet fis-seħħ fl-2013 kienet tfisser roħs tat-taxxa kollha tal-boll fuq l-ewwel €150,000 tal-valur tal-proprjetà. Hija baqgħet tiġi sostnuta sena wara l-oħra, biex fl-2020 il-miżura ssaħħet b'mod konsiderevoli u tneħħa l-ħlas tat-taxxa tal-boll fuq l-ewwel €175,000 tal-valur tal-proprjetà għal dawk li jkunu qed jixtru l-ewwel dar tagħhom.

**Dan ir-roħs bexxaq il-bieb għal eluf ta' żgħażagħ**, ħafna minnhom koppji, li saru sidien ta' darhom fl-aħħar tmien snin u li **flimkien if-frankaw l-ammont globali ta' €84 miljun.**



Assistenza bħal din kompliet tirriafferma r-rata għolja ta' Maltin u Għawdxin li huma sidien ta' darhom. Kompliet ukoll issaħħaħ is-suq tal-proprjetà anke matul il-pandemija f'kuntest fejn temporanjament **żdiedu l-inċentivi biex in-nies jixtru l-proprjetà.**

Il-miżura għall-first time buyers ma baqgħetx l-unika miżura li għenet biex tagħmel il-proprjetà aktar affordabbli. Fl-aħħar snin id-daħħlu aktar forom ta' għajnuna li qed jgħinu ħafna aktar familji w individwi ta' etajiet differenti jsiru sidien ta' darhom.

Biex tara għal liema għajnuna tikkwalifika żur **www.housingauthority.gov.mt**

akkomodazzjoni

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | | | | | | | |
| 2. | | | | | | | |
| 3. | | | | | | | |
| 4. | | | | | | | |
| 5. | | | | | | | |
| 6. | | | | | | | |
| 7. | | | | | | | |

BERITTA FIGOLLA KAZZOLA MANETTA
FARFETT FORESTA KOLONNA REMISSA

# Deffes il-kliem

■ Hawn ghandek tmien kelmiet b'seba' ittri kull waħda. Poġġi sebgħa minnhom mimdudin fil-kaxxa biex mill-ittri tagħhom toħroġ il-kelma l-oħra li trid tiġi djagonali.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | 59 | | |
| | 29 | | 37 | |
| | | 9 | | |
| | 12 | | | 20 |

# Torri bin-numri

■ Sib in-numri li jridu jidħlu fil-kaxxi l-vojta. Kull numru f'din il-loghba jrid ikun it-total tan-numri fiż-żewġ kaxxi ta' taħtu.

| | | |
|---|---|---|
| A | Q + D | |
| B | M - V | 1 |
| C | Z ÷ N | |
| D | I + W | |
| E | Z - B | 19 |
| F | G x I | |
| G | Z ÷ W | |
| H | R x W | 24 |
| I | K ÷ D | |
| J | V - Y | |
| K | U + T | |
| L | Q ÷ N | 8 |
| M | O + O | |

| | | |
|---|---|---|
| N | S ÷ T | |
| O | T + W | 13 |
| P | Y x N | |
| Q | K - G | |
| R | H ÷ W | 6 |
| S | T x N | 18 |
| T | I x I | |
| U | L + W | |
| V | M - B | |
| W | U ÷ I | |
| X | O + W | |
| Y | S - D | |
| Z | C x N | 20 |

# Ittri u numri

■ L-ittri mill-A saż-Z għandhom numru, mill-1 sas-26. X'uħud min-numri assoċjati mal-ittri jidhru diġà fit-tielet kolonna fuq il-lemin. Ara jirnexxilekx issib liema huma n-numru assoċjati mal-ittri l-oħrajn bl-għajnuna tat-tagħrif li hemm fil-kolonna tan-nofs..

# Fejn hu dan il-post?

■ Biċċa art mitluqa u mnaddfa mit-tifrik ta' binja storika li nqerdet għal kollox fl-attakki mill-ajru tal-Ġermanja Nażista fit-8 ta' April tas-sena 1942. F'dan il-post tela' bini ieħor li hu importanti daqs dak ta' qabli. Fejn taħsbu li hu dan il-post u x'insibu fuq din l-art illum?





# Sib 52 kelma

■ It-52 kelma li jidhru hawn qegħdin x'imkien fil-kaxxa bl-ittri. Ipprova sibhom. Dawn jistgħu jkunu mimdudin, weqfin, djagonali u anke miktubin ta' wara quddiem basta f'sinjal dritt. L-ittri tista' tużahom aktar minn darba u trid tużahom kollha.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | R | I | M | B | A | T | T | E | K | R | A |
| L | A | R | I | N | Ġ | A | R | R | A | M | R |
| A | T | R | U | M | B | E | T | T | A | A | K |
| T | R | O | M | B | A | A | B | L | L | N | A |
| A | R | T | T | I | L | A | J | L | A | N | T |
| R | U | A | T | L | L | A | O | D | A | A | N |
| T | T | K | O | J | A | M | R | N | A | Z | A |
| T | S | K | L | E | D | R | A | W | W | A | Z |
| A | A | U | A | T | N | B | N | P | N | L | Z |
| X | P | N | S | T | U | O | Ġ | U | P | Z | O |
| X | X | A | R | A | G | L | J | A | S | A | R |
| A | N | N | A | K | O | L | O | N | N | A | K |

ALLA
ARKA
ARKETT
BAJDA
BALLA
BANANA
BARMIL
BILJETT
BLATA
BOLL
BRIMBA
DRAWWA
ĠARRA
ĠEBLA
GARAXX
GUNDALLA
ILMA
ITTRA
JASAR
KANNA
KANNOL
KAPPA
KATNAZZ
KOLLA
KOLONNA
KROZZA
LARINĠA
LAZZ
LJUN
MALJA
MANNA
MAPPA
MOLL
MOLLA
NANU
ORANĠJO
PASTUR
RATA
RATAL
RAXX
ROTA
SALOTT
SUSA
TAKKUNA
TAXXA
TILA
TNALJA
TORRI
TROMBA
TRUMBETTA
XATT
ZALZA




# Numri flok figuri

■ Poġġi numri flok l-erba' figuri li jidhru hawnhekk. Kull numru fuq barra huwa t-total tal-erba' numri bi drittu, kemm weqfin kif ukoll mimdudin.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 3 | | | 5 | | 7 | | 6 |
| | | 9 | 6 | | | | 1 | |
| | 7 | 6 | | 2 | 1 | | 3 | 5 |
| 8 | | | | 4 | | | 6 | |
| 2 | | 3 | | 6 | | | 7 | |
| | 6 | | 2 | | 9 | 5 | | |
| | 2 | | 3 | | 5 | 9 | | |
| | | 4 | | | | | | |
| 9 | | | 4 | | | | 2 | 1 |

# Sudoku... mill-1 sad-9

■ Poġġi n-numri mill-1 sad-9 fil-kaxxi l-vojta basta kull disa' numri mimdudin u weqfin bi dritt xulxin u anke kull disa' kaxxi kwadri 3 x 3 kif immarkati jkun fihom in-numri kollha mill-1 sad-9.

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0 | 6 | 7 | 3 | 4 | 2 | 3 | 6 | 7 | 4 | 6 | 3 | 2 | 4 | 1 |
| 2 | 5 | 3 | 6 | 5 | 8 | 7 | 9 | 6 | 7 | 4 | 5 | 6 | 3 | 4 |
| 5 | 7 | 4 | 5 | 2 | 3 | 4 | 3 | 5 | 6 | 5 | 8 | 5 | 6 | 7 |
| 3 | 0 | 8 | 9 | 6 | 7 | 4 | 5 | 2 | 4 | 3 | 1 | 2 | 1 | 6 |
| 5 | 7 | 5 | 6 | 4 | 5 | 1 | 1 | 2 | 6 | 3 | 8 | 1 | 6 | 2 |
| 9 | 0 | 5 | 8 | 3 | 4 | 1 | 6 | 9 | 7 | 8 | 4 | 5 | 1 | 3 |
| 2 | 7 | 0 | 7 | 9 | 0 | 5 | 6 | 4 | 7 | 8 | 1 | 2 | 1 | 5 |
| 3 | 4 | 7 | 5 | 8 | 9 | 5 | 7 | 3 | 1 | 4 | 2 | 5 | 6 | 9 |
| 7 | 8 | 6 | 7 | 2 | 1 | 4 | 3 | 6 | 7 | 5 | 9 | 0 | 7 | 9 |
| 5 | 6 | 4 | 5 | 3 | 4 | 2 | 5 | 1 | 3 | 2 | 5 | 4 | 6 | 8 |
| 5 | 6 | 7 | 4 | 5 | 3 | 6 | 4 | 5 | 8 | 6 | 7 | 5 | 9 | 8 |
| 7 | 9 | 4 | 5 | 2 | 3 | 1 | 4 | 2 | 5 | 6 | 5 | 1 | 6 | 7 |
| 3 | 4 | 7 | 0 | 7 | 9 | 6 | 8 | 2 | 4 | 1 | 3 | 2 | 1 | 4 |
| 5 | 4 | 7 | 6 | 0 | 2 | 1 | 3 | 5 | 3 | 6 | 9 | 0 | 7 | 8 |
| 6 | 7 | 3 | 4 | 1 | 2 | 7 | 5 | 6 | 3 | 4 | 7 | 4 | 5 | 8 |

# Sib in-numri

■ Sib dawn in-numri fil-kaxxa. Dawn jistgħu jkunu mimdudin, weqfin, djagonali u anke miktubin ta' wara quddiem. Kull numru tista' tużah darba biss.

122535 326815 463241 655136 744115
197494 351374 500524 666385 745364
231425 375663 532674 673423 854743
318630 449450 564002 727118 895731




# Kliem f'Musketterija

■ Għaqqad 12-il kelma b'ittri li hemm fil-kelma MUSKETTERIJA. Dawn iridu jidħlu weqfin taħt in-numri fil-kaxxi.

# Soluzzjonijiet ta' ġimgħa ilu

| | |
|---|---|
| A - 14 | N - 3 |
| B - 19 | O - 25 |
| C - 7 | P - 10 |
| D - 12 | Q - 1 |
| E - 16 | R - 6 |
| F - 20 | S - 22 |
| G - 9 | T - 13 |
| H - 2 | U - 23 |
| I - 18 | V - 5 |
| J - 11 | W - 15 |
| K - 4 | X - 8 |
| L - 24 | Y - 17 |
| M - 26 | Z - 21 |

Ittri u numri

**Kliem bl-ittra "R"**
Sulfarina - Sur - Fra - Far - Nar - Ras - Urna - Lura - Sular - Farsa - Isfar - Safra

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | 5 | 3 | 9 | 7 | 8 | 2 | 4 | 1 |
| 4 | 1 | 9 | 2 | 6 | 3 | 8 | 7 | 5 |
| 2 | 7 | 8 | 5 | 1 | 4 | 3 | 9 | 6 |
| 1 | 9 | 6 | 4 | 3 | 2 | 5 | 8 | 7 |
| 3 | 8 | 5 | 7 | 9 | 6 | 4 | 1 | 2 |
| 7 | 2 | 4 | 1 | 8 | 5 | 6 | 3 | 9 |
| 9 | 3 | 2 | 8 | 5 | 7 | 1 | 6 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 3 | 4 | 1 | 9 | 2 | 8 |
| 8 | 4 | 1 | 6 | 2 | 9 | 7 | 5 | 3 |

Sudoku



Sib 54 kelma



Dan min hu?
John Travolta



Tisliba bin-numri



Poġġi l-kliem fit-tisliba

1. W E R Q A
2. S E R Q A
3. S E R R A
4. T E R R A
5. T E R N A
6. Ċ E R N A
7. Ċ E R V A

Logħob bil-kliem



Kliem f'Karrozzella

# Il-ħidma mwettqa mill-Ministeru tal-gżira Għawdxija



CLINT CAMILLERI
Ministru għal Għawdex




Waqt il-qari tal-estemi tal-Budget għal Għawdex, tajt rendikont dettaljat tal-ħidma mwettqa mill-Ministeru mmexxi minni matul is-sena li għaddiet. Sena li għalkemm kienet ikkaratterizzata minn sfidi u inċertezzi kontinwi, frott il-persistenza tal-pandemija, xorta waħda kienet waħda produttiva b'risq Għawdex u l-Għawdxin.

Kienet sena li matula indirizzajna bosta oqsma u kif spjegajt fid-diskors tiegħi, is-sostenn tal-Gvern kien strumentali biex pajjiżna baqa' għaddej. Semmejt fost l-oħrajn il-wage supplements, għajnuniet fil-kera u fil-kontijiet tal-enerġija, u l-vouchers domestiċi kif ukoll dawk għat-turisti internazzjonali li żaru l-gżejjer tagħna. Hawn biżżejjed insemmi li f'Għawdex biss, dan is-sajf intefqu €2.4 miljun f'vouchers u matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu qasmu l-fliegu kważi miljun ruħ permezz tal-Gozo Channel.

Hawn nixtieq nieħu spunt u nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-Ministeru għal Għawdex li minkejja li xi kultant jirċievu kritika li mhijiex ġustifikata, huma impenjati li jwettqu bl-aħjar mod possibbli l-ħidma fdata lilhom.

## Wettaqna

Iva, wettaqna kif wegħedna li se ngħamlu u għalhekk il-poplu għandu fiduċja b'saħħitha fit-tmexxija ta' dan il-pajjiż. Waqt żjara li għamel il-kollega l-Ministru Carmelo Abela, li huwa wkoll responsabbli mill-implimentazzjoni tal-manifest elettorali, qal li l-Gvern għandu 48 miżura fil-manifest li tqassmu ma' tmien ministeri differenti, inkluż dak t'Għawdex.

S'issa 27 miżura ġew implimentati b'mod sħiħ, bi 13 oħra qegħdin fl-aħħar fażi li jitwettqu. Dan ifisser li r-rata globali ta' twettiq hija ta' ftit aktar minn 81%.

Fost il-miżuri implimentati għal Għawdex tajjeb li niftakru fil-benefiċċji li qed jingħataw il-ħaddiema, l-istudenti u ċittadini oħra Għawdxin, b'mod partikolari dawk li qed jaqsmu l-fliegu permezz tas-servizz tal-fast ferry. Apparti dawn, ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-proġetti infrastrutturali u l-bini mill-ġdid tat-toroq, aktar xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin permezz ta' skemi implimentati fosthom tat-teleworking, kampanji nazzjonali ta' reklamar għal Għawdex u t-twaqqif tal-Awtorità Reġjonali għall-Iżvilupp ta' Għawdex.

## Karozzi tal-linja bl-elettriku

Matul din il-ġimgħa, nedejna wkoll is-servizz ta' Park & Ride mingħajr ħlas u permezz ta' karozzi tal-linja li jaħdmu totalment bl-elettriku u li huma mmirati mhux biss għall-ħaddiema u l-istudenti Għawdxin li jinżlu Malta biex jaħdmu jew jistudjaw, iżda għal dawk kollha li jridu jaqsmu lejn Malta mingħajr karozza.

Dan is-servizz ta' Park and Ride se jkun qed jopera miż-żona tal-Heliport tax-Xewkija għall-Imġarr mill-5.00 a.m. sad-9.00 p.m. Biex is-servizz ikun wieħed komdu u frekwenti, dawn il-karozzi se joperaw vjaġġi kull għaxar minuti mill-5.00 a.m. sa 8.00 a.m. u mit-3.00 p.m. sas-6.00 p.m. Mal-kumplament tal-ġurnata, is-servizz se jingħata kull 30 minuta.

Dawk li jużaw is-servizz jistgħu jipparkjaw il-karrozza fl-akwati tal-Heliport tax-Xewkija u minn hemm jaqbdu waħda mis-sitt karozzi tal-linja elettriċi li toħodhom il-Port tal-Imġarr fejn minn hemm jistgħu jaqbdu l-vapur jew wieħed mill-fast ferries.

Bil-fatti nibqgħu ntejbu l-konnettività ta' gżiritna u nindirizzaw uħud mill-isfidi li nsibu f'dan il-port, ewlenin fostom in-nuqqas ta' spazju għall-parkeġġ.

## Delegazjoni mir-Renju Unit

L-Awtorità Reġjonali għall-Iżvilupp t'Għawdex laqgħet fostha delegazjoni ta' imprendituri mir-Renju Unit. Dawn l-imprendituri prospettivi ġew Malta fuq inizjattiva tal-fondazjoni tal-Gvern Gaming Malta. Din id-delegazjoni kienet magħmula minn 16-il imprenditur li jvarjaw mill-oqsma tal-iżvilupp tal-logħob diġitali, minn dik awdjoviżiva kif ukoll mill-industrija tal-arti kreattiva.

Id-delegazjoni ngħatat preżentazzjoni dettaljata dwar il-benefiċċji, l-iskemi u l-inizjattivi li nieda il-Gvern Laburista biex kumpanija tiftaħ in-negozju u tibda topera speċifikament minn Għawdex. Dawn in-niċeċ imorru pari-passu mal-viżjoni li l-Gvern għandu għal Għawdex. Viżjoni li taspira li f'Għawdex jinħolqu aktar impjiegi sostenibbli u karrieri ta' kwalità li jmorru lil hinn min dawk tradizzjonali.

Dan kollu jista' jseħħ għax il-Gvern immexxi minn Robert Abela għandu viżjoni għal Għawdex u jemmen fil-potenzjal ta' din il-gżira. Gvern Laburista li ma beżax jinvesti fl-infrastruttura f'Għawdex u fit-talenti tal-Għawdxin. Binja abbandunata ġiet trasformata f'kumpless state-of-the-art fejn żewwiġna l-wirt arkitettoniku tal-Perit Joseph Huntingford ma' dak modern li jirrifletti l-ambizzjonijiet tal-Gvern u bdilna dan is-sit fil-Gozo Innovation Hub. Investejna fil-konnettività diġitali fejn fix-xhur li għaddew tqiegħed it-tieni fibre optic cable u li llum qed jopera. Dan ifisser biss serħan il-moħħ għal kull min juża l-internet kemm mid-dar kif ukoll fuq il-post tax-xogħol. Iżda mhux biss smajna u qed inkomplu nagħtu widen għall-bżonnijiet tal-industrija u kien għalhekk li tejjibna il-konnettività bejn il-gżejjer bl-introduzjoni tar-raba' vapur u l-fast ferry.

Fejn tidħol konnettività, ħadd daqs il-Partit Laburista mhu kredibli u dan in-nies fil-kwiet ta' djarhom jagħrfuh. Issa rridu nagħmlu l-pass li jmiss u għalhekk waqt il-qari tal-estimi dwar Għawdex spjegajt fid-dettall dan il-pass x'se jkun u fiex se jwassalna. L-infrastruttura preżenti fil-heliport tax-Xewkija se tiġi imtejba biex napprofittaw minn dan is-sit u nerġgħu nintroduċu l-konnettività bl-ajru wkoll. Dan kollu ġie wkoll spjegat lil din id-delegazzjoni fejn għarfet li l-konnettività bejn Malta u Għawdex hi diġà tajba ħafna u naturalment tista' biss titjieb jekk tissaħħaħ bl-ajru.

Però qed naraw u rridu nħarsu lil hinn minn hekk u dan grazzi għall-interess li qed jikber mis-settur privat f'dan is-sit li ilu abbandunat għal bosta snin. Qed naspiraw u fuduċjużi li dawn il-faċilitajiet jattiraw lejn Għawdex skejjel tat-tagħlim tal-piloti kif ukoll dawk relatati mal-industrija tad-drones li hi industrija li kulma jmur qed tkompli tissaħħaħ.

Nemmnu li kif għamilna suċċess bl-introduzjoni tal-fast ferry, fejn il-Gvern investa fl-infrastruttura u illiberalizza s-suq, se nadottaw l-istess mudell biex is-servizz bl-ajru bejn il-gżejjer ikun storja ta' suċċess.


Deluxe
Christmas
Specialities
from Monday
15TH November
Deluxe
SALMON IN PUFF PASTRY
Deluxe
SALMON IN PUFF PASTRY
With Fine Spinach Cream,
Formed from Salmon Blocks
frozen
FARMED RESPONSIBLY asc CERTIFIED ASC-AQUA.ORG
Deluxe
Salmon in Puff Pastry
Choose from two delicious recipes
Made with free-range eggs
700g pack
8.99
1kg = € 12.84
Deluxe
CRÈME BRÛLÉE
fridge section
Deluxe
Crème Brûlée
Made with free-range eggs
2x 100g pack
1.49
1kg = € 7.45
Deluxe
TORTELLONI
250 g e
Deluxe
TORTELLONI
250 g e
fridge section
Deluxe
Tortelloni
With a mushroom or ricotta and spinach filling
Made with barn eggs
250g pack
1.19
1kg = € 4.76
Deluxe
Irish Cream Liqueur
17% Vol.
700ml bottle
5.99
1L = 8.56 €
Deluxe
SALTED CARAMEL
IRISH CREAM LIQUEUR
LIDL
www.lidl.com.mt

# "IRRIDU NARAW U NAGĦFSU AKTAR FUQ KEMM IBATU T-TFAL"

>> ikompli minn paġna 1

Ħaddieħor imur attivitajiet anke wara l-iskola, imma huma qishom bla ħeġġa. Staqsejthom jekk dan hux għax jistħu minn sħabhom imma ma qaluli xejn. Jgħidu-li m'għandhom aptit imorru imkien. Skola marru l-baħar. Din qed jinkwetani wisq".

Dan hu l-kumment ta' omm li tkellmet ma' IT-TORĊA dwar is-sitwazzjoni ta' wliedha, li jinsabu affettwati mill-vjolenza domestika li għaddejja f'darha. Fi kliemha stess, "irridu naraw u nagħfsu aktar fuq kemm ibatu t-tfal. Hi tbatija fis-skiet, u li nibża' li din taffettwahom għal quddiem."

IT-TORĊA tkellmet mal-Fondazzjoni għall-Ħarsien Soċjali (FSWS) dwar din ir-realtà moħbija. F'pajjiżna għandna xejn inqas minn 268 tfal li huma esposti għal vjolenza domestika u li qegħdin jingħataw xi forma ta' għajnuna minħabba dan.

L-FSWS qaltilna li dawn huma tfal li "jgħixu f'sitwazzjoni fejn m'għandhomx post kwiet u san fejn isejħu "d-dar". Il-bniedem jirrikjedi "d-dar" bħala l-bażi fejn imur jirrilassa u jipproċessa l-ħsibijiet tal-ġurnata. Dawn it-tfal m'għandhomx dik il-possibbiltà u allura nsibu li l-anzjetà f'dawn it-tfal tkun ogħla u eventwalment jitilfu l-abbiltà li jirregolaw lilhom infushom emottivament."

### Jiddevjaw l-attenzjoni mill-kaos u għajjat fid-dar bis-'self harm'

Quddiem il-fatt li l-omm tkellmet magħna dwar kif indunat li wliedha kien qed ikollhom marki pjuttst fondi ta' qtugħ fuq ġisimhom li wara rriżulta li kien 'self ham', jiġifieri huma stess qed iweġġgħu lilhom infushom.

L-FSWS dwar dan tiddikjara ma' IT-TORĊA li "s-self harm hija strateġija komuni, biss serja ħafna. Meta bniedem jagħmel ħsara lilu nniffsu, qed jipprova jiżvija l-attenzjoni tiegħu minn uġigħ ieħor li qed jiddisturbah ħafna aktar. Tajjeb li niddistingwu bejn self harm u attenat ta' suwiċidju. Suwiċidju hu meta l-bniedem jixtieq itemm ħajtu. F'self harm, l-intenzjoni ma tkunx dik. L-intenzjoni tkun li l-persuna jiddevja l-attenzjoni tiegħu mill-għajjat, kaos, uġigħ u vjolenza li teżisti fid-dar, għal qatgħa li qed jagħmel fuq idejh. Dik il-ferita hi "kontrollabbli" għall-minuri u b'hekk tagħti sensazzjoni li almenu "jien qiegħed f'xi forma ta' kontroll". Hija l-istess kundizzjoni f'metodi oħra ta' ħsara lejn il-persuna, bħal fil-kuntest ta' eating disorders, jew użu tad-droga. Ġieli jkun hemm minuri li jagħmlu dan anke bħala attentat li jwasslu messaġġ lin-nies hemm barra, mhux bi kliem, imma b'sinjali fuq ġisimhom li – meta interpretati sew – qed jgħidu "tini l-għajnuna".



### Ikun hemm bżonn xogħol riparattiv... għajnuna biex jipproċessa l-ħsibijiet li ġew iġġenerati mill-moħħ biex jgħix mal-aggressur

L-FSWS titkellem dwar servizzi li jeżistu tgħidilna li "minuri li jesperjenzaw din it-tip ta' diffikulta jafu jirċievu diversi għajnuniet li jkunu speċifiċi għaċ-ċirkustanzi diversi. Din il-firxa ta' għajnuniet tipprova tkopri l-isfidi kollha li dawn it-tfal jesperjenzaw. F'din l-esperjenza ta' vjolenza domestika, hemm riskji differenti. Hemm il-bżonn ta' protezzjoni mill-vjolenza. Bżonn ta' xogħol reparattiv u terapewtiku biex jkunu proċessati l-emozzjonijiet intensi li ġġib magħha din l-esperjenza. Bżonn ta' protezzjoni fil-futur mill-aggressur. Bżonn li l-vittma jirċievi l-għajnuna biex jipproċessa l-ħsibijiet li ġew iġġenerati mill-moħħ awtomatikament biex dak li jkun ikun setgħa jgħix f'dik l-esperjenza (eż dissociation, jew isir bħal aggressur)."

L-FSWS qalet li "dawn l-għajnuniet huma kollha eżistenti. Il-Fondazzjoni tħaddan taħtha lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li hu servizz investigattiv li jerfa' r-responsabbiltà li jinvestiga kull sitwazzjoni fejn minuri qed ikun mgarraf fiżikament u emozzjonalment. Dan is-servizz jieħu l-inkargu mogħti lilu bil-liġi biex jassigura li l-minuri hu rimoss mill-ambjent abbużiv u jitqiegħed ma' kuraturi, kemm fil-familja tiegħu jew anke ma' kuraturi oħra, li huma idoneji, sereni u pożittivi. Hemm ukoll id-Direttorat għall-Kura Alternattiva li, tramite s-Servizz għall-Aċċess b'Superviżjoni jagħtu għajnuna lil dawn it-tfal, li minħabba Ordnijiet tal-Qorti jintefgħu f'sitwazzjoni li jkunu jridu jibqgħu ikollhom aċċess mal-aggressur. B'hekk it-tfal ikunu jistgħu jattendu dan l-aċċess mingħajr ma jkunu f'riskju li l-aggressur jerġa' jweġġagħhom bl-azzjoni jew bil-kliem. Minbarra hekk, il-Fondazzjoni tħaddem is-Servizz ta' Vjolenza Domestika li jaħdmu mal-vittmi kollha, u s-soluzzjonijiet li huma offruti għal vittmi ma jieqfux mal-vittmi nisa biss. Dan is-Servizz jaħdem bis-sħiħ biex joffri soluzzjonijiet reali lil dawk il-vittmi ta' vjolenza domestika u jistinkaw biex tfal li qed ibgħatu ikunu jistgħu jiċċaqilqu malajr kemm jista' jkun 'il barra mill-kuntest tossiku ta' vjolenza."

Tisħaq li "meta il-protezzjoni tal-minuri tkun assigurata, il-proċess jgħaddi għal xogħol reparattiv u terapewtiku. Il-Fondazzjoni għandha l-unur li taħdem fil-qrib ma' diversi entitajiet non-governattivi li jagħmlu xogħol tajjeb ħafna ma' dawn il-vittmi. F'dawn il-mumenti, il-Fondazzjoni tkun ta' spalla għal dawn is-servizzi u tipprova tgħin billi tistrada l-professjonisti fuq it-temi prinċipali li l-minuri jkollu bżonn jaħdem fuqhom. Minbarra hekk, il-Fondazzjoni għandha s-servizzi ta' psikoterapija u psikologi, li għandhom il-missjoni li joffru terapija lil dawn il-vittmi u jgħinuhom jerġgħu jiksbu menti sani u li eventwalment jirnexxielhom jiżviluppaw fehma ġusta ta' xi ġaralhom id-dar."


**SIGURTÀ FIT-TRIQ**

Kompetizzjoni bi Premju

mal-**PERIT AUDREY**





**Prosit Ġuż! Nieħdu ħsieb xulxin.**

**L-anzjani huma aktar F _ _ Ġ _ _ u għalhekk potenzjalment iweġġgħu aktar gravi f'inċident.**

Ibgħat it-tweġiba, ismek, kunjomok, numru tat-telefon u l-indirizz tiegħek hawnhekk:

**Kompetizzjoni SIGURTÀ FIT-TRIQ**

it-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-ġimgħa l-oħra huwa: Spiru Mizzi mill-Belt Valletta.

Tista' tiġbor il-premju mir-*reception* tal-General Workers' Union, il-Belt.

# IL-QANNEB (CBD) ALLEAT TAL-BNIEDEM

KARISTU ABELA



Kull min jagħmel użu miż-żejt CBD żgur li ma jistax jinsa l-perjodu mdallam li għaddejna minnu. Dan kellna nsofruh inġustament allavolja l-Unjoni Ewropea ddikjaratu Ikel wara li l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeliberat li l-Kannabinojdi bħala sustanza, m'humiex dopanti jew droga. Ġaladarba m'humiex dopanti xi ħaġa oħra jridu jkunu! Infatti, f'dan ix-xenarju, il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat il-Kannabidjol bħala ikel kważi sena ilu. Dan ifisser li ilna sena niġu ppersegwitati u ngħixu f'infern.

Fid-dawl ta' dan, mistoqsija jkollok tagħmilha mingħajr ma trid: għaliex xi ħadd biex iżomm il-punt tiegħu kien lest li jħalli eluf ta' nies jgħixu b'taqtiegħ ta' qalb u tbatija kemm fiżika kif ukoll morali għalxejn? Aktar u aktar meta kien jaf li ma kellux raġun!

Kull meta tikkonfronta lil xi ħadd minn dawn l-għorrief, l-iskuża dejjem tkun 'għax il-liġi Maltija tgħid hekk'. Jidher li dawn l-hena tagħhom jilagħbuha ta' nies li għandhom memorja xi ftit qasira u fl-istess waqt jippruvaw jilagħbu bl-intelliġenza tan-nies għax fir-realtà kienu jafu li meta tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea torbot lil kull pajjiż membru tal-istess Unjoni.

F'din il-perspettiva, fil-pubblikazzjoni tal-Unjoni Ewropea "Apply EU Law" insibu: "Regulations and decisions become automatically binding throughout the EU on the date they take effect."

Aktar ma taħseb aktar tibda tikkonvinċi lilek innifsek li xi ħadd kellu aġenda moħbija.

Fid-dawl ta' dan huwa faċli li wieħed jifhem l-importanza u għalfejn il-Kannabinojdi huma imprezzabbli f'ħajjitna, mhux biss għax huma t'għajnuna biex nikkumbattu ġurnata wara l-oħra kontra t-tbatijiet li l-kundizzjonijiet fiżiċi jġibu magħhom, iżda ukoll għax jagħtuna l-possibbiltà li nerġgħu nieħdu r-riedni ta' ħajjitna lura mingħajr ma jkollna għalfejn niddependu fuq ħafna valeni sintetiċi li bihom ma nsolvu xejn, anzi nafu x'jagħmlu – inawrulek naħa oħra u b'hekk tibqa' ddur ġo ċirku vizzjuż.

Apparti dan, ma ninsewx li din il-pjanta għandha l-kapaċità li meta nikkunsmaw dawk il-ftit kannabinojdi kuljum, issaħħaħ is-sistema immunitarja tagħna, tant li skont riċerka ppubblikata minn numru ta' Universitajiet, instab li min jikkonsma l-kannabidjoli, fost l-oħrajn, isaħħaħ ir-reżistenza anke għall-virus tal-Covid-19. F'dan il-kuntest nistgħu ngħidu mingħajr tlaqlieq żejjed li fil-Kannabinojdi sibna dak l-alleat li bil-għajnuna tiegħu b'mod sinerġiku, noħolqu difiża sabiex meta ġisimna jibda jiddeterjora bil-mod il-mod u jkun aktar suxxettibbli għall-problemi fiżiċi, ikun kapaċi jissielet lill-istess problemi.

Meta nħares lejn dan kollu u bħalma nafu jien nemmen li jafuh oħrajn ma nistax ma nistaqsix: għajfejn hawn min ma jridniex nagħmlu użu minn dan l-ikel?

X'hemm ħażin li wieħed jgħin lil ġismu jirreżisti għall-mard? X'hemm ħażin li wieħed jagħmel użu minn rimedji naturali sabiex isolvi diversi problemi relatati mas-sistema endokrinali kif ukoll dik immunitarja ta' ġisimna?

Dawn huma mistoqsijiet li għandu jwieġeb min għamel minn kollox biex ma jħallix dan iż-żejt jiġi impurtat Malta liberament.

Il-mistoqsijiet qatt ma jonqsu meta tara sitwazzjoni illoġika bħal din, aktar u aktar meta nafu li dan huwa prodott mimli benefiċċji għal kull min jagħmel użu minnu. Infatti, nafu li hemm kwantità kbira ta' kundizzjonijiet li l-effetti kollaterali tagħhom b'dan iż-żejt jistgħu jiġu newtralizzati u b'hekk tkun tista' tibqa' tgħix ħajja normali.

Wara xhur sħaħ ta' tbatija fl-aħħar nistgħu ngħidu li s-sens komun beda jerfa' rasu u nhar it-Tlieta li ġej mistenni li tibda d-diskussjoni fuq l-"Att sabiex iwaqqaf l-Awtorità dwar l-Użu Responsabbli tal-Kannabis u jemenda diversi liġijiet fir-rigward ta' ċertu attivitajiet relatati mal-Kannabis" u grazzi għal dan l-Att ser inkunu nistgħu nerġgħu nibdew nixtru b'mod liberu dan iż-żejt. Dan ikkonfermah kemm-il darba il-Ministru Owen Bonnici nnifsu anke waqt il-preżentazzjoni tal-istess abbozz.

Din il-liġi ser tiggarantixxi li persuna tkun tista' tixtri mingħand min tixtieq iż-żejt CBD b'anqas minn 0.2% ta' THC mingħajr ebda burokrazija żejda jew aħjar bl-istess mod li nixtru kull ikel ieħor mis-swieq internazzjonali.

Tgħiduli: THC x'jaħbat! – huwa t-tqassir ta' Tetrahydrocannabinol, li huwa wieħed mill-113-il Kannabinojd li nsibu fil-pjanti tal-qanneb u l-kannabis.

Dan tista' tiddiskrivih bħala kompost kristallin li huwa l-ingredjent psikoattiv ewlieni tal-kannabis jew kif nafuha bil-Malti, il-pjanta tal-ħaxixa, fejn il-livell ta' dan il-kompost ikun ħafna aktar għoli miz-0.2% li nsibuh fil-pjanta tal-qanneb.

Infatti, ir-raġuni ewlenija li l-qanneb ġie ddikjarat bħala ikel għall-użu tal-bniedem mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea huwa dak li għadni kif tkellimt dwaru, għaliex dan l-ammont ta' kompost kristallin psikoattiv m'huwiex biżżejjed biex iħalli xi effett psikiku fuq il-ġisem u l-moħħ tal-bniedem, biss minn naħa l-oħra nafu ukoll li din it-traċċa ta' THC tgħin lill-bniedem biex jassorbi aħjar il-kompost l-ieħor li huwa l-Kannabinojd. Interessanti li wieħed jinnota li dan il-kompost li ġisimna jipproduċih ukoll, nistgħu niddiskrivuh bħala 'super food' għax tant il-bniedem jibbenefika minnu li grazzi għalih inkunu sibna forċina li tgħin fil-ġarr tas-slaleb li jkollna niffaċċjaw f'ħajjitna.

Mingħajr ma rrid ikolli nirrifletti u nafferma li min ried juri kemm hu b'saħħtu mal-batut, għandu għalfejn jistħi x'ħin iħares lejn il-mera meta dan kollu kien jafu. Fl-aħħar nista' ngħid li ser issir ġustizzja magħna u ma nistax ma napprezzax il-forċina li ġejna offruti biex tgħinna nerfgħu s-salib li l-ħajja offritilna.

# IRBAĦ €50 VAWĊER



## Soluzzjoni tal-Ħadd li għadda

**MIMDUDIN:** 1. Korsija; 5. Eretku; 8. Permess; 14. Ħabba; 15. Tektek; 17. u 19. Kostitwenza; 20. Kejk; 21. Radd; 23. Klubi; 25. u 28. Arretrati; 29., 30. u 31. Azzjonisti; 33. Supretendent; 39. Obwe; 41. Ara; 42. Aħħ; 43. Ħdar; 45. u 46. Mintoffjan; 47. Unur; 50. Sajf; 53. Fra; 54. Att; 56. Ġidra; 58. Kanape; 60. Qabbel; 62. Ibnek; 64. Dante; 67. Tewmin; 69. Kuluri; 70. Qaras; 72. Mit; 73. Jew; 75. Wens; 77. Karġ; 79.Taraw; 80. Testa; 82. Nsib; 84. Art; 85. u 86. Wieqfa: Raġonevoli; 87. Att; 88. Ippersegwita; 93. Sħun; 94. u 95. Abbati; 96. Tama; 98. u 100. Frattarija; 101. Serv; 105. Ovat; 108. Astro; 109. Saptan; 110. Użarpa; 111. Errol; 112. Kantina; 113. Ħjatat; 114. Misteru.

**WEQFIN**: 2. u 3. Ombudsman; 4. Jott; 6. Rikki; 7. Kukka; 9. Enti; 10. Mewġ; 11. Santa; 12. Tħarbit; 13. Fariżej; 16. Kallu; 18. Tnejn; 22. Azzar; 24. u 26. Berred; 27. Moħħu; 32. Taħwid; 33. Sam; 34. u 35. Pentekoste; 36. Neffaq; 37. Ejja; 38. u 40. Tanborlin; 44. Alfa; 48. Noti; 49. Bakketta; 51. Kaloriji; 52. Aġenda; 55. Skerzi; 57. Rajt; 59. Adam; 61. Bdil; 63. Bena; 65. Nikket; 66. Emir; 68. Nawwar; 69. Kastig; 70. Qwas; 71. Rebbaħ; 74. u 76. Proposti; 78. u 79. Gambetti; 81. u 82. Aranġata; 83. Bastjan; 86. (Ara 85. Mimdudin); 89. u 90. Parapett; 91. War; 92. Tajer; 97. Mitra; 99. u 100. Tondjatura; 102. Errur; 103. u 104. Montesin; 106. u 107. Kabinett.

### MIMDUDIN

1. Tfantas jew tgerrex (7)
5. X'aktarx li fuqha npoġġu dak li ma tantx nużaw (6)
8. Bezzun tal-ħelu bil-krema u ċ-ċikkulata (7)
14. Fittex eħles minnu, minn ġismek (5)
15. Meta tlabtu l-flus, ... xufftejh (6)
17. Sikket jew ikkwieta, per eżempju lsienu (6)
19. Ħruxija li ma bħalha (5)
20. Aktar minn xatt wieħed (4)
21. Mid-.... Għad-dawl! (4)
23. Ħammar wiċċu, jew waqagħlu wiċċu l-art (5)
25. u 28. Mimdudin: Illivellati u mwittijin (9)
29. u 30. Mimdudin: Taħlita tas-siment maż-żrar (6)
31. Ma nieqfu qatt milli neħduh (4)
33. Dar x'aktarx ħdejn il-baħar għas-sajf (12)
39. Aktar minn sbula waħda (4)
41. u 42. Mimdudin: Wieħed mill-pronomi (6)
43. Ma xtaqtx inkun .... f'ġismu (4)
45. Kulħadd jirfes fuqu (5)
46. Aktar minn banda waħda, iżda mhumiex dawk li jdoqqu (5)
47. Isem sabiħ ta' mara jew fjura (4)
50. Għandu flus bir-.... (4)
53. Jagħtina tliet stazzjonijiet b'xejn (3)
54. Fra fl-istrajk! (3)
56. Żmienu għamlu (5)
58. Allura għadda l-flus minn taħt bix-xaħam? (6)
60. Sieq u sieq (6)
62. Il-kwartieri tal-Arċisqof (5)
64. Ra xi ħaġa b'melħa mdewba! (5)
67. Ħaxxen b'aktar laħam (6)
69. L-editur kultant jiddobba xi wieħed (6)
70. Xogħolha fil-qiegħ (5)
72. u 73. Mimdudin: Kulħadd jagħtih bis-sieq (6)
75. ... bum il-bieb (4)
77. Sulfat tal-ġir, kultant verġni (4)
79. ... tard inkella qatt (5)
80. L-insetti li jagħmlu l-għanqbut (5)
82. Ħu l-missier jew l-omm (4)
84. u 85. Mimdudin: Attakki tal-qalb (6)
87. Dejjem barra; ... ssibu d-dar (4)
88. Għajb għalik jekk tieħdu fil-Qorti (8, 4)
93. Tony, tal-GWU Pensjonanti (4)
94. u 95. Mimdudin: Dan ir-raġel tal-mudella (6)
96. ... daqs il-frawli (4)
98. Il-Bibbja ta' Mawmettu (5)
100. u 101. Mimdudin: Naturalment, stanga żgħira (9)
105. Telagħlu deni ... (4)
108. Missier il-missier jew l-omm (5)
109. Dan jagħti ħafna fl-isfar (5)
110. u 111. Mimdudin: La jafu jiktbu u lanqas jaqraw (11)
112. Ftehim importanti bejn il-pajjiżi (7)
113. Ir-riħ li jiġi minn bejn it-Tramuntana u l-Lvant (6)
114. Suppost għandu vot wieħed biss (7)

### WEQFIN

2. Mħabba lejn xi ħaġa (5)
3. u 4. Weqfin: Materjal irqiq li bih jiksu l-għamara (8)
6. u 7. Weqfin: Sejf b'serratura speċjali (10)
9. Aktar minn randa waħda (4)
10. Tesprimiha meta titqażżeż (4)
11. Iddawwarha ma' għonqok (5)
12. Illum għandu l-istipendju (7)
13. Fil-kotba nsibu ħafna minnhom (7)
16. L-istess bħall-mitni (5)
18. Kien pulizija tal-imgħoddi (5)
22. Tajba ħafna din tal-armla (5)
24. u 26. Weqfin: .... Il-ħalib mal-bajd (6)
27. Ħal ..., fejn hemm ħafna furnara (5)
32. Dan il-benjamin tal-familja? (6)
33. Issibu għand 114. Mimdudin (3)
34. In-nagħaġ ġwejda f'ħalq il-.... (4)
35. Fanatiku wisq (6)
36. Dan fil-fond il-fond (6)
37. u 38. Weqfin: Maltempati ta' qilla li twerwer (7)
40. Qal x'se jseħħ minn qabel (6)
44. Sod immensament (4)
48. Jidher fih ċertu lussu għand ir-rikkieb (4)
49. Min jagħmel ...., jagħmel qartalla (8)
51. Lewn iċ-ċikkulata (8)
52. Ġej mill-gżira ta' fuqna (6)
55. Il-veru ħamallu u ċerċur (6)
57. .... lil min huwa bil-ġuħ (4)
59. Frott b'qoxra bellusija (4)
61. Tieqaf hi, tieqaf il-ħajja (4)
63. Jagħtina l-piż (4)
65. Grad ogħla minn surġent, per eżempju (6)
66. Muniti li ilhom li spiċċaw (4)
68. Milwi jew imgerbeb, jew mibni tajjeb (6)
69. Jintuża l-aktar fil-mili tal-fliexken (6)
70. Wara l-bieb, l-... porta (4)
71. Din tar-re jew tar-rużarju (6)
74. Aktar minn tajra waħda fil-gallinar (4)
76. Omm il-.... qatt ma tagħli (4)
78. u 79. Weqfin: Ħsara intenzjonata (8)
81. u 82. Weqfin: Din tinħadem biċ-ċombini (8)
83. Dan injam sabiħ ħafna (7)
86. Tfal akkolti fuq l-altar (7)
89. Jaħdem nhar ta' Ħadd .... (5)
90. u 91. Weqfin: Eks Mexxej tal-Palestinjani (6)
92. Minnha tara kbir (5)
97. Caruso kien l-akbar wieħed (5)
99. Dendel il-ħwejjeġ biex jinxfu (5)
100. Terfa' fiha abbord (5)
102. Tnejn bħalu jżommu saqaf (5)
103. u 104. Weqfin: Eva ħaditha minn Adam (8)
106. u 107. Weqfin: Sejf żgħir imma qerriedi (8)

Ir-rebbieħ ta' €50 vawċer tat-tisliba ta' nhar il-Ħadd li għadda huwa:
**JOSIANNE GATT mill-Mosta**

Ibagħtu t-tisliba mimlija flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: "Tisliba tal-Ħadd", It-TORĊA, Workers' Memorial Building, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta. L-ewwel tisliba tajba li tinfetaħ tirbaħ vawċer ta' €50.

ISEM ..............................................................

INDIRIZZ ..............................................................

..............................................................

..............................................................

# L-EWROPA U L-MIGRAZZJONI



ALEX AGIUS SALIBA
MEP LABURISTA

Minkejja l-isforzi kollha li saru matul is-snin, b'mod partikolari x-xogħol li sar fuq livell Ewropew wara l-kriżi tal-2015, il-migrazzjoni irregolari għadha sfida persistenti għall-Ewropa, u sfida li għadha inkwetanti għal ħafna Stati Membri li għadhom isibu diffikultajiet fil-fruntieri tagħhom, inkluż pajjiżna. Li jibqa' żgur huwa li din hija sfida ta' kontinent u mhux ta' pajjiżi individwali, sfida li l-UE hija mistennija li taġixxi fuqha bla tkaxkir tas-saqajn. Rajna ħafna diskussjonijiet jibdew u jisfaxxaw, proposti leġiżlattivi varji, u inċidenti sena wara l-oħra.

Ir-rotot tal-Mediterran, b'mod speċjali r-rotta tal-Mediterran ċentrali, jibqgħu l-aktar intensivi. Mill-2014 sa issa, huwa stmat li għerqu jew għebu aktar minn 20,000 persuna fil-Mediterran. Matul din is-sena erġajna rajna żieda sostanzjali ta' wasliet irregolari fl-UE meta mqabbel mas-sena li għaddiet u l-pressjoni li qegħdin nesperjenzaw fil-fruntieri esterni hija reali.

Kif kien mistenni, din ir-realta' qiegħda tkompli tintensifika bil-kriżi fl-Afganistan li ġabet magħha mewġa oħra ta' migranti fuq il-pajjiżi tal-Lvant. Rajna b'mod straordinarju l-azzjonijiet allarmanti u kompletament inaċċettabbli mill-Belarussja li għal ġimgħat sħaħ issa poġġew piż kbir fuq il-fruntieri esterni tagħna speċjalment fil-Litwanja u l-Polonja, f'dak li qed jiġi meqjus bħala attakk ibridu perikoluż bl-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni. Aktar minn hekk rajna wkoll il-pressjoni tkompli tikber fuq Stati Membri oħra bħal Ċipru li din il-ġimgħa stess iddikjarat li ser tressaq talba lill-Kummissjoni Ewropea biex tittieħed azzjoni u tingħata d-dritt li tissospendi l-applikazzjonijiet għall-ażil minn persuni li jidħlu fil-pajjiż illegalment. Il-pressjoni qed tikber ukoll fil-Greċja li qed tesperjenza pressjoni mit-Turkija li allegatament qiegħda tħalli dgħajjes b'migranti rregolari jitilqu minn xtutha u allura mhux qed tonora l-arranġament li għandha mal-Unjoni Ewropea biex twaqqaf il-migrazzjoni rregolari.

Naturalment, dan il-fenomenu tal-migrazzjoni mistenni li jibqa' jikber bil-faqar, it-tibdil fil-klima, il-kunflitti u l-instabbiltà, u anke minħabba li l-popolazzjonijiet qegħdin ikomplu jikbru. Għaldaqstant, iktar mhu se ndumu biex ikollna sistema ta' ażil b'saħħitha u reżiljenti, aktar ser ikun hemm vittmi li ser jibqgħu jbagħtu.

Jeħtieġ li nħarsu lejn din l-isfida b'moħħ aktar miftuħ u bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet effettivi u sostenibbli għaliex huwa ċar li s-sistema attwali mhijiex adattata biex tlaħħaq mal-isfidi tal-lum u tal-futur. Irridu nassiguraw li nnaqsu l-inċentivi biex dawn in-nies ma jkomplux jimbarkaw fuq vjaġġi perikolużi li qed jiswewlhom ħajjithom, u allura rridu nkomplu nattakkaw il-mudelli kriminali li jħaddmu t-traffikanti ċiniċi tal-bnedmin li jieħdu vantaġġ mill-isfortuna ta' migranti irregolari u refuġjati.

Aktar minn hekk irridu naħdmu aktar fuq ir-ritorn ta' migranti li ma jistħoqilhomx l-ażil. Jirriżulta li aktar minn nofs id-deċiżjonijiet rigward l-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE matul l-aħħar sitt snin kienu rifjutat, però sussegwentement qed niffaċċjaw sfidi kbar biex nirritornawhom minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-oriġini. Naturalment, dan qed joħloq aktar sfidi għas-sitwazzjoni tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, u kif ukoll fuq is-sigurtà, li fl-aħħar mill-aħħar iddgħajjef il-fiduċja pubblika fis-sistema internazzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati.

F'dan l-istadju, is-sitwazzjoni migratorja fl-UE tibqa' waħda prekarja, u sfortunatament qabel nibdew inħarsu lejn soluzzjonijiet aktar innovattivi se nibqgħu naffaċċjaw l-istess problemi bħala UE. Aktar minn hekk, żgur li internament għandna bżonn żblokk mill-aktar fis sabiex insibu qbil aċċettabbli biex jinqasam il-piż u ma nħallux Stati Membri jiffaċċjaw dawn l-isfidi waħedhom. Is-saħħa tal-fruntieri esterni tagħna tiddependi mis-sapport li nagħtu lil xulxin, u aktar minn hekk mir-riżorsi tant meħtieġa li mhux dejjem jaslu fil-ħin u mhux dejjem jirrispondu għad-domanda. Wieħed jittama li l-isforzi dipplomatiċi kbar li qed isiru fuq livell Ewropew iwassluna għal għada aħjar, b'migrazzjoni aktar ikkontrollata, u fl-aħħar mill-aħħar b'anqas imwiet u b'futur aħjar għal migranti.

## 51 każ ġdid ta' Covid-19



Mill-aħħar aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-Covid-19 f'pajjiżna rriżulta li feġġew 51 każ ġdid.

Fl-aħħar 24 siegħa ma ġiet irreġistrata l-ebda mewt kawża tal-virus u għalhekk in-numru tal-vittmi baqa 462.

Tħabbar ukoll li fiequ 15-il persuna oħra u n-numru ta' każijiet attivi fil-komunità issa hu ta' 552.

Minn 15-il każ ta' Covid-19 li hemm fl-Isptar Mater Dei bħalissa hemm tliet persuni li qed jingħataw kura fl-ITU. Sa nhar il-Ġimgħa kienu ngħataw 71,828 booster doses tal-vaċċin.

RINGRAZZJAMENT – TALBA
J'Alla l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù tiġi adurata, glorifikata,meqjuma, u mfaħħra mad-dinja kollha għal dejjem ta' dejjem. Amen.
*J.G. Ħal Qormi*

**>>TISWIJIET**

**TISWIJIET FIL-PRONT FUQ IL-POST**
ta' washing machines u fridges, freezers, tumbledryers u dehumidifiers. 6 xhur garanzija fuq ix-xogħol u l-ispare parts, bl-irħas prezzijiet. Ċemplu 21493285, 21371559, 79884497, 99472570. SERVIZZ FIL-PRONT.






# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-BUDGET 2022






RAY ABELA
Kandidat Laburista fuq l-Ewwel (1) u t-Tielet (3) distrett

Iż-żgħażagħ huma wieħed mill-aktar elementi importanti fis-soċjetà tagħna u għax kif qal tajjeb riċentament il-Prim Ministru, Robert Abela, "iż-żgħażagħ ma humiex il-mexxejja ta' għada iżda l-mexxejja tal-preżent." Tassew, iż-żgħażagħ għandhom l-enerġija, id-determinazzjoni u l-ideat li jistgħu jmexxu dan il-pajjiż 'il quddiem. Għaldaqstant huwa kruċjali li nagħtu liż-żgħażagħ spazju ewlieni biex ikunu kontributuri ewlenin fit-tfassil tal-futur ta' pajjiżna.

Qatt daqs illum ma jinħass il-bżonn li ninvestu fiż-żgħażagħ. Dan fil-kuntest ta' gvern li qed iħares lil hinn mill-pandemija Covid-19. Dan fil-kuntest tal-viżjoni ekonomika tal-Gvern għall-għaxar snin li ġejjin. Dan ukoll fil-kuntest tal-Budget li l-Gvern fassal għas-sena d-dieħla. Budget 2022 li tassew ipoġġi liż-żgħażagħ fil-qalba tal-ambizzjonijiet, l-aspirazzjonijiet u l-viżjoni ta' dan il-Gvern.

Kif stqarr tajjeb riċentament il-Ministru għall-Finanzi Clyde Caruana, il-premessa li jitlaq biha dan il-baġit hija li l-pajjiż ma jistax jikkuntenta ruħu biss li jkollu rata baxxa ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni."iż-żgħażagħ jilħqu jaħdmu. Jilħqu jixbgħu. Iż-żgħażagħ għandhom jibqgħu l-iskola". Ma nistgħu qatt naċċettaw realtà fejn tfal li jagħmlu 13-il sena fl-edukazzjoni obbligatorja joħorġu mis-sistema mingħajr il-ħiliet neċessarji fid-dinja moderna. Din hija premessa li ilni nisħaq fuqha tul dawn l-aħħar snin fir-rwol tiegħi ta' ġenitur, bħala imprenditur fis-settur edukattiv kif ukoll illum bħala politiku. Dejjem emmint li l-gvern għandu r-responsabbiltà li jagħmel l-vjaġġ edukattiv ta' kull student waħda unika biex jistgħu jikbru, jimirħu u jfasslu l-Malta ta' għada. Is-sistema edukattiva għandha tkun ukoll opportunità għalina biex ingawdu mill-ideat, l-innovazzjoni, il-kreattività u l-enerġija li għandhom iż-żgħażagħ.

Dawn l-ideat qsamtom ma' sħabi fir-rwol attiv li kellhi fit-tfassil tal-100 Idea tal-Partit Laburista. Kien għalhekk ukoll li tul dawn l-aħħar xhur ikkontribwixxejt għal soċjetà aħjar permezz tal-inizjattivi bħal Robotika u eME.

Il-Budget 2022 iħares l-iżvilupp taż-żgħażagħ b'mod konkret permezz ta' inizjattivi u miżuri mmirati fosthom li se jiżdiedu l-istipendji tal-istudenti kollha b'10%. Stipendju se jingħata wkoll lill-istudenti anke jekk jaħdmu sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa. Minbarra hekk, kull student li hu eleġibbli għall-istipendju se jkun qed jibqa' jingħatalu anki jekk l-istudent jaħdem sa massimu ta' 25 siegħa fil-ġimgħa.

L-investiment fiż-żgħażagħ mħabbar fil-Budget 2022 mhuwiex wieħed finanzjarju biss imma jara li kull żgħażugħ ikollu l-għodda neċessarji biex jiżviluppa l-abbiltajiet tiegħu. Tassew, il-Baġit 2022 jinkludi aktar investiment fl-Apprentistat. Se jsir investiment biex jiżdied innumru ta' studenti li jsibu placements ta' apprentistat mas-settur privat. Se jsir ukoll investiment biex dawn l-istudenti ikunu aktar attrezzati b'laboratorji u faċilitajiet fejn ikunu jistgħu jitħarrġu fit-teknoloġija u ħiliet li s-setturi ekonomiċi ikunu jinħtieġu.

Biex ngħinu aktar liż-żgħażagħ, l-eżamijiet tas-SEC se jibdew isiru fl-istess skejjel fejn kienu jattendu l-istudenti.

Wara l-proġett pilota ta' din is-sena, għas-sena skolastika li jmiss, se jkun hemm aktar skejjel fejn l-istudenti se jkunu qed jagħmlu l-eżamijiet tas-SEC fl-istess skejjel li kienu jattendu skola u b'hekk jonqos ftit l-istress peress li l-istudenti jkunu qed jagħmlu l-eżamijiet f'ambjent li huma jafu. Dan se jsir b'investiment ta' €1 miljun u se tgħin ħafna lil numru ta' tfal b'ċertu kundizzjonijiet għax jagħmlu l-eżamijiet tagħhom f'ambjent li draw fih.

Fejn jidħol it-tagħlim tax-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika, dan il-Gvern se jkompli jtejjeb il-faċilitajiet biex jingħata l-ogħla livell ta' tagħlim. Biex jilħaq din il-mira, il-Gvern se jibda programm ta' modernizzar u investiment ta' apparat modern f'180 laboratorji tax-xjenza li jinsabu fl-iskejjel tagħna.

Minbarra hekk, il-Gvern se jkompli jtejjeb l-infrastruttura tan-netwerk diġitali fl-iskejjel tal-istat.

Iż-żgħażagħ mhumiex biss edukazzjoni u xogħol imma anke sport, settur li fih il-gvern ser ikun qed investi fix-xhur li ġejjin b'mod massiċċ. Iż-żgħażagħ huma wkoll kultura, fejn il-Gvern ħabbar li se jkun qed jintroduċi inizjattivi u miżuri mmirati biex isaħħu dan is-settur. Iż-żgħażagħ huma wkoll ambjent settur li fin il-Gvern qed jara li fix-xhur li ġejjin ikompli jinvesti biex verament jagħmel differenza f'ħajjet iż-żgħażagħ.

Dan huwa l-Gvern Laburista. Gvern li jemmen fiż-żgħażagħ billi jaġixxi. Dan hu Gverrn li qed jaġixxi biex iħares il-Malta tal-lum u ta' għada. Dan huwa l-Partit Laburista. Il-Partit li dejjem poġġa ż-żgħażagħ fiċ-ċentru tal-politika tiegħu. Dan huwa l-partit li miegħu qed nimxi l-vjaġġ politiku tiegħi. Il-Partit li miegħu nista' nilħaq il-ħolma tiegħi ta' Malta fein iż-żagħżagħ tassew jilħqu l-potenzjal tagħhom.

Il-Partit Laburista, l-unika alternativa fl-elezzjoni li jmiss.

Il-Ħadd it-tajjeb

> "Dejjem emmint li l-gvern għandu r-responsabbiltà li jagħmel l-vjaġġ edukattiv ta' kull student waħda unika biex jistgħu jikbru, jimirħu u jfasslu l-Malta ta' għada."

# BABY BOX BI PRODOTTI SOSTENIBBLI GĦAL KULL WILD LI JITWIELED




Baby box bi prodotti sostenibbli se titqassam mar-reġistrazzjoni ta' kull wild minn nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru 'l quddiem.

Il-baby box tinkludi 10 prodotti li jintużaw għat-trabi bħal gverta magħmula mill-bamboo, reusable nappy u tote-bag magħmul minn fliexken tal-plastik riċiklati, feeding bib, teether, kalzetti u mittens.

It-tema magħżula hija 'You Hold Their Future' għax biex titrawwem stil ta' ħajja sostenibbli, is-sostenibilità trid tkun parti mill-ħajja ta' kull individwu sa milt-twelid.

Permezz tad-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli, dan il-proġett pilota fuq medda ta' 3 xhur se jkun qed jiġi evantwalment estiż kif mħabbar fid-diskors tal-Budget għas-sena 2022.

Dan tħabbar mill-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli Miriam Dalli, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet Alex Muscat waqt it-tnedija tal-Baby Box ġewwa ċ-childcare Lil Vill *(ritratt)*.

"Permezz ta' din il-baby box nixtiequ nrawmu kultura ta' ħajja sostenibbli fid-djar tagħna. Nafu wkoll li mhux kulħadd għandu aċċess għal dawn il-prodotti jew l-għarfien dwarhom. Għalhekk qed nagħmlu l-ewwel pass aħna biex ngħinu nkattru l-għarfien u nintroduċu liċ-ċittadini tagħna, fil-mumenti differenti tal-ħajja tagħhom, għal kif ħajja sostenibbli hija tassew possibbli. Permezz ta' inizjattivi u miżuri differenti qed nilħqu lill-familji, lill-istudenti u ż-żgħażagħ u l-intrapriżi," qalet il-Ministru Miriam Dalli.

"Għalhekk l-appell tiegħi huwa wieħed, iridu naħdmu lkoll flimkien id' f'id sabiex nersqu lejn żvilupp sostenibbli ekonomiku, soċjali u ambjentali," kkonkludiet il-Ministru Miriam Dalli.

Is-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet Alex Muscat qal li s-sehem loġistiku ta' Identity Malta fit-tqassim ta' dawn il-kaxxi huwa eżempju ieħor ta' kif din l-aġenzija qed tiffaċilitá ħajjet in-nies. Fakkar li t-tqassim se jsir minn Identity Malta għax din l-aġenzija għandha uffiċċju f'Mater Dei, fejn wieħed jista' jirreġistra t-tarbija mill-isptar stess, mingħajr ma jirrikorri bnadi oħra.

"Din l-attitudni ta' effiċjenza issa qed tkompli tissaħħaħ bil-kunċett ta' baby box, biex il-klijenti tagħna jkunu nqdew fil-pront u fl-istess ħin ikunu introdotti għal stil ta' ħajja sostenibbli, mal-introduzzjoni ta' membru ġdid fil-familja tagħhom", qal is-Segretarju Parlamentari Alex Muscat.

Huwa żied jgħid li l-aġenzija hija mpenjata li tippromwovi ħajja sostenibbli bil-prattiċi interni tagħha. Infatti, ħafna mis-servizzi li toffri issa saru *paperless*.

Din l-inizjattiva tolqot primarjament żewġ miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda li huma ekonomija sostenibbli u produzzjoni u konsum sostenibbli.

Il-Baby Box tista' tinġabar mill-uffiċini ta' Identity Malta fl-Isptar Mater Dei jew fil-Marsa u mill-Uffiċċju tar-Reġistru f'Għawdex meta ssir ir-reġistrazzjoni tat-tarbija






WWW.RMHC-MALTA.COM
McHappy Day
Doing good is delicious.
November 15 - 21
IN AID OF:
Ronald McDonald House Charities

# SERGIO AGUERO JISTA' JKOLLU JIRTIRA MINĦABBA PROBLEMI F'QALBU

Sergio Aguero jista' jiġi sfurzat jirtira mill-football professjonali minħabba l-kundizzjoni ta' qalbu, skond rapporti fi Spanja.

L-internazzjonali Arġentin tħabat biex jieħu n-nifs u kellu uġiegħ f'sidru qabel ma ġie sostitwit qabel il-mistrieħ tal-logħba ta' La Liga ta' Barcelona kontra Alaves fin-Nou Camp f'Ottubru *(ritratt)*.

Aguero ddaħħal immedjatament l-isptar biex isirulu testijiet tal-qalb u ġie eskluż għat-tliet xhur ta' wara filwaqt li sarulu aktar eżamijiet.

Madankollu, 'El Mati' ta' Catalunya Radio rrapporta li n-natura tal-kundizzjoni tal-qalb tiegħu saret aktar kumplikata milli kien antiċipat inizjalment.

L-aħħar rapport issuġġerixxa li 'ir-reżonanzi mediċi u t-testijiet tal-istress li għadda minnhom fl-aħħar jiem qed jagħtu dettalji li l-problema tal-qalb hija aktar serja milli kienet stmata inizjalment' għall-ewwel.

Dan jista' iwassal biex ikollu jtemm il-karriera tiegħu ta' 18-il sena bħala player, b'Barcelona ma jagħmlux aktar kummenti dwar il-kundizzjoni attwali tal-attakkant.

Aguero, 33 sena, kien ingħaqad ma' Barca fis-sajf wara li telaq bħala l-aqwa skorer ta' kull żmien ta' Manchester City fejn rebaħ diversi trofej fl-Etihad Stadium.

Is-City taw l-appoġġ sħiħ lill-ex attakkant tagħhom, bil-manager Pep Guardiola jitkellem dwar Aguero jipprijoritizza s-saħħa tiegħu fuq il-karriera tiegħu tal-football.

"Naturalment, hija aħbar diffiċli għal kulħadd. Iżda speċjalment għalih u għall-familja tiegħu," qal Guardiola.

"Nawgurawlu, jaf hu, min-nies kollha ta' Manchester City.

"Nawgurawlu fejqan ta' malajr, iżda ma jimpurtax iż-żmien. Is-saħħa u l-ħajja huma ħafna aktar importanti minn kull ħaġa oħra u hu jafha," qal Guardiola.



Premju
Soċjetà Ġusta
2021

Ċelebrazzjoni tal-ħidma, l-impenn u d-dedikazzjoni ta' diversi individwi fis-settur tad-diżabilità.

In-nominazzjonijiet jinsabu miftuħa u jagħlqu t-Tlieta 30 ta' Novembru 2021.

Żur is-sit inkluzjoni.gov.mt għal aktar informazzjoni.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA
inklużjoni

RIŻULTATI
FOOTBALL INGLIŻ

**League One**

Bolton v Crewe 2-0
Accrington v Plymouth 1-4
Burton v Charlton 0-1
Ipswich v Oxford U. 0-0
MK Dons v Cambridge U. 4-1
Sheffield W. v Gillingham 1-1
Wycombe v Portsmouth 0-1

**League Two**

Hartlepool v Notts C. 1-2
Port Vale v Bradford C. 1-1
Carlisle v Barrow 0-0
Bristol R. v Northampton 2-1
Exeter v Oldham 2-1
Rochdale v Leyton O. 2-2
Scunthorpe v Salford C. 1-1
Stevenage v Mansfield 1-2
Tranmere v Sutton U. 0-1
Walsall v Harrogate 1-3

FOOTBALL SKOĊĊIŻ

**Championship**

Arbroath v Queen of S. 1-1
Ayr v Partick T. 0-4
Hamilton v Raith R. 0-3
Inverness v Dumfermline 1-2
Morton v Kilmarnock 0-2

**League One**

Alloa v Montrose 2-2
Cove R. v Peterhead 3-0
Dumbarton v Falkirk 0-3
E. Fife v Airdrie 0-1
Queen's Park v Clyde 0-0

**League Two**

Albion v Stirling 1-0
Elgin C. v Cowdenbeath 1-0
Kelty H. v Forfar 1-0
Stenhousemuir v Annan 2-0
Edinburgh C. v Stranraer 3-1

## Malta tegħleb lill-Iżreal fir-rugby

It-team nazzjonali Malti tar-rugby għeleb lill-Iżrael 15-13, f'Tony Bezzina Stadium, f'partita li kienet valida minn Conference 1 South tal-Ewropa.

Try ta' Mark Davey kwarta mit-tmiem tat irrebħa lit-team Malti f'logħba mill-aktar missielta.

Il-partita kellha aspetti differenti bl-Iżraeliti jiddominaw l-ewwel nofs siegħa, iżda l-players immexxija mill-coach Damian Neill ma qatgħux qalbhom u wettqu reazzjoni mill-aqwa.

Intant, Matthew Spiteri, li daħal bħala sostitut għal Malta, tkeċċa ħames minuti mit-tmiem u ħalla lil pajjiżna bi player inqas.

*Malta*: R. Apsee, P. Martin, D. Cerketa, M. Barbara, D. Deguara, B. Borg, D. Apsee, M. Davey (5), T. Holloway, R. Holloway, B. Dalton, D. Busuttil, C. Dudman (5), J. Debattista, R. Gum (5)

Vacancy with Ħaż-Żabbar Local Council
Executive Officer Full-Time Grade (Scale 13)

A vacancy has arisen within the Ħaż-Żabbar Local Council for the post of a Full-Time Executive Officer Grade (Scale 13).

Any clerical personnel working at a Local Council or any persons assigned with Local Councils on the five Schemes with 3 months of service, who are eligible to apply according the qualifications as per Article 14 (3b) of LS363.20, Local Councils Regulations (Human Resources), may send in their application.

Prospective candidates are required to possess the following requirements:

Executive Officer (Scale 13):
Two different subjects at advanced level (a minimum of 'A' level passes in Grace C or equivalent) and three other subjects at ordinary level (a minimum of 'O' level passes in Grade C or equivalent), which shall include Maltese, English and Mathematics (at advanced or ordinary level); or three years of experience in the grade of Clerk (Scale 15) with a Local Council, and subject to satisfactory performance.

Applicants who satisfy the above requirements, wishing to apply for this job, may submit a detailed Curriculum Vitae together with copies of relevant certificates. Applications can be submitted either by email to zabbar.lc@gov.mt or by post by not later then Saturday 27th November 2021 at noon and should be addressed to :

The Executive Secretary
Ħaż-Żabbar Local Council
Civic Centre, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar.

Candidates will be required to sit for an interview.

Permit No: 762/2021

## L-ATP FINALS 2021 JIBDEW ILLUM

# DJOKOVIC JIMMIRA GĦAS-SITT TITLU



Novak Djokovic jgħid li qed iħossu aktar frisk li jidħol fil-ATP Finals li se jibdew illum milli fis-snin ta' qabel hekk kif se jipprova jilħaq ir-rekord tas-sitt titlu eluživ.

Is-Serb ta' 34 sena, qed ifittex l-ewwel rebħa tiegħu fl-avveniment mill-2015.

Wara li tilef Grand Slam kalendarju rari fil-US Open ta' Settembru, Djokovic ħa ħin ta' mistrieħ qabel ma rritorna biex jirbaħ il-Masters ta' Pariġi ta' dan l-aħħar.

Djokovic gawda staġun stellari ieħor, fejn rebaħ it-titli tal-Australian Open, tal-French Open u ta' Wimbledon biex jilħaq lil Roger Federer u Rafael Nadal fuq 20 trijonfi tal-Grand Slam.

Ir-rebħa fil-US Open kienet tarah jaqbeż liż-żewġ rivali kbar tiegħu għall-ewwel darba, u jsir ukoll l-ewwel player minn Rod Laver fl-1969 li rebaħ l-erba' titli maġġuri fl-istess sena.

Djokovic gawda minn ħames rebħiet fl-ATP Finals – l-ewwel fl-2008, imbagħad iddomina bejn l-2012 u l-2015 – u ieħor jarah jilħaq ir-rekord ta' sitt titli daqs Federer.

L-avveniment, li jibda llum il-Ħadd, se jsir f'ambjent ġdid wara li qaleb għall-belt Taljana ta' Turin wara perjodu ta' 12-il sena fl-O2 Arena ta' Londra.

Illum fis-2.00 pm jilagħbu Medvedev u Hurkacz.

Il-players huma maqsuma f'żewġ gruppi:

*Grupp Aħdar*: Novak Djokovic, Stefanos Tsitsipas, Andrey Rublev, Casper Ruud.

*Grupp Aħmar*: Daniil Medvedev, Alex Zverev, Matteo Berrettini, Hubert Hurkacz.

It-tmien players li se jieħdu sehem fl-ATP Finals, *ritratt fuq mix-xellug*: Andrey Rublev, Alexander Zverev, Matteo Berrettini, Novak Djokovic, Daniil Medvedev bit-trofew, Stefanos Tsitsipas, Casper Ruud u Hubert Hurkacz

**WTA FINALS** – Anett Kontaveit tal-Estonja hija l-ewwel player li għaddiet għas-semi-finali tal-WTA Finals li qed isiru fi Guadalajara, il-Messiku, meta għelbet liċ-Ċeka, Karolina Pliskova 6-4 6-0. Riżultati oħra: Kontaveit v Barbora Krejcikova 6-3 6-4; Maria Sakkari v Iga Swatek 6-2 6-4; Pliskova v Garbine Muguruza, 4-6 6-2 7-6 (8-6); Paula Badosa v Sabalenka 6-4 6-0.

HOUSING AUTHORITY

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

Sejħa għall-offerti għal xogħlijiet:

Sejħa mill-ġdid - Offerta għar-restawr ta' parti mill-faċċata ta' fuq f'125, Cottoner Blokk, fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta (l-Awtorita' tad-Djar) (Rif. SPD4/2021/092 – TWO 5/2021).

Laqgħa ta' kjarifika ser issir mill-Awtorita' tad-Djar nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2021 fid-9.00 ta' filgħodu f'125, Cottoner Blokk, fi Triq San Pawl, il-Belt Valletta.

L-offerta tagħlaq fit-2 ta' Diċembru 2021 fid-09:30 ta' filgħodu.

Id-dokument jiġi miksub u mniżżel BISS minn fuq is-sit elettroniku http://www.etenders.gov.mt.

Kull kjarifika jew addenda fuq l-offerta jiġu mtella u jinkisbu minn fuq is-sit http://www.etenders.gov.mt.

## >> FIL-QOSOR

**RAHEEM STERLING** – Manchester City se jirreżistu kull approċċ minn Barcelona biex jiffirmaw lil Raheem Sterling, 26 sena, f'Jannar. Barca ssemmew ma' trasferiment għall-attakkant Ingliż, li beda biss tliet logħbiet tal-Premier League dan l-istaġun. Sterling qal li jekk sa Jannar ma jiksibx post regolari l-aħjar ħaġa hija li jingħaqad ma' club ieħor b'self.

**HARRY KANE** – Sadanittant, min-naħa tagħhom is-City huma wkoll lesti li jittestjaw id-determinazzjoni ta' Tottenham billi f'Jannar jerġgħu jqajmu l-interess tagħhom fl-attakkant Ingliż, Harry Kane, wara li fis-sajf naqsu milli jakkwistaw lill-player ta' 28 sena lejn l-Etihad Stadium.

**HAKIM ZIYECH** – Il-winger Marokkin ta' Chelsea, Hakim Ziyech, 28 sena, irid jitlaq lill-club f'Jannar, b'rapporti fil-Ġermanja qed jgħidu li Borussia Dortmund iridu jieħduh fil-Bundesliga.

**ANTONIO RUDIGER** – Real Madrid qed jikkonsidraw liema players li jinsabu fil-periferija tat-team jistgħu jneħħu biex jiffinanzjaw kuntratt sinjur għad-difensur ta' Chelsea u l-Ġermanja, Antonio Rudiger, 29 sena, li fl-aħħar tal-istaġun se jkun aġent ħieles.

**SAUL NIGUEZ** – Barcelona jistgħu jagħmlu offerta għall-midfielder ta' Atletico Madrid, Saul Niguez, jekk f'Jannar huwa jissejjaħ lura mill-perjodu b'self ma' Chelsea.

**KARIM ADEYEMI** – L-aġent ta' Karim Adeyemi huwa rappurtat li qed joffri lill-klijent tiegħu lil Barcelona li hija daqqa ta' ħarta għal Liverpool li kienu qed jittamaw li jiksbu l-firma tal-attakkant ta' stima kbira ta' RB Salzburg.

**SPRAY TAR-REFEREES** – Il-FIFA qed tiffaċċja kont massiv minħabba l-użu tal-ispray li jisparixxi li jużaw ir-referees waqt il-free-kicks wara li Qorti Superjuri fil-Brażil sabet li l-għaqda li tmexxi l-football fid-dinja hija ħatja ta' ksur ta' privileġġ.

**MATTEO GUENDOUZI** – Il-midfielder Franċiż, Matteo Guendouzi, 22 sena, stqarr li ma jridx jirritorna ma' Arsenal f tmiem it-tieni perjodu misluf lil Marseille meta jara l-futur fit-tul tiegħu mal-club ta' Ligue 1.

**MESUT OZIL** – Il-president ta' Fenerbahce, Ali Koc, qal lill-midfielder Ġermaniż, Mesut Ozil, 33 sena, biex jiffoka fuq il-football aktar milli fuq "interessi kummerċjali".

**TIMO WERNER** – Barcelona huma ħerqana fuq l-attakkant Ġermaniż ta' Chelsea, Timo Werner, 25 sena, u jistgħu jagħmlu pass biex jiffirmaw lill-ex player ta' RB Leipzig b'self f'Jannar. Werner beda biss erba' logħbiet tal-Premier League dan l-istaġun.

**JULES KOUNDE** – Sevilla huma determinati li jżommu lid-difensur ta' Franza, Jules Kounde, 23 sena, sas-sajf li ġej minkejja l-interess li għandhom fih Manchester United.

**CHARLES DE KATELAERE** – Tottenham huma interessati fl-attakkant ta' Club Bruges, Charles de Ketelaere, iżda se jiffaċċjaw kompetizzjoni mit-Taljani, Milan, għall-firma tal-player ta' 20 sena.

**ADAMA TRAORE** – Il-winger internazzjonali Spanjol ta' Wolves, Adama Traore, 25 sena, li dan l-istaġun mhux qed jilgħab regolari, qed jiġi mfittex minn Valencia.

**DIOGO DALOT** – Id-difensur tal-Portugall, Diogo Dalot, 22 sena, jittama li jibqa' ma' Manchester United minkejja l-interess li ġej minn Roma ta' José Mourinho, li kien ħadu f'Old Trafford fl-2018.

**TAZZA TAD-DINJA 2022 - MALTA v SLOVAKKJA - ILLUM FIT-3.00 pm**

# IRRIDU NINSEW IT-TELFA KONTRA L-KRAOZJA

## - Devis Mangia (coach nazzjonali)

Illum it-team nazzjonali se jilgħab l-aħħar logħba tiegħu fi Grupp H ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2022 meta fl-Istadium Nazzjonali se jiffaċċja lis-Slovakkja.

Ċertament li l-moral tal-Maltin hu pjuttost baxx wara t-telfa kbira ta' 7-1 kontra l-Kroazja nhar il-Ħamis li għadda.

Peró l-players tagħna jridu jinsew dan id-diżappunt u jikkonċentraw fuq is-Slovakkja.

Proprju hekk qal Devis Mangia fil-konferenza tal-aħbarijet li l-players tiegħu jinsabu ffukati u lesti li jagħtu wirja tajba.

Hu sostna li bħala team qed jippruvaw jinsew it-telfa kontra l-Kroazja fejn qal li minkejja li mhux xi ħaġa faċli, xorta jemmen li l-players tiegħu se jqumu għall-okkażjoni.

Il-coach ta' Malta xtaq ukoll jiċċara l-kummenti li ta lill-istazzjon nazzjonali eżatt wara l-partita fejn qal li ċ-ċanfira tiegħu ma kinetx direttament għall-partitarji filwaqt li stieden lil kulħadd sabiex ikun wara t-team f'dan il-proċess ta' żvilupp tal-football Malti li għadu għaddej.

"Minn hawn nixtieq nfaħħar is-South End Core li dejjem kienu wara t-team anke fil-mumenti diffiċli tal-Ħamis li għadda."


Il-coach Devis Mangia ... il-coach nazzjonali ta' Malta

Meta mistoqsi għal min kien qed jirreferi fil-kummenti tiegħu, Mangia qal li mhux kulħadd għandu l-istess fehma bħal tiegħu u wara kollox in-nies jistgħu jagħmlu li jridu għalkemm sostna li l-players tiegħu ma ħaqqhomx jiġu bbuwjati jew mgħajra.

"Irridu niftakru li din l-iskwadra laħqet ir-rekord tal-iktar punti miksuba fi grupp ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja ... b'ħames punti."

Hu tenna li diffiċli taċċetta riżultat ta' 7-1 iżda issa dak hu passat u wieħed għandu jiffoka fuq il-logħba li jmiss bit-tama li l-wirja tkun aħjar u jinkisbu wkoll xi punti.

Mistoqsi dwar il-moral tal-players huwa kompla jgħid li xejn m'hu faċli tqum fuq saqajk wara dik il-partita iżda bil-paċenzja kollha, l-istaff ħadem bla heda sabiex il-players ikun moħħhom hemm u jiffokaw fuq il-logħba kontra s-Slovakkja.

"Inutli taħli l-enerġiji mentali tiegħek fuq xi ħaġa li issa hija fil-passat. Irridu nħallu kollox warajna u naffrontaw il-logħba li jmiss."

Mangia kkonferma li t-team jinsab fl-iżvilupp tiegħu u dan hu proċess ferm importanti sabiex aktar 'il quddiem jinkisbu riżultati aħjar.

"Hija ħaġa normali li se niżbaljaw f'xi mumenti. Dan kollu hu mistenni speċjalment meta għandek żgħażagħ li għadhom qed jidraw dan it-tip ta' ambjent internazzjonali."

Mangia temm jgħid li hemm differenza bejn l-UEFA Nations League u l-logħob ta' kwalifikazzjoni Ewropej minħabba li l-livell tat-timijiet huwa ferm ogħla.

Minkejja kollox, huwa mhux se jaqta' qalbu u lest biex ikompli jgħin sabiex jinkiseb aktar progress.

Dan se jkun it-tieni konfront bejn dawn iż-żewġ timijiet fi spazju ta' tmien xhur wara li f'Marzu li għadda f'Trnava, il-Maltin żammew lis-Slovakki fi draw ta' 2-2 bil-goals tal-Maltin jaslu minn Luke Gambin u Alex Satariano filwaqt li David Strelec u Milan Skriniar wiegħbu għall-avversarji.

Il-coach Stefan Tarkovic għażel l-aqwa formazzjoni possibbli li tinkludi lid-difensur ta' Inter, Skriniar, u l-midfielder ta' Napoli, Stanislav Lobotka. Madankollu huwa ma jistax jinkludi lill-player veteran Marek Hamsik għax jinsab imweġġa'.

Min-naħa ta' Malta, l-għan huwa li nakkwistaw għall-inqas punt biex jinkiser ir-rekord tal-akbar ammont ta' punti kompetittivi.

Fid-disa' logħbiet preċedenti, Malta kisbet rebħa, żewġ draws u sitt telfiet għal total ta' ħames punti.

Mangia ma jidhirx li għandu xi problemi partikolari ta' formazzjoni għalkemm mistenni jagħmel xi tibdil fl-ewwel 11 li bdew il-konfront kontra l-Kroati.

Il-partita tibda fit-3.00 pm u se tintwera diretta fuq TMV News+

**TAZZA TAD-DINJA 2022 - ROUND TA' KWALIFIKAZZJONI**

# It-taqtiegħa għall-play-offs tispikka bejn bosta timijiet


Caglar Soyuncu (Turkija) jindirizza bir-ras lejn il-lasti ta' Ġibiltá

Meta ntlagħab it-tielet programm tad-disa' ġurnata tar-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2022, il-Finlandja, in-Norveġja u t-Turkija jinsabu f'taqtiegħa għall-play-offs.

Minn Grupp D, barra minn darhom il-Finlandja rreġistraw rebħa importanti meta marru l-Bosnja u ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1.

Dan ifisser li issa huma jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jikkwalifikaw għall-play-offs meta għandhom żewġ punti aktar mill-Ukrajna.

Għaldaqstant kollox se jiġi deċiż fl-aħħar ġurnata hekk huma jospitaw lil Franza filwaqt li l-Ukreni jmorru jilagħbu l-Bosnja.

Il-goals tal-Finlandja waslu minn Marcus Forss (29), Robin Lod (51) u Daniel O'Shaughnessy (73) filwaqt li Luka Menalo (69) wieġeb għal Bosnja.

Il-Finlandiżi kellhom lil Jukka Raitala (37) imkeċċi.

Minn Grupp G, it-Turkija laħqu lin-Norveġja fit-tieni post b'differenza ta' goals aħjar wara r-rebħa kbira ta' 6-0 fuq Ġibiltá, bin-Norveġja jiġu miżmuma fi draw ta' mingħajr goals mil-Latvja.

Quddiem il-pubbliku tagħhom stess, it-Turkija kellhom xalata ta' goals fuq Ġibiltá li kellhom lil Jayce Mascarenhas-Olivero (22).

L-iskorers kienu Muhammed Kerem Akturkoglu (11), Ibrahim Halil Dervisoglu (38, 41), Merih Demiral (65), Serdar Dursun (81) u Mert Muldur (85).

---

**LEWIS HAMILTON** - Is-sewwieq Britanniku, Lewis Hamilton, ġie skwalifikat mill-provi uffiċjali tal-GP tal-Brażil fejn beda mill-aħħar post tas-Sprint Race li saret dal-lejl. Barra minn hekk huwa ngħata wkoll penalitá ta' ħames postijiet ... wara llegalitá fil-magna u ksur tar-regoli fir-*rear wing*.

**RIŻULTATI U PROGRAMM**

**Grupp D**

| | |
|---|---|
| Bosnja v Finlandja | 1-3 |
| Franza v Kazakhstan | (tard) |

**Grupp G**

| | |
|---|---|
| Norveġja v Latvja | 0-0 |
| Turkija v Ġibiltá | 6-0 |
| Montenegro v Olanda | (tard) |

**Grupp E**

| | |
|---|---|
| Belġju v Estonja | (tard) |
| Wales v Belarus | (tard) |

**ILLUM**

**Grupp A**

| | |
|---|---|
| Lussemburgu v Irlanda | 8.45 pm |
| Portugall v Serbja | 8.45 pm |

**Grupp B**

| | |
|---|---|
| Greċja v Kosovo | 8.45 pm |
| Spanja v Svezja | 8.45 pm |

**Grupp H**

| | |
|---|---|
| Kroazja v Russja | 2.00 pm |
| Malta v Slovakkja | 3.00 pm |
| Slovenja v Ċipru | 2.00 pm |

**Grupp J**

| | |
|---|---|
| Armenja v Ġermanja | 6.00 pm |
| Lichtenstein v Rumanja | 6.00 pm |
| Maċedonja v Islanda | 6.00 pm |

# "Obbligu li noħolqu diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni"



## Is-Sezzjoni tal-Edukazzjoni fi ħdan il-GWU b'reazzjoni dwar id-dewmien fil-ħlas dovut tal-LSEs iggradwati

CARMEN CACHIA
carmen.cachia@unionprint.com.mt

B'reazzjoni għal ilment ta' Learning Support Educator (LSE) li minkejja ggradwat trid tistenna sentejn għall-ħlas fil-grad mistħoqq, il-kelliem tas-Sezzjoni tal-Edukazzjoni fi ħdan il-GWU, Gabriel Pullicino, saħaq li bħala Unions tal-edukaturi huma fl-obbligu li joħolqu diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni ħalli tinstab soluzzjoni fir-rigward.

"Hija xi ħaġa pożittiva li għandna edukaturi li minn jeddhom ikomplu bl-istudju u stħarriġ tagħhom ħalli jtejjbu l-ħiliet professjonali," beda Pullicino. Huwa qal li f'din l-aħħar sena kien hemm numru ta' LSEs li ggradwaw u b'hekk għandhom Degree fil-linja tax-xogħol tagħhom. Filwaqt li saħaq fl-importanza li inizjattivi bħal dawn għandna nkomplu ninkuraġġuhom ħalli s-settur edukattiv jikber u jadatta għaż-żminijiet tal-lum, huwa nnota li, "hija ħasra li l-ftehim kollettiv attwali, minflok ra kif jippremja l-inizjattivi personali u professjonali, sewa ta' detterent".

L-ilment ippubblikat fuq dan il-ġurnal ftit tal-ġranet ilu kien minn LSE li taħdem fi skola tal-Knisja fejn minkejja li temmet b'suċċess id-Degree għal LSE3, id-dipartiment responsabbli mill-ħruġ tal-pagi infurmaha li se jkollha tistenna madwar sentejn biex tibda titħallas tal-grad li jistħoqqilha skont il-kwalifiċi ġodda tagħha.

Din l-edukatriċi b'dispjaċir kient qalet li din hija sitwazzjoni totalment inġusta lejha u lejn kull LSE li, b'sagrifiċċju u minn butha, stinkat biex tistudja u hemm dan id-dewmien kollu minflok





proċess awtomatikament ta' żieda fil-paga mal-gradwazzjoni.

Sadanittant, wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-artiklu L-ORIZZONT irċieva telefonati b'ilmenti fir-rigward minn LSEs oħra u dan jikkonferma li s-sitwazzjoni hija reali u tolqot lil diversi Learning Support Educators lokali.

Dan il-kelliem għas-Sezzjoni tal-Edukazzjoni fi ħdan il-GWU qal li, "id-diskussjonijiet mal-Ministeru għandhom isiru biex insibu soluzzjoni ħalli dawn il-professjonissti mill-aktar fis, tal-inqas jieħdu l-ħlas marbut mal-kisbiet tagħhom".

Gabriel Pullicino fi tmiem l-intervent tiegħu stieden lil LSEs li jinsabu f'din is-sitwazzjoni, biex jikkuntattjaw lis-sezzjoni tagħhom fuq: info@gwu.org.mt

## Issa proposti bungalows għat-turisti fil-Qaws fl-irdumijiet ta' Ħad-Dingli

Għadd ta' residenti f'Ħad-Dingli u anke l-Kunsill Lokali ta' dan il-post se jkunu qed joġġezzjonaw b'qawwa għal proposta biex fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Qaws' fuq l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli, isiru bungalows għat-turisti. Iż-żona hi sit ta' Natura 2000.

Il-proposta hi dik li post li kien fabbrika tal-isplussiv, li llum jinsab magħluq, jinbidel f'bungalows għat-turisti.

Is-sit, li jinsab barra miż-żona ta' żvilupp u jagħmel parti minn sit Natura 2000, bejn l-Irdum tal-Iħfar u Ix-Xagħra tal-Qaws, ikopri medda ta' 6,275 metru kwadru u huwa propost li jsiru 14-il bungalow. Il-bungalows jinkludi pixxina u faċilitajiet oħra.

Il-Kunsill Lokali ddikjara li l-iżvilupp propost jinsab f'nofs is-sit skedat bħala parti Natura 2000 u jinsab fl-isbaħ xenarju tal-gżejjer Maltin. Kompla jgħid li jmur kontra l-politika tal-SPED u l-pjan lokali tal-Majjistral ta' Malta.

Sostna li s-sit jifforma parti minn żona sensittiva protetta u ta' importanza ekoloġika. Qal li dak li qed ikun propost jirriskja s-sit u jikser ir-regoli ta' Natura 2000.

Qal li ġaladarba l-fabbrika tal-isplussiv m'għadhiex meħtieġa, l-art għandha terġa' ssir kif kienet oriġinali parti min-natura.



# U*BET

MATCH PROGRAMME 1725 | SUNDAY 14/11/21

## WORLD CUP QUALIFIERS | EC: 1908

**MALTA VS SLOVAKIA** — TODAY | 15:00

| Market | Odds |
|---|---|
| MALTA TO WIN OR DRAW | 2.22 |
| SUM OF GOALS (2-3) | 1.95 |
| FIRST HALF RESULT (X) | 1.80 |
| FIRST HALF OVER 1.5 | 3.50 |

| CORRECT SCORE | 2-1 | 1-1 | 2-2 | 1-2 |
|---|---|---|---|---|
| | 21.00 | 5.75 | 25.00 | 8.00 |

| HALFTIME/ FULLTIME | 1/1 | X/1 | X/2 | 2/2 |
|---|---|---|---|---|
| | 13.00 | 13.00 | 3.45 | 2.20 |

## WORLD CUP QUALIFIERS | EC: 1916

**SPAIN VS SWEDEN** — TODAY | 20:45

| Market | Odds |
|---|---|
| SPAIN TO WIN WITH HC (-1) | 2.00 |
| SUM OF GOALS (2-3) | 1.88 |
| FIRST HALF RESULT (X) | 2.05 |
| FIRST HALF OVER 1.5 | 2.70 |

| CORRECT SCORE | 2-1 | 1-1 | 2-2 | 1-2 |
|---|---|---|---|---|
| | 7.00 | 6.50 | 22.00 | 23.00 |

| HALFTIME/ FULLTIME | 1/1 | X/1 | X/2 | 2/2 |
|---|---|---|---|---|
| | 1.90 | 3.45 | 16.00 | 15.00 |

## SUNDAY 14TH NOVEMBER

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM HOME | FINAL RESULT 1 | X | 2 | TEAM AWAY | GOALS | HANDICAP 1 | X | 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | SPA3 | 12:00 | 627 | CELTA B | 2.00 | 2.95 | 2.85 | VALLADOLID B | -1 | 3.90 | 3.25 | 1.45 |
| | SPA3 | 12:00 | 628 | LA CORUNA | 1.32 | 4.00 | 5.50 | EXTREMADURA | -1 | 2.15 | 2.75 | 2.35 |
| | SPA3 | 12:00 | 629 | R. MADRID B | 2.10 | 3.00 | 2.65 | ALGECIRAS CF | -1 | 4.25 | 3.45 | 1.38 |
| | SPA3 | 12:00 | 630 | SEVILLA B | 3.40 | 3.00 | 1.80 | FC ANDORRA | 1 | 1.60 | 3.25 | 3.15 |
| | SPA3 | 12:00 | 631 | SS REYES | 2.15 | 2.80 | 2.80 | ZAMORA | -1 | 4.00 | 3.20 | 1.45 |
| | POL2 | 12:40 | 635 | G.JASTRZEBIE | 2.20 | 2.85 | 2.55 | S.CZESTOCH. | -1 | 4.40 | 3.50 | 1.30 |
| | POL3 | 13:00 | 649 | HUTNIK K. | 3.35 | 3.20 | 1.68 | RUCH CHORZOW | 1 | 1.65 | 3.25 | 2.70 |
| | S4NS | 13:00 | 651 | FC GUTE | | 6.00 | 1.07 | KARLBERGS BK | 1 | | | |
| | URU | 13:45 | 655 | SUD AMERICA | 2.70 | 3.10 | 2.05 | BOSTON RIVER | 1 | 1.45 | 3.20 | 3.60 |
| | G4SW | 14:00 | 660 | OFFENBACH | 1.30 | 4.25 | 5.50 | STUTTGART AM | 1 | 1.78 | 3.30 | 2.40 |
| | SP2 | 14:00 | 665 | AMOREBIETA | 1.95 | 2.85 | 3.15 | LUGO | -1 | 3.75 | 3.25 | 1.48 |
| | WCQ | 14:00 | 667 | DR CONGO | | | | BENIN | 1 | | | |
| | WCQ | 14:00 | 668 | MADAGASCAR | | | | TANZANIA | 1 | | | |
| | WCQ | 14:00 | 669 | ZIMBABWE | | | | ETHIOPIA | 1 | | | |
| | HO2 | 14:30 | 670 | DE GRAAFSC. | 1.38 | 3.90 | 4.90 | TELSTAR | -1 | 2.10 | 3.35 | 2.10 |
| | IT3A | 14:30 | 671 | C.LECCO 1912 | 2.00 | 2.75 | 2.95 | ALBINOLEFFE | -1 | 3.60 | 3.30 | 1.42 |
| | IT3A | 14:30 | 672 | FERALPISALO | 1.58 | 3.10 | 4.25 | VECOMP VER. | -1 | 2.55 | 3.05 | 1.78 |
| | IT3A | 14:30 | 673 | GIANA ERMINIO | 2.20 | 2.70 | 2.70 | PERGOL. 1932 | -1 | 4.10 | 3.35 | 1.35 |
| | IT3A | 14:30 | 674 | PRO VERCELLI | 1.58 | 3.05 | 4.10 | LEG. SALUS S. | -1 | 2.60 | 3.10 | 1.75 |
| | IT3A | 14:30 | 675 | RENATE | 1.62 | 3.10 | 3.90 | PRO PATRIA | -1 | 2.65 | 3.15 | 1.72 |
| | IT3A | 14:30 | 676 | SEREGNO | 3.90 | 2.85 | 1.68 | SUDTIROL | 1 | 1.58 | 3.15 | 3.05 |
| | IT3A | 14:30 | 677 | TRIESTINA | 1.55 | 3.05 | 4.50 | AC TRENTO | -1 | 2.60 | 2.95 | 1.80 |
| | IT3A | 14:30 | 678 | US FIORENZU. | 2.30 | 2.60 | 2.60 | PIACENZA | -1 | 4.40 | 3.50 | 1.30 |
| | IT3B | 14:30 | 679 | FERMANA | 1.95 | 2.80 | 3.05 | PISTOIESE | -1 | 3.60 | 3.25 | 1.45 |
| | IT3B | 14:30 | 680 | MODENA | 1.52 | 3.10 | 4.50 | VIS PESARO | -1 | 2.50 | 3.00 | 1.85 |
| | IT3B | 14:30 | 681 | REGGIANA | 1.80 | 2.80 | 3.45 | CESENA | -1 | 3.20 | 3.10 | 1.55 |
| | IT3C | 14:30 | 682 | LATINA | 2.15 | 2.75 | 2.75 | S.C.D.CAMPO. | -1 | 3.90 | 3.35 | 1.38 |
| | IT3C | 14:30 | 683 | PALERMO | 1.50 | 3.15 | 4.60 | POTENZA C. | -1 | 2.40 | 2.90 | 1.95 |
| | IT3C | 15:00 | 687 | CATANIA | 2.10 | 2.80 | 2.75 | FOGGIA | -1 | 3.75 | 3.40 | 1.38 |
| | POL2 | 15:00 | 688 | S.N. SACZ | 3.15 | 3.05 | 1.80 | ARKA GDYNIA | 1 | 1.50 | 3.30 | 3.25 |
| | WCQ | 15:00 | 1907 | CROATIA | 1.52 | 3.70 | 4.50 | RUSSIA | -1 | 2.55 | 3.35 | 2.05 |
| | WCQ | 15:00 | 1908 | MALTA | 6.75 | 3.30 | 1.43 | SLOVAKIA | -1 | 2.15 | 3.00 | 2.60 |
| | WCQ | 15:00 | 1909 | SLOVENIA | 1.23 | 4.25 | 9.50 | CYPRUS | -1 | 1.80 | 3.30 | 3.05 |
| | GTM | 16:00 | 693 | SOLOLA FC | | | | XELAJU | 1 | | | |
| | SE3N | 16:00 | 694 | DALKURD | 1.23 | 4.50 | 6.25 | HUDIKSV. FF | -1 | 1.68 | 3.40 | 2.60 |
| | SP2 | 16:00 | 695 | GIRONA | 1.62 | 3.05 | 4.10 | CARTAGENA | -1 | 2.85 | 3.10 | 1.75 |
| | SP2 | 16:00 | 696 | UD IBIZA E. | 2.65 | 2.90 | 2.20 | ALMERIA | 1 | 1.38 | 3.45 | 4.25 |
| | TUN | 16:00 | 697 | CS SFAXIEN | | | | METLAOUI | 1 | | | |
| | CHI | 16:30 | 698 | A. ITALIANO | 1.80 | 3.05 | 3.40 | ANTOFAGASTA | -1 | 3.35 | 3.30 | 1.55 |
| | HO2 | 16:45 | 699 | DEN HAAG | 1.65 | 3.45 | 3.45 | VVV VENLO | -1 | 2.70 | 3.40 | 1.72 |
| | SPA3 | 17:00 | 704 | BADAJOZ | 2.35 | 2.75 | 2.55 | UD LOGRONES | -1 | 5.25 | 3.45 | 1.30 |
| | SPA3 | 17:00 | 705 | CD CALAHORRA | 1.80 | 2.85 | 3.60 | TUDELANO | -1 | 3.30 | 3.10 | 1.60 |
| | SPA3 | 17:00 | 706 | SABADELL | 1.90 | 2.80 | 3.40 | SAN FERNANDO | -1 | 3.60 | 3.05 | 1.55 |
| | SPA3 | 17:00 | 707 | T.D.LA REINA | 2.25 | 2.85 | 2.60 | RAC. FERROL | -1 | 4.60 | 3.45 | 1.35 |
| | SPA3 | 17:00 | 708 | TARRAGONA | 2.00 | 2.85 | 3.00 | UCAM MURCIA | -1 | 3.50 | 3.15 | 1.55 |
| | WCQ | 17:00 | 709 | MALI | | | | UGANDA | 1 | | | |
| | IT3B | 17:30 | 710 | AQUILA MONT. | 2.30 | 2.80 | 2.50 | IMOLESE | -1 | 4.10 | 3.60 | 1.32 |
| | IT3B | 17:30 | 711 | V. ENTELLA | 1.45 | 3.25 | 5.00 | GROSSETO | -1 | 2.25 | 3.05 | 1.95 |
| | IT3C | 17:30 | 712 | BARI | 1.22 | 3.90 | 7.75 | VIBONESE | -1 | 1.78 | 3.00 | 2.60 |
| | IT3C | 17:30 | 713 | JUVE STABIA | 1.62 | 2.95 | 4.00 | MON. TUSCIA | -1 | 2.80 | 2.95 | 1.70 |
| | IT3C | 17:30 | 714 | MESSINA | 2.65 | 2.80 | 2.15 | AVELLINO | 1 | 1.35 | 3.45 | 4.00 |
| | IT3C | 17:30 | 715 | MONOPOLI 1966 | 1.85 | 2.75 | 3.35 | TARANTO | -1 | 3.40 | 3.15 | 1.50 |
| | IT3C | 17:30 | 716 | PAGANESE | 1.80 | 2.80 | 3.45 | F. ANDRIA | -1 | 3.15 | 3.15 | 1.55 |
| | IT3C | 17:30 | 717 | PICERNO | 2.20 | 2.75 | 2.65 | V.FRANCAVILLA | -1 | 4.25 | 3.30 | 1.35 |
| | GTM | 18:00 | 718 | C.COMUNICA. | | | | S.L.COTZUMA. | 1 | | | |
| | WCQ | 18:00 | 1910 | ARMENIA | | 6.75 | 1.07 | GERMANY | 1 | 4.60 | 4.50 | 1.35 |
| | WCQ | 18:00 | 1911 | LIECHTENSTEIN | | 6.25 | 1.09 | ROMANIA | 1 | 4.75 | 4.40 | 1.35 |

## SUNDAY 14TH NOVEMBER (CONTINUED)

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM HOME | FINAL RESULT 1 | X | 2 | TEAM AWAY | GOALS | HANDICAP 1 | X | 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | WCQ | 18:00 | 1912 | N. MACEDONIA | 1.48 | 3.60 | 5.00 | ICELAND | -1 | 2.50 | 3.35 | 2.10 |
| | SP2 | 18:15 | 719 | BURGOS | 2.15 | 2.70 | 2.90 | PONFERRADINA | -1 | 4.50 | 3.30 | 1.38 |
| | SP2 | 18:15 | 720 | LEGANES | 1.85 | 2.80 | 3.60 | OVIEDO | -1 | 3.90 | 3.20 | 1.48 |
| | GTM | 19:00 | 721 | D.N. CONCEP. | | | | DEPOR IZTAPA | 1 | | | |
| | MEX2 | 19:00 | 722 | UNIV. GUADAL. | 1.50 | 3.50 | 4.25 | C. SONORA | -1 | 2.25 | 3.10 | 1.95 |
| | BRA | 20:00 | 723 | SAO PAULO | 3.00 | 3.00 | 2.05 | FLAMENGO | 1 | 1.55 | 3.50 | 4.00 |
| | CHI | 20:00 | 724 | PALESTINO | 1.75 | 3.30 | 3.30 | COBRESAL | -1 | 2.90 | 3.35 | 1.65 |
| | COL | 20:00 | 725 | DEP QUINDIO | 1.75 | 3.05 | 3.60 | PATRIOTAS | -1 | 3.05 | 2.90 | 1.65 |
| | HO2 | 20:00 | 726 | EXCELSIOR | 1.85 | 3.35 | 2.90 | ALMERE CITY | -1 | 2.95 | 3.50 | 1.60 |
| | VEN | 20:00 | 727 | E. DE. MERIDA | | | | DEPOR TACHIRA | 1 | | | |
| | WCQ | 20:00 | 728 | GHANA | 1.72 | 3.00 | 4.25 | SOUTH AFRICA | -1 | 3.60 | 3.05 | 1.75 |
| | WCQ | 20:00 | 729 | SENEGAL | | | | CONGO | 1 | | | |
| | URU | 20:30 | 730 | R.PLATE (URU) | 3.10 | 3.20 | 1.85 | PENAROL | 1 | 1.70 | 3.15 | 2.65 |
| | WCQ | 20:45 | 1913 | GREECE | 1.57 | 3.30 | 4.80 | KOSOVO | -1 | 2.75 | 3.25 | 1.95 |
| | WCQ | 20:45 | 1914 | LUXEMBOURG | 4.00 | 3.20 | 1.70 | R. OF IRELAND | 1 | 1.78 | 3.25 | 3.20 |
| | WCQ | 20:45 | 1915 | PORTUGAL | 1.27 | 4.40 | 7.50 | SERBIA | -1 | 1.85 | 3.50 | 2.85 |
| | WCQ | 20:45 | 1916 | SPAIN | 1.28 | 4.00 | 8.00 | SWEDEN | -1 | 2.00 | 3.25 | 2.65 |
| | COL | 22:00 | 731 | INDEP MEDELLIN | 2.45 | 2.90 | 2.35 | ATL NACIONAL | -1 | 3.90 | 3.20 | 1.40 |
| | VEN | 22:00 | 732 | PUERT. CABELLO | | | | ATL VENEZ. | 1 | | | |
| | BRA | 22:15 | 733 | FLUMINENSE | 3.05 | 2.90 | 2.08 | PALMEIRAS | 1 | 1.55 | 3.50 | 4.00 |
| | CHI | 22:30 | 737 | CURICO | 4.10 | 3.35 | 1.58 | COLO COLO | 1 | 1.75 | 3.20 | 2.75 |
| | URU | 22:45 | 738 | PLAZA COLONIA | 1.80 | 3.10 | 3.25 | ATLETICO FENIX | -1 | 2.90 | 3.05 | 1.65 |
| | BRA | 23:00 | 739 | CEARA | 1.82 | 2.90 | 3.90 | SPORT RECIFE | -1 | 3.50 | 3.35 | 1.68 |
| | BRA | 23:00 | 740 | CHAPECOENSE | 2.90 | 2.80 | 2.25 | JUVENTUDE RS | 1 | 1.42 | 3.60 | 4.90 |
| | BRA2 | 23:00 | 741 | VITORIA BAHIA | | | | CRUZEIRO | 1 | | | |

## MONDAY 15TH NOVEMBER

| LIVE BETTING | LEAGUE | KICK OFF | EVENT CODE | TEAM HOME | FINAL RESULT 1 | X | 2 | TEAM AWAY | GOALS | HANDICAP 1 | X | 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | COL | 00:05 | 742 | MILLIONARIOS | 1.32 | 3.90 | 6.00 | A. PETROLERA | -1 | 1.95 | 3.00 | 2.30 |
| | VEN | 00:30 | 743 | DEPOR LARA | | | | CARACAS | 1 | | | |
| | COL | 02:10 | 744 | ATL. HUILA | 3.45 | 3.05 | 1.78 | DEP. PEREIRA | 1 | 1.52 | 3.10 | 3.35 |
| | UZB | 12:00 | 745 | NASAF QARSHI | | | | KOKAND 1912 | 1 | | | |
| | URU | 13:45 | 746 | CERRO LARGO | 1.80 | 3.20 | 3.15 | RENTISTAS | -1 | 3.15 | 3.15 | 1.55 |
| | E21 | 14:00 | 747 | GIBRALTAR U21 | | | | HOLLAND (U21) | 1 | | | |
| | QATC | 14:00 | 748 | AL SAILIYA | | | | QATAR SC | 1 | | | |
| | WCQ | 14:00 | 749 | KENYA | | | | RWANDA | 1 | | | |
| | WCQ | 14:00 | 750 | NAMIBIA | | | | TOGO | 1 | | | |
| | QATC | 16:10 | 751 | AL KHOR | | | | AL GHARRAFA | 1 | | | |
| | WCQ | 17:00 | 752 | GUINEA BISS. | | | | SUDAN | 1 | | | |
| | WCQ | 17:00 | 754 | NIGER | | | | DJIBOUTI | 1 | | | |
| | E21 | 17:30 | 755 | FINLAND U21 | | | | ESTONIA (U21) | 1 | | | |
| | IT3C | 17:30 | 756 | T.CALCIO ASD | 2.60 | 2.75 | 2.25 | CATANZARO | 1 | 1.32 | 3.60 | 4.10 |
| | POL2 | 18:00 | 757 | MIEDZ LEGNICA | 1.45 | 3.45 | 4.50 | G. POLKOWICE | -1 | 2.15 | 3.05 | 2.05 |
| | HO2 | 20:00 | 761 | MAASTRICHT | 1.80 | 3.25 | 3.05 | DEN BOSCH | -1 | 2.90 | 3.40 | 1.65 |
| | URU | 20:30 | 762 | PROGRESO | 2.50 | 3.10 | 2.20 | M. WANDERERS | 1 | 1.35 | 3.40 | 4.10 |
| | ECLN | 20:45 | 763 | BRAD. PARK AV | | | | GATESHEAD | 1 | | | |
| | WCQ | 20:45 | 764 | ALBANIA | 1.08 | 6.25 | | ANDORRA | -1 | 1.48 | 3.75 | 4.25 |
| | WCQ | 20:45 | 765 | AUSTRIA | 1.13 | 6.00 | 9.75 | MOLDOVA | 1 | | | |
| | WCQ | 20:45 | 766 | ISRAEL | 1.10 | 5.60 | | FAROE ISLANDS | -1 | 1.48 | 3.90 | 4.10 |
| | WCQ | 20:45 | 767 | N. IRELAND | 7.25 | 4.10 | 1.30 | ITALY | 1 | 2.65 | 3.40 | 1.95 |
| | WCQ | 20:45 | 768 | POLAND | 1.48 | 3.45 | 5.40 | HUNGARY | -1 | 2.45 | 3.20 | 2.15 |
| | WCQ | 20:45 | 769 | SAN MARINO | | | | ENGLAND | 1 | | | |
| | WCQ | 20:45 | 770 | SCOTLAND | 3.25 | 2.95 | 2.00 | DENMARK | 1 | 1.52 | 3.60 | 4.00 |
| | WCQ | 20:45 | 771 | SWITZERLAND | 1.13 | 5.40 | | BULGARIA | -1 | 1.48 | 3.90 | 4.00 |
| | ARG2 | 21:00 | 772 | ALMAGRO | | | | FERRO CARRIL | 1 | | | |
| | ARG2 | 21:00 | 773 | VILLA DALMINE | | | | BARRACAS C. | 1 | | | |
| | SP2 | 21:00 | 774 | MALAGA | 2.30 | 2.70 | 2.70 | TENERIFE | -1 | 4.60 | 3.45 | 1.35 |
| | CHI | 21:30 | 775 | HUACHIPATO | 1.22 | 4.40 | 7.50 | SANT. WANDER. | -1 | 1.80 | 3.25 | 2.60 |
| | COL | 21:30 | 776 | BUCARAMANGA | 2.50 | 2.70 | 2.45 | DEP. TOLIMA | 1 | 1.30 | 3.30 | 4.75 |

Maltco Lotteries | mga licensed, operating under licence no. LGA/NL/02 | PLAY RESPONSIBLY 18+ www.rgf.org.mt

Note: All odds are subject to fluctuation. Football long list bets are at 90 minutes play including injury time. Pre-game betting is allowed up till the final moments before the scheduled start of the match. Except in case of live betting, cancellation is allowed up to 5 minutes after the ticket was issued, or until the scheduled start of the first event in chronological order included on the coupon, whichever is earlier. Matches which are marked available for LIVE BETTING are indicative and the number of matches offered can both increase or decrease. For Rules and Regulations please refer to the U*BET players booklet at any Maltco Lotteries POS.